

# BULLETTIN *ta'* L-ARĊIDJOĊESI *u* LITURĠIJA *tal-* KELMA

**Nru. 91**
**Avvent 1996**

# BULETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 91 Avvent 1996

## WERREJ

Messaġġi tal-Papa

għal Jum l-Emigrant u r-Refuġjat 1996 ... 1

għal Jum iż-Żgħażagħ 1997 ... 6

fit-300 sena mil-mewt ta' San Alfons ... 12

lill-Abbati Primat O.S.B. ... 17

Pastorali ta' l-Isqfijiet: "Ma Marija lejn is-sena 2000" ... 20

Pastorali ta' l-Isqfijiet għall-elezzjoni ... 23

Messaġġi ta' l-Arċisqof ... 26

Nomini mill-Kurja ... 50

Ċirkularijiet tal-Kurja (n. 340-346) ... 51

Talbiet tal-fidili ġodda ... 58

Korsijiet fl-Istitut għall-Ministeru tal-Kelma 1996-97 ... 61

Eżempji ta' Omeliji ... 63

Intenzjonijiet għall-Apostolat tat-Talb 1997 ... 93

BULLETTIN TA' L-ARĊIDJOĊESI
U LITURĠIJA TAL-KELMA

Nru. 91 Avvent 1996

# Jum l-Emigranti u r-Rifuġjati 1996

*Messaġġ tal-Papa*

Għeżież Ħuti,

1. Il-ġrajjiet ta' l-emigranti u n-niket u t-tiġrib tar-rifuġjati, xi drabi mhux meqjusin biżżejjed mill-opinjoni pubblika, ma jistax ikun li ma jqanqlux f'kull min jemmen tisħib u interess kbir. B'dan il-messaġġ għall-Jum l-Emigrant u r-Rifuġjat 1996, barra li nuri l-interess tiegħi li ma jonqos qatt għall-qagħda hekk drammatika ta' min iħalli art twelidu, nixtieq nistieden lil-Isqfijiet, lil-kappillani, lill-persuni konsagrati, lill-gruppi parrokkjali, lill-assoċjazzjonijiet ekklesjali u l-volontarjat biex jagħarfu dejjem aktar fil-fond dan il-fenomenu. Dan il-Jum għalhekk għandu joffrilna okkażjoni biex naħsbu fuq il-qagħda ta' l-emigranti u tar-rifuġjati, biex naraw x'inhuma l-ħtiġiet ewlenin tagħhom u nsibu tweġiba għalihom li tkun l-aktar taqbel mad-dinjità tagħhom ta' persuni u mad-dmir tagħna li nilqgħuhom fostna.

Il-fenomenu tal-emigrazzjoni llum jidher bħala **moviment ta' għadd kbir ta' nies** li qed jimpenja l-kotra l-kbira tal-persuni fqar u neqsin minn kull ħtieġa, imġiegħelin iħallu pajjiżhom minħabba gwerer, qagħdiet ekonomiċi mill-agħar, ġlied politiku etniku u soċjali, u disgrazzji naturali. Iżda huma wkoll ħafna dawk li jħallu pajjiżhom għal raġunijiet oħra. Il-progress fil-mezzi tat-trasport, il-ħeffa li biha tasal kull informazzjoni, it-tkattir tar-relazzjonijiet soċjali, il-ġid li dejjem aktar qed jikber, żmien liberu iżjed għall-bniedem, it-tkattir ta' interessi kulturali, dan kollu wassal biex iċ-ċaqliq tan-nies minn post għal-ieħor jiżdied b'mod tassew ta' l-għaġeb b'mod li llum bilkemm tista' tikkontrollah, hekk li qed iwassal biex f'kull metropoli tad-dinja jinsabu għadd ta' kulturi differenti li jġibu magħhom qagħdiet soċjo-ekonomiċi ġodda.

L-emigrazzjoni mbagħad, qed tlaqqa' flimkien, fil-ħajja ta' kull jum, nies ta' reliġjonijiet differenti, u dan wassal biex fl-istess post ikun hemm

elementi ta' diversità soċjali. Il-pajjiżi li ħassew sewwa dan it-tibdil huma l-pajjiżi tal-punent, pajjiżi fil-kotra l-kbira tagħhom pajjiżi nsara. F'xi wħud minn dawn il-pajjiżi mhux biss hemm ħafna reliġjonijiet, imma xi wħud minn dawn ir-reliġjonijiet ilhom hemm żmien twil. U lil dawn ir-reliġjonijiet li ilhom fil-pajjiż, xi gvernijiet tawhom tagħrif uffiċjali, u dan ifisser li qed igawdu ħarsien, libertà ta' ħidma, u għajnuna ekonomika f'inizjattivi kulturali u soċjali.

Il-Knisja hija u tagħraf **id-dritt għal-libertà fil-kult** lill-bnedmin kollha, taqbel ma' din il-qagħda. Anzi turi stima u rispett għal dawk li jħaddnu reliġjonijiet oħra, u tixtieq ikollha magħhom relazzjonijiet ta' ħidma flimkien u, bi spirtu ta' fiduċja u ta' djalogu, flimkien magħhom tixtieq tgħin ħa jinħallu l-problemi li qed jidhru fid-dinja ta' llum.

2. **Id-dmir tax-xandir tal-Kelma ta' Alla, li Ġesù ried jafdah lill-Knisja, sa mill-bidu intiseġ mal-ġrajja ta' l-emigrazzjoni ta' l-insara.** Fl-enċiklika *Redemptoris missio* fakkart kif fl-ewwel żminijiet, il-Kristjaneżmu xtered l-aktar għax l-insara kienu jmorru minn post għal-ieħor u jmorru jgħixu f'pajjiżi fejn Kristu kien għadu ma tħabbarx, u hemm taw xhieda għalih bil-kuraġġ tal-fidi tagħhom, u waqfu l-ewwel komunitajiet insara (n. 37).

Dan seħħ ukoll fi żminijiet qrib tagħna. Fl-1989 kont ktibt li spiss fil-bidu ta' komunitajiet insara li llum huma f'qagħda mill-aħjar, insibu grupp żgħir ta' emigranti, immexxijin minn saċerdot, li kienu jinġabru fi knejjes żgħar biex jisimgħu l-Kelma ta' Alla, u jitolbuh il-kuraġġ ħa jkunu jistgħu jegħlbu l-provi u s-sagrifiċċji tal-qagħda mwiegħra tagħhom (ara *Messaġġ għall-Jum l-Emigrant,* 1989). Ħafna popli waslu biex ikunu jafu min hu Kristu permezz ta' emigranti ġejjin minn pajjiżi ta' tradizzjoni nisranija antika ħafna.

Illum il-moviment ta' l-emigrazzjoni qisu ħa rotta kuntrarja. Illum huma **dawk li m'humiex insara li b'għadd dejjem akbar qed jiġu f'pajjiżi ta' tradizzjoni nisranija** ifittxu x-xogħol u qagħda ta' ħajja aħjar; spiss dan qed jagħmluh bħala **klandestini u rifuġjati**. Dan qed joħloq problemi komplikati ħafna u mhux ħaġa ħafifa ssib soluzzjoni għalihom. Min-naħa tagħha l-Knisja tħoss il-ħtieġa li tkun, bħas-samaritan it-tajjeb, qrib min hu klandestin u rifuġjat, ikoni llum ta' dak li kien sejjer lejn Geriko u ġie misruq, imsawwat u mħolli nofsu mejjet fil-ġenb tat-triq (ara Lq 10,10). Tersaq lejh u ssawwab fuq il-ġrieħi tiegħu iż-żejt tal-faraġ u l-inbid tat-tama (ara Missal Ruman, *Prefazju komun VII*), għax tħoss li hu sinjal ħaj ta' Kristu li ġie fid-dinja biex il-bnedmin ikollhom il-ħajja u ħajja bil-kotra (Ġw 10,10).

B'dan il-mod, dak li tagħmel, tagħmlu bl-ispirtu ta' Kristu u timxi warajh, hija u tieħu ħsieb fl-istess waqt tax-xandir tal-Bxara t-tajba u tas-

solidarjetà mal-proxxmu, żewġ elementi hekk marbutin ma' xulxin fil-ħidma tal-Knisja.

3. Il-ħtieġa li kemm jista' jkun malajr tingħata għajnuna lill-emigranti fil-qagħda mwiegħra li fiha spiss isibu ruħhom, ma għandux ikun ta' tfixkil għat-tħabbira tal-veritajiet ta' l-aħħar – in-novissimi – li fuqhom timbena t-tama nisranija. L-evanġelizzazzjoni tfisser li tagħti sodisfazzjon lil kulħadd tat-tama li għandna (ara 1 Piet 3,15).

Id-dinja ta' llum, spiss immarkata minn tant inġustizzji u egoiżmi, turi spiss interess tassew ta' l-għaġeb fil-ħarsien ta' min hu dgħajjef u ta' min hu fqir. Fost l-insara, f'dawn l-aħħar snin, dehret ħerqa għas-solidarjetà, ħerqa li qed timbotta għax-xhieda aktar effikaċi ta' l-Evanġelju ta' l-imħabba. Iżda l-imħabba u l-qadi tal-foqra m'għandhomx iwasslu biex inaqqsu l-valur tal-**ħtieġa tal-fidi** u hekk inġibu firda artifiċjali fil-kmandament waħdieni tal-Mulej, li jistedinna nħobbu fl-istess waqt lil Alla u lill-proxxmu.

L-impenn tal-Knisja favur l-emigranti u r-rifuġjati ma għandux iwassal biss ħa jkun hemm strutturi fejn jiġu milqugħin dawn in-nies u fejn isibu solidarjetà. Din il-qagħda ġġib fix-xejn l-għana tal-vokazzjoni ekklesjali, msejħa l-ewwelnett biex tħabbar il-fidi, li "tissaħħaħ meta tingħata" (*Redemptoris missio*, n. 2). Fi tmiem ta' ħajjitna, ilkoll niġu ġġudikati fuq l-imħabba, fuq l-għemejjel ta' mħabba li nkunu għamilna ma' l-"iżgħar" fost ħutna (ara Mt 25,31-45), imma niġu ġġudikati wkoll fuq il-karaġġ u l-fedeltà li nkunu wrejna aħna u nagħtu xhieda għal Kristu. Fl-Evanġelju Ġesù qal: "Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jiena wkoll nistqarr li jiena miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet. Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien wkoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet" (Mt 10,32-33).

Għan-nisrani kull ħidma għandha l-bidu u t-tmiem tagħha fi Kristu. Kull min hu mgħammed, dak li jagħmel jagħmlu mqanqal mill-imħabba għalih u jaf li l-ħidmiet kollha tiegħu huma effikaċi għax hu ta' Kristu: "Mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn" (Ġw 15,5). Bħal Ġesù u bħall-Appostli, li wara li ħabbru s-Saltna, taw ukoll sinjali bil-fatti tas-sħuħija tagħha, **in-nisrani jevanġelizza bil-kelma u bl-għemil**, it-tnejn frott tal-**fidi fi Kristu**. L-għemejjel kollha tiegħu huma l-"fidi li qed taħdem", waqt li l-kelma tiegħu hi l-"fidi li qed titkellem". Kif ma hemmx evanġelizzazzjoni mingħajr l-ħidma karittativa li tiġi wara, hekk m'hemmx vera mħabba mingħajr l-ispirtu ta' l-Evanġelju: huma żewġ aspetti marbutin ma' xulxin b'rabta liema bħalha.

4. "Mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla" (Mt 4,4). Hu ragħaj tassew, ukoll meta hu mifni minn

problemi prattiċi kbar, dak li qatt ma jinsa li l-emigranti **jeħtieġu lil Alla** u li ħafna qed ifittxuh bis-sinċerità kollha. Iżda dawn, bħad-dixxipli ta' Għemmaws, mhux dejjem kapaċi jagħrfuh (Lq 24,16). Għalhekk huma wkoll għandu jkollhom preżenza li tissieħeb magħhom u tismagħhom, issemmagħlhom il-Kelma ta' Alla, tqanqal it-tama f'qalbhom, u twassalhom għal-laqgħa ma' Kristu rxoxt. Din hi **l-mixja missjunarja tal-Knisja**: tmur tiltaqa' ma' bnedmin ta' kull razza, lsien, u nazzjon u turihom is-simpatija u l-imħabba kollha tagħha, u bi spirtu evanġeliku taqsam magħhom il-qagħdiet tagħhom ħa tqassmilhom il-ħobż tal-Verità u ta' l-Imħabba.

Dan hu l-ispirtu appostoliku li juri ruħu fl-esperjenza missjunarja ta' l-ewwel komunitajiet insara, fil-ġrajja tal-predikazzjoni ta' Filippu lill-ministru ta' Kandaċi, sultana ta' l-Etjopja (ara Atti 8,27-40), u fl-episodju tal-ħolma ta' l-appostlu San Pawl (ara Atti 18,9-11). Dan, huwa u jaħdem fil-belt ta' Korintu, fejn il-popolazzjoni fil-kotra l-kbira tagħha kienet magħmula minn imigranti li kienu jaħdmu fil-port, ġie mħeġġeġ mill-Mulej biex ma jibżax imma jkompli jitkellem u ma jiskotx iżda jafda fil-qawwa fejjieda tal-għerf tas-Salib (ara 1 Kor 1,26-27).

Il-ġrajjiet ta' l-Appostlu San Pawl, li fihom ifakkruna l-Atti ta' l-Appostli, huma xhieda li hu, konvint kif kien li ma hemmx salvazzjoni mingħajr Kristu, kien kollu kemm hu moħħu li jaħtaf kull ċirkostanza biex iħabbar 'il-Messija. Dan l-impenn kien jgħixu bħala dmir: "Jekk jien inxandar l-Evanġelju m'għandix biex niftaħar, jien obbligat nagħmlu dan. Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor 9,16). Kien jaf bid-**dritt** li lil-bnedmin taslilhom it-tħabbira tas-salvazzjoni. Dwar dan, il-predeċessur tiegħu, il-Qaddej ta' Alla, Pawlu VI, fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii nuntiandi* kiteb: "Il-ħafna problemi komplessi li hemm m'humiex stedina għall-Knisja biex ma tħabbarx 'il Kristu lil dawk li m'humiex insara. Anzi, għall-kuntrarju, il-Knisja taħseb li din il-kotra kbira ta' bnedmin għandha d-dritt li tagħraf l-għana bla qies tal-misteru ta' Kristu, li fih aħna nemmnu u li fih l-bnedmin kollha jistgħu jsibu, f'milja li qatt ma jistgħu jobsruha, dak kollu li qegħdin ifittxu b'diffikultajiet kbar, dwar Alla, dwar il-bniedem u d-destin tiegħu, dwar il-ħajja u l-mewt, u dwar il-verità" (n. 53).

5. L-Evanġelju ta' San Ġwann jinsisti fuq il-fatt li bil-mewt tiegħu Kristu ried jiġbor "'l ulied Alla li kienu mxerrdin" (ara Ġw 12,21). L-istess Evanġelju jirrakkonta li, fi żmien il-festa ta' l-Għid, xi Griegi resqu fuq Filippu u talbuh biex jistgħu jaraw lil Ġesù (ara Ġw 12,21). Filippu, wara li ħa l-parir ta' Andrija, tkellem mal-Mulej u dan qallu: "Waslet is-siegħa li Bin il-bniedem ikun igglorifikat ... Jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-

art u tmut, hi tibqa' waħedha, imma jekk tmut tagħmel ħafna frott. Min iħobb lil ħajtu jitlifha, imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem. Jekk xi ħadd irid jaqdini, għandu jimxi warajja ..." (Ġw 12,23-26).

Kienu Griegi, jiġifieri pagani, dawk li riedu jiltaqgħu mal-Mulej. Din it-tweġiba tiegħu, ma' l-ewwel daqqa ta' għajn, tidher li ma għandha x'taqsam xejn mat-talba tagħhom. Iżda fid-dawl ta' dak li ġara fuq il-Kalvarju, nifhmu li t-tislib ta' Ġesù kien il-kondizzjoni meħtieġa għall-glorifikazzjoni tiegħu quddiem il-Missier u quddiem il-bnedmin, u li biss **id-dinamiżmu tal-misteru ta' l-Għid** jista' jissodisfa għal kollox ix-xewqa tal-bnedmin li jaraw lil Ġesù u jiltaqgħu miegħu. Il-Knisja hi msejħa biex ikollha djalogu ħaj mal-bnedmin kollha mhux biss biex twaslilhom il-valuri veri imma l-aktar biex **turihom u tirrivelalhom il-misteru ta' Kristu** għax fih biss il-persuna tal-bniedem tilħaq id-dimensjoni l-aktar vera tagħha. "Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed l-bnedmin kollha lejja" (Ġw 12,32). Din il-"ġibda" iseħibna fil-komunità ta' l-imħabba, u tagħtina l-ħila li naħfru u nħobbu lil xulxin, u hekk isseħħ il-vera promozzjoni tal-bniedem.

Il-Knisja **għax taf li hi l-post fejn in-nies jistgħu "jaraw" lil Ġesù u jġarrbu l-imħabba tiegħu** tkun taqdi l-missjoni tagħha jekk tagħmel ħilitha biex toffri, fid-dawl tas-Salib, xhieda b'konvinzjoni dejjem akbar ta' l-imħabba tal-Feddej, "sakemm aħna lkoll naslu biex inkunu ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien ta' l-Iben ta' Alla; insiru raġel magħmul fl-aħjar ta' żmienu u hekk isseħħ il-milja ta' Kristu" (Ef 4,13).

Is-sena 1997 hi l-ewwel waħda mit-tliet snin ta' tħejjija għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000: ma' tulu l-insara huma msejħin biex iżommu l-ħarsa tagħhom l-aktar fuq il-figura ta' Kristu. Inġedded l-istedina tiegħi lil kulħadd biex isaħħu dejjem aktar ix-xirka tagħhom ma' Ġesù u juru l-fidi tagħhom fih permezz ta' għemejjel ta' mħabba (ara Gal 5,6), b'mod speċjali bi ftuħ lejn min hu fil-bżonn jew f'xi diffikultajiet. B'dan il-mod t-tħabbira ta' l-Evanġelju ikollha qawwa akbar, u l-messaġġ ta' tama u ta' mħabba jkun dejjem aktar ħaj għall-bnedmin ta' kull żmien.

B'dawn ix-xewqat tajba tiegħi, minn qalbi nagħti l-barka appostolika tiegħi lill-emigranti u lir-rifuġjati u lill dawk kollha li bl-imħabba qed jinteressaw ruħhom mill-qagħda xejn ħafifa tagħhom.

Minn Castel Gandolfo, 21 ta' Awissu, 1996.

Ioannes Paulus pp. II

# Jum iż-Żgħażagħ 1997

## *Messaġġ tal-Papa*

(Fejn toqgħod, Rabbi? Ejjew u araw" Ara Ġw 1,38-39)

Għeżież żgħażagħ,

1. Kollni ferħan inkellimkom ħa nkomplu flimkien id-djalogu twil bejnietna fl-okkażżjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. F'xirka sħiħa mal-poplu kollu ta' Alla miexi lejn il-Ġublew il-kbir tas-sena 2000, nixtieq din is-sena nistedinkom tiffissaw il-ħarsa tagħkom f'Ġesù, l-Imgħallem u s-Sid ta' ħajjitna, permezz tal-kliem li nsibu fl-Evanġelju ta' San Ġwann: "Fejn toqgħod, Rabbi? Ejjew u araw" (Ġw 1,38-39).

Fil-knejjes lokali kollha, f'dawn ix-xhur li ġejjin, se tkunu mar-ragħajja tagħkom biex taħsbu fuq dan il-kliem ta' l-Evanġelju. Imbagħad, f'Awissu tas-sena 1997, ngħix flimkien ma' ħafna minnkom iċ-ċelebrazzjoni tat-tnax-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'livell internazzjonali f'Pariġi, fil-qalba ta' l-Ewropa. F'dik il-belt, minn fejn, għall-mijiet ta' snin, għaddew tant popli, fejn, għall-mijiet ta' snin, iltaqgħu ħafna suriet ta' l-arti u tal-kultura, iż-żgħażagħ Franċiżi ġa qed iħejju ruħhom b'entużjażmu kbir biex jilqgħu żgħażagħ ta' mparhom ġejjin minn kull rokna tad-dinja. Miexi wara s-Salib tas-Sena mqaddsa, l-poplu ta' ġenerazzjonijiet żgħażagħ li jemmnu fi Kristu, se jerġa' jkun għal darb'oħra jkona ħajja tal-Knisja miexja tul it-triqat tad-dinja, u, fil-laqgħat ta' talb u riflessjoni, fid-djalogu li jgħaqqad 'l hemm minn kull differenza ta' lsien jew ta' razza, fil-qsim flimkien ta' l-istess ideali, ta' l-istess problemi u ta' l-istess tamiet, jikseb esperjenza ħajja ta' kemm hi vera l-wegħda ta' Ġesù: "Fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom" (Mt 18,20).

2. Żgħażagħ tad-dinja kollha, tul il-mogħdijiet tal-ħajja tagħkom ta' kull jum intom tistgħu tiltaqgħu mal-Mulej. Ma tiftakrux fid-dixxipli li marru fix-xtut tal-Ġordan biex jisimgħu kliem l-aħħar wieħed fost il-profeti kbar, Ġwanni l-Battista, li ndikalhom lil Ġesù ta' Nażaret, bħala l-Messija, il-Ħaruf ta' Alla? Imqanqlin mill-kurżità, iddeċidew li jimxu warajh mill-bogħod, ftit imbeżżgħin u mifxulin, sakemm hu dar lejhom u staqsiehom: "Xi tridu?" u hekk ta bidu għad-djalogu li bih bdiet l-avventura ta' Ġwanni, Indrì, Xmun "Pietru" u l-Appostli l-oħra (ara Ġw 1,29-51).

Fil-ġrajja ta' dik il-laqgħa ta' l-għaġeb, imfissra bi ftit kliem essenzjali, insibu l-bidu ta' kull mixja tal-fidi. L-inizjattiva hi ta' Ġesù. Meta wieħed għandu x'jaqsam miegħu, il-mistoqsija malajr tinqaleb, u wieħed flok ma jistaqsi jiġi mistoqsi, flok wieħed "qiegħed ifittex" insibu wieħed "imfittex": dan għax Ġesù hu dejjem dak li ħabbna qabel ħabbejnih aħna stess (ara Ġw 4,10). Din hi d-dimensjoni fondamentali tal-laqgħa: hi laqgħa mhux ma' xi ħaġa imma ma' xi Ħadd, ma' Dak li hu l-Ħaj. L-insara m'humiex dixxipli ta' xi sistema filosofiku: huma rġiel u nisa li, bil-fidi, kellhom l-esperjenza tal-laqgħa ma' Kristu (ara 1 Ġw 1,1-4).

Qed ngħixu fi żmien ta' ħafna taqlib, żmien li fih qed jispiċċaw malajr fix-xejn ħafna ideoloġiji li kienu jidhru li mhux se jġarrbu ebda ħsara bit-tgerbib tas-snin, żmien li fih fid-dinja qed jinbidlu l-fruntieri u t-trufijiet tal-pajjiżi. Il-ġens kollu tal-bnedmin qed isib ruħu mhux żgur, imħawwad, imħasseb (ara Mt 9,36), iżda l-kelma ta' Alla tibqa' dejjem; timxi mal-ġrajja tad-dinja, u tibqa' sħiħa u kollha dija, waqt li jinbidlu l-ġrajjiet (Mt 24,35). **Il-fidi tal-Knisja hi mibnija fuq Ġesù Kristu, Feddej waħdieni tad-dinja: il-bieraħ, illum u għal dejjem** (ara Lhud 13,8). Tibgħatna għand Kristu, għax lilu jsiru l-mistoqsijiet li joħorġu mill-qalb tal-bniedem quddiem il-misteru tal-ħajja u tal-mewt. Minn għandu biss jista' jaslilna tweġib li la jqarraq u lanqas jidħaq bina.

Jiena u niftakar fil-kliem li għedtuli fil-ħafna laqgħat li kelli x-xorti ngħix bil-ferħ magħkom tul il-ħafna vjaġġi appostoliċi tiegħi f'kull parti tad-dinja, jidhirli li qed nisma', ħerqana u ħajja, il-mistoqsija tad-dixxipli: "Fejn toqgħod?" Tgħallmu isimgħu, fis-skiet tat-talb, it-tweġiba ta' Ġesù: "Ejjew u araw".

3. Għeżież żgħażagħ, **imxu wara Ġesù**, l-istess bħall-ewwel dixxipli. Tibżgħux tersqu lejh, taqsmu l-għatba ta' daru, titkellmu miegħu wiċċ imb'wiċċ, qiskom ma' ħabib (ara Eż 33,11). Tibżgħux mill-"ħajja ġdida" li qed joffrilkom: hu stess jgħinkom tilqgħuha u tgħixuha, bl-għajnuna tal-Grazzja tiegħu u d-don ta' l-Ispirtu tiegħu.

Iva: Ġesù hu **ħabib li jitlob ħafna**, li jurikom għaniet għoljin ħafna, li jitlobkom toħorġu minnkom infuskom biex tiltaqgħu miegħu u tafdawlu ħajjitkom kollha; "min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, u għall-Bxara t-tajba, isalvaha" (Mk 8,35). Din tista' tidher xi ħaġa tqila ħafna u xi drabi tbeżża' wkoll. Iżda, nistaqsikom, x'inhu aħjar: tgħix ħajja bla ebda ideali f'dinja imfassla skond is-sura u x-xbieha tiegħek jew tfittex b'ġenerożità kbira kull ma hu veru, tajjeb u ġust, taħdem għal dinja li turi l-ġmiel ta' Alla wkoll jekk dan jitlob minnek li jkollok tħabbat wiċċek mal-provi li jkunu meħtieġa?

Ġarrfu l-ħitan ta' kull ma hu superfiċjali u ta' kull ma jbeżża'. Għarfu

li intom irġiel u nisa "ġodda" li twelidtu mill-ġdid bil-Grazzja tal-magħmudija, tkellmu ma' Ġesù fit-talb u fis-smigħ tal-kelma tiegħu; duqu l-hena ta' ħbiberija ma' Alla fis-sagrament tal-penitenza; irċievu l-ġisem u d-demm ta' Kristu fl-Ewkaristija; ilqgħuh u aqduh f'ħutkom. U hekk tagħrfu l-verità fuqkom infuskom, l-għaqda fikom infuskom u ssibu lill-"Int" li jfejjaq mill-qtigħ il-qalb, mill-biża' minn dak is-soġġettiviżmu esaġerat li jtelliflek il-paċi tar-ruħ.

4. "Ejjew u taraw". **Tiltaqgħu ma' Ġesù fejn il-bnedmin ibatu u jittamaw:** fl-irħula żgħar imxerrdin fil-kontinenti kollha qishom fit-tarf tal-ġrajja tal-bniedem, kif kienet Nazaret meta Alla bagħat l-anġlu tiegħu lil Marija; fl-ibliet il-kbar fejn eluf ta' eluf ta' bnedmin spiss qed jgħixu bħala barranin. Fil-fatt kull bniedem hu "ċittadin flimkien ma' Kristu".

**Ġesù jgħix ħdejkom**, ma' ħutkom li magħhom qed tgħixu l-ħajja tagħkom ta' kuljum. Wiċċu hu wiċċ **dawk l-iktar foqra**, l-imwarrbin spiss vittmi ta' sura inġusta ta' progress li jqiegħed il-qligħ fl-ewwel post u jagħmel il-bniedem mezz għall-qligħ f'lok għan fih innifsu. Id-dar ta' Ġesù tinsab kull fejn hemm bniedem qed ibati għax hu mċaħħad minn drittijietu, għax it-tamiet tiegħu ġew fix-xejn, għax il-qtigħ il-qalb tiegħu ħadd ma jaf bih. Hemm, fost il-bnedmin, hi d-dar ta' Kristu li jitlobkom, f'ismu, tixxuttaw kull demgħa u tfakkru lil min iħoss ruħu waħdu li ħadd qatt ma hu waħdu jekk iqiegħed it-tamiet tiegħu fi Kristu (ara Mt 25,31-46).

5 **Ġesù jgħammar fost dawk li ma għarfuhx**; fost dawk li għarfuh u mbagħad, mingħajr ħtija tagħhom, tilfuh; fost dawk kollha li **qed ifittxuh bis-sinċerità kollha ta' qalbhom** għalkemm huma ta' qagħdiet kulturali u reliġjonijiet oħra (ara *Lumen gentium,* 16). Intom id-dixxipli u l-ħbieb ta' Ġesù, oħolqu djalogu u kollaborazzjoni ma' dawk kollha li jemmnu f'Alla li jmexxi l-univers b'imħabba bla qjies; kunu ambaxxaturi ta' dak il-Messija li sibtuh u sirtu tafuh f'"daru", il-Knisja, b'mod li tant żgħażagħ ta' mparkom jistgħu jimxu warajh, imdawwlin mill-imħabba fraterna tagħkom u mill-ferħ tal-ħarsa tagħkom li kkontemplat lill Kristu.

**Ġesù jgħammar fost l-irġiel u n-nisa li "jġibu l-isem ta' nsara"** (ara *Lumen gentium,* 15). Kulħadd jista' jiltaqa' miegħu fil-Kotba Mqaddsa, fit-talb u fil-qadi tal-proxxmu. Lejlet it-tielet elf sena dejjem iktar jeħtieġ jidher malajr id-dmir li **npattu għall-iskandlu tal-firdiet bejn l-insara**, billi tissaħħaħ l-għaqda permezz tad-djalogu, tat-talb flimkien u tax-xhieda. Dan ma jfissirx li għandna ninsew in-nuqqas ta' qbil li hemm u l-problemi li jinħolqu minn ċertu relattiviżmu dgħajjef, għax hekk inkunu qed naħbu l-ġerħa mingħajr ma nfejjquha, bil-periklu li nieqfu mill-mixi qabel ma

naslu għall-għan ta' l-għaqda sħiħa. Għall-kuntrarju, irridu naħdmu, imdawwlin mill-Ispirtu s-Santu, għal **rikonċiljazzjoni tassew**, aħna u nafdaw fil-qawwa tat-talba li għamel Ġesù lejlet il-passjoni tiegħu: "Missier, ħa jkunu ħaġa waħda, kif aħna ħaġa waħda" (ara Ġw 17,22). Iktar ma tintrabtu ma' Ġesù aktar tistgħu tkunu qrib l-oħrajn, u daqskemm tagħmlu bil-fatti għemil ta' rikonċiljazzjoni daqshekk ieħor tidħlu fl-intimità ta' l-imħabba tiegħu.

**Ġesù b'mod speċjali jgħammar fil-parroċċi tagħkom** fil-komunitajiet fejn tgħixu, fl-assoċċjazzjonijiet u fil-movimenti li tagħhom intom membri, kif ukll f'dawk is-suriet ta' għaqdiet u appostolat ta' llum għall-qadi ta' l-Evanġelizzazzjoni l-ġdida. L-għana ta' tant kariżmi hu ta' ġid għall-Knisja kollha u jinbotta lil kull min jemmen biex jagħti kull ma jista' jagħmel għall-qadi ta' Sid wieħed, għajn ta' salvazzjoni għall-ġens kollu tal-bnedmin.

6. Ġesù hu "il-kelma tal-Missier" (ara Ġw 1,1) mogħtija lill-bnedmin biex turi l-wiċċ ta' Alla u tagħti tifsir u għan lill-mixi tagħhom. "Alla fl-imgħoddi kellem lill-missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien kellimna permezz ta' Ibnu li hu għamlu werriet ta' kollox u li bih ukoll għamel il-ħolqien" (Lhud 1,1-2). Il-kelma tiegħu m'hijiex impożizzjoni li tqaċċat il-bieb tal-kuxjenza imma hi leħen li jrid jikkonvinċi, don mogħti b'xejn biex isir mezz ta' salvazzjoni fil-ħajja konkreta ta' kull wieħed jitlob qagħda responsabbli, qalb safja u fehma ħielsa.

Għeżież żgħażagħ, fil-gruppi tagħkom, kattru l-okkażżjonijiet tas-smigħ u ta' l-istudju tal-Kelma tal-Mulej, l-aktar permezz tal-**lectio divina**: hemm issibu is-sigrieti tal-Qalb ta' Alla u tiksbu d-dixxerniment ta' kull qagħda u tat-tibdil tar-realtà. Immexxijin mill-Kotba mqaddsa, tkunu tistgħu tagħrfu l-presenza tal-Mulej fil-ġranet tagħkom, u mbagħad id-"deżert" ukoll jista' jsir "ġnien", fejn il-kreatura tkun tista' titkellem b'mod familjari mal-Ħallieq tagħha. "Meta naqra l-Kotba mqaddsa, Alla jinżel jimxi fil-ġenna ta' l-art" (San Ambroġ, *Epist.* 49,3).

7. **Ġesù jgħammar fostna fl-Ewkaristija:** fiha sseħħ bl-ogħla mod il-presenza rejali tal-Mulej, fl-istess waqt tal-ġrajja tal-bniedem. Fost l-inċertezzi u d-distrazzjonijiet tal-ħajja ta' kull jum, kunu ixbħu d-dixxipli sejrin lejn Għemmaws, u bħalhom għidulu, huwa u se jaqsam il-ħobż: "Ibqa' magħna għax issa sar ħafna ħin, u l-jum ġa wasal biex jintemm" (Lq 24,29). Itolbu lil Ġesù biex fil-ħafna triqat lejn l-Għemmaws ta' żmienna, jibqa' dejjem magħkom. Ħa jkun hu l-qawwa tagħkom, it-tama ta' dejjem tagħkom: lejh dejjem ħarsu. Għeżież żgħażagħ araw li qatt ma jonqos il-

ħobż ewkaristiku minn fuq l-imwejjed ta' ħajjitkom. Hu dan il-Ħobż li jagħtikom il-qawwa li tagħtu xhieda tal-fidi tagħkom.

Madwar il-mejda ewkaristika sseħħ u tidher l-għaqda ħienja tal-Knisja, misteru ta' xirka missjunarja, li fiha **ilkoll iħossu li huma wlied u aħwa,** bla esklużjoni u differenzi ta' razza, ta' lsien, ta' għomor, ta' qagħda soċjali u ta' kultura. Għeżież żgħażagħ, agħtu sehemkom b'ġenerożità kbira u b'responsabbiltà sħiħa, biex bla heda tibnu l-Knisja bħala familja, post ta' djalogu u post fejn tilqgħu lil xulxin, qasam ta' sliem, ta' ħniena u ta' maħfra.

8. Imdawwlin mill-kelma u mqawwijin mill-ħobż ta' l-Ewkaristija, għeżież żgħażagħ, **intom msejħin biex tkunu xhieda** ta' min joqgħod fuqhom ta' l-Evanġelju, ta' Kristu, li jġedded kollox.

Iżda kif se tingħarfu li intom dixxipli ta' Kristu? Mil-fatt li "tħobbu lil xulxin" (Ġw 13,35) bl-istess imħabba li ħabbkom hu: imħabba li m'hijiex għajjura, u taf tistabar u tħenn u ma tiċċaħħad lil ħadd (ara 1 Kor 13,4-7). **Il-fedeltà tagħkom lejn il-kmandament ġdid** hi ċertifikat li l-imġiba tagħkom taqbel mat-tħabbira li xxandru. Din hi l-"ħaġa ġdida" li tista' tgħaġġeb lid-dinja li għadha mġarrba u mifruda minn ħafna ġlied u vjolenza, xi drabi fid-dieher u drabi oħra moħbi u bil-kemm tintebaħ bih. F'din id-dinja intom imsejħin biex **tgħixu l-fraternità** mhux bħala xi ħolma imma bħala realtà li tista' tkun; f'din is-soċjetà intom imsejħin biex, bħala veri missjunarji ta' Kristu, tibnu iċ-ċiviltà ta' l-imħabba.

9. Fit-30 ta' Settembru 1997 jaħbat iċ-ċentinarju tal-mewt ta' **Santa Tereża ta' Lisieux**. Il-figura tagħha, f'pajjiżha, ma jistax ikun li ma tiġbidx l-attenzjoni ta' tant żgħażagħ pellegrini, proprju għaliex Santa Tereża kienet qaddisa żagħżugħa li qiegħda xxandrilna din it-tħabbira hekk sempliċi u hekk suġġestiva, mimlija stgħaġib u gratitudni, li Alla hu mħabba; kull persuna hi maħbuba minn Alla, li jistenna li kulħadd jisimgħu u jħobbu. Dan hu messaġġ li intom iż-żgħażagħ imsejħin biex tilqgħu u xxandruħ fost dawk kollha ta' mparkom: "Il-bniedem hu maħbub minn Alla! Din hi bxara sempliċi ħafna li tħawwadna, bxara li n-nies jafuha lill-Knisja" (*Christifideles laici* 34).

Miż-żogħżija ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù joħorġu l-entużjażmu tagħha għall-Mulej, is-sensibbiltà qawwija li biha għexet din l-imħabba, il-kuraġġ xejn qarrieqi tal-proġetti kbar tagħha. Bil-ġmiel ta' qdusitha, hi turi li Alla jagħti liż-żgħażagħ ukoll bil-kotra t-teżori ta' l-għerf tiegħu.

Imxu magħha fit-triq umli u sempliċi tal-kobor sħiħ nisrani, fl-iskola ta' l-Evanġelju. Kunu magħha fil-"qalba" tal-Knisja, għixu bħala b'mod radikali l-għażla għal Kristu.

10. Għeżież żgħażagħ, fid-dar fejn jgħammar Ġesù, ssibu **il-ħlewwa tal-preżenza ta' l-Omm**. Hu fi ħdan Marija li l-Verb sar bniedem. Il-Verġni Marija, għax laqgħet il-ħidma fdata lilha fil-pjan tas-salvazzjoni, saret eżempju għal kull dixxiplu ta' Kristu.

F'idejha nħalli t-tħejjija u ċ-ċelebrazzjoni tat-Tnax-il Jum Dinji taż-Żgħażagħ, flimkien ma' dak kollu li jittamaw u jistennew iż-żgħażagħ, li f'kull naħa tad-dinja, magħha qed itennu: "Hawn jien il-qaddejja tal-Mulej, ħa jsir minni skond kelmtek" (Ara Lq 1,38), u jmorru jiltaqgħu ma' Ġesù ħa joqgħodu miegħu f'daru, huma u jgħidu liż-żgħażagħ kollha ta' mparhom, dak li qalu l-Appostli: "Sibna l-Messija" (Ġw 1,41).

B'dawn is-sentimenti nibgħat lil kull wieħed u waħda minnkom tislima mill-qalb, waqt li nagħtikom il-barka tiegħi flimkien mat-talb tiegħi.

Minn Castel Gandolfo, illum 15 ta' Awissu 1996, solennità tat-Tlugħ tal-Mulej fis-sema.

Ioannes Paulus pp. II

# F'Għeluq it-Tlitt Mitt Sena mit-Twelid ta' San Alfons Marija de' Liguori

*Messaġġ tal-Papa*
*lill-P. Ġwann M. Klasso de la Vega,*
*Superjur Ġenerali tar-Redentoristi*

*Għalkemm l-Ittra hi miktuba għar-Redentoristi, it-tagħlim u t-twissijiet tagħha jgħoddu għas-saċerdoti kollha, djoċesani wkoll.*

1. It-Tlitt mitt sena mit-Twelid ta' San Alfons Marija de' Liguori (27 ta' Settembru 1596), hi raġuni mill-aħjar biex inroddu ħajr lil Alla għal **copiosa redemptio** li dan il-qaddis ħabbar lill-imwarrbin u lil-foqra, tħabbira li kienet is-sigriet tal-ħajja ta' dan il-qaddis. Fl-istess waqt din l-okkażjoni għandha tħeġġeġ ir-Redentoristi kollha ħa jkunu fidili għall-kariżma tagħhom, huma u jgħixuh b'kuraġġ u l-fiduċja kollha fid-dawl ta' l-isfidi li se jkollha l-Knisja fl-għatba tat-tielet elf sena.

Kif ġa kont ktibt f'għeluq il-mitejn sena mill-mewt ta' San Alfons, b'ferħ liema bħalu ningħaqad mar-Redentoristi kollha fit-tifkira ta' qaddis li kien mgħallem ta' l-għerf fi żmienu u li bit-tagħlim tiegħu għadu jdawwal, bħala rifless tad-dawl ta' Kristu, id-dawl tal-ġnus, il-mixja tal-poplu ta' Alla (ara Ittra Appostolika *Spiritus Domini*, 1987).

Dak in-nhar, b'rabta ma' dak li qalu l-Papiet ta' qabli, wara li fakkart l-aspetti fondamentali tat-tagħlim spiritwali, morali u pastorali ta' San Alfons, ridt infakkar ix-xewqat ta' dan il-missier hekk kbir għall-wirt tiegħu, xewqat li wera f'ħajtu, fil-ħidma pastorali tiegħu u fil-kitba tiegħu: fedeltà lejn Kristu u l-Evanġelju, fedeltà lejn il-Knisja u l-missjoni tagħha fid-dinja, fedeltà lejn il-bniedem u lejn żmienna, fedeltà lejn il-kariżma ta' l-Istitut tar-Redentoristi (ara *ibid.*).

Dak li għedt dak in-nhar jaqbel li jiġi mtenni u żviluppat fid-dawl tat-tielet elf sena li hi hekk fil-qrib u li qed titlob mill-Knisja ħeġġa ġdida għall-evanġelizazzjoni, imwettqa minn konversjoni personali, komunitarja u soċjali.

2. Il-ħajja u t-tagħlim ta' San Alfons jiswew ħafna għal dan il-għan. Mill-"konverżjoni" tiegħu fl-1723, hu għex il-ħerqa liema bħalha għax-xandir ta' l-Evanġelju skond kliem San Pawl: "Jekk jiena nxandar l-Evanġelju m'għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan: ħażin għalija jekk jien

ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor 9, 16). Din it-tensjoni appostolika San Alfons riedha tkun ukoll il-karatteristika fondamentali u l-għan speċifiku tal-Kongregazzjoni li waqqaf tar-Redentòristi. Il-ħajja u l-ħidma tal-komunità redentorista tul il-mitejn sena tagħha għandhom l-għerq tagħhom f'dan id-dinamiżmu missjunarju. Xhud mill-aqwa ta' dan, fost oħrajn, hu Gennaro Marija Sarnelli (1702-1744) li ftit ilu daħħaltu fost l-għadd tal-Beati. Hu f'dan id-dawl li l-Kongregazzjoni kollha u kull membru tagħha għandhom ikomplu l-mixi tagħhom: hemm ħtieġa akbar illum fid-dinja għall-Evanġelju.

Jeħtieġ li jitħabbar bil-qawwa kollha t-tifsir sħiħ li Kristu jagħti lill-ħajja tal-bniedem, il-pedament sod fuq li sod li jagħti lill-valuri, it-tama ġdida li jdaħħal f'ħajjitna. Hi tħabbira li trid tiġi nkarnata bil-fatti fl-isfidi li għandhom quddiemhom il-bnedmin illum u li minnhom jiddependi l-istess ġejjieni tagħhom. Hekk biss tista' sseħħ bil-fatt dik iċ-ċiviltà ta' l-imħabba li kulħadd jistenna.

3. Is-suriet ta' din it-tħabbira jridu jiġu mġedda kontinwament fid-dawl tal-possibiltajiet u ta' l-esiġenzi ta' kull ambjent. Dan it-tiġdid hu meħtieġ aktar illum minħabba l-ħeffa li biha qed isseħħ l-evoluzzjoni soċjali u kulturali. B'mod speċjali dan jgħodd għall-"missjonijiet popolari" li f'dawn l-aħħar mitejn sena kienu l-karatteristika tal-predikazzjoni redentorista. Il-fedeltà lejn il-prinċipji fondamentali ta' San Alfons iridu bil-kuraġġ kollu jissieħbu ma' adattamenti f'waqthom, biex dan il-metodu ta' appostolat ikompli jwieġeb għat-tamiet tal-poplu ta' Alla.

Jeħtieġ ukoll li wieħed jagħmel użu minn dawk il-mezzi moderni li bihom wieħed jista' jwassal il-verità lill-irġiel u n-nisa ta' llum. Fost l-aspetti tal-ħidma ta' San Alfons li l-aktar jolqtuk illum hemm l-impenn tiegħu fl-istampa: l-għadd tal-kitbiet tiegħu, l-edizzjonijiet u t-traduzzjonijiet ta' dawn il-kitbiet li qatt ma waqfu, il-ħila li jwassal bi kliem sempliċi u li jifhmu kulħadd il-veritajiet l-aktar impenjattivi tal-fidi u tal-morali xerrdu t-tagħlim tiegħu fost il-poplu nisrani kollu. Hu dan li għandu jqanqal ir-Redentòristi ta' llum biex jużaw dejjem aktar u aħjar il-mezzi kollha ta' komunikazzjoni soċjali, waqt li jibqgħu jgħożżu stil sempliċi, ċar u sostanzjali.

It-tħabbira tkun awtentika jekk, skond il-pedagoġija ta' Kristu, tkun fil-fatt imsieħba mal-ħidma li bis-sabar kollu ssir mal-kuxjenza ta' kull persuna fil-mixi tagħha lejn dak li hu veru u tajjeb. San Alfons jixhed bil-qawwa kollha li l-mod ċar li bih issir il-predikazzjoni irid dejjem ikun il-mod li bih missier jilqa' lil ibnu u l-mod li bih tabib jistabar bil-marid – dan l-aktar fis-sagrament tar-rikonċiljazzjoni – ħalli kull persuna tkun tista' tiftaħ qalbha għall-ħidma ta' Kristu s-Salvatur. Dan jintalab b'mod

speċjali mir-Redentoristi jekk iridu jkunu fidili lejn il-Fundatur tagħhom; din il-ħila u dan l-impenn huma meħtieġa biex jitqanqlu l-kuxjenzi u jsir sforz etiku minn kulħadd u jiena ma nieqaf qatt intenni li b'hekk biss jistgħu jintrebħu l-problemi ta' llum, ukoll dawk l-aktar gravi bħalma huma dawk dwar il-ħajja (ara *Evangelium vitae* 95).

4. L-istudju fil-fond tat-teoloġija morali għandu postu f'din il-prospettiva. San Alfons ħabrek ħafna b'mod speċjali biex fi ħdan il-poplu nisrani kollu ma jkunx hemm firda bejn il-fidi u l-ħajja. Il-prattika tal-Fundatur għandha tħeġġeġ lil uliedu fil- ħidma pastorali tagħhom, speċjalment fen jidħol it-tiġdid tas-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni. Ma rridux ngħidu biss x'inhuma l-prinċipji, imma permezz tagħhom irridu ndawwlu l-ħajja ta' kull jum, b'mod li l-kuxjenza ta' kull min hu mgħammed timxi żgur il-quddiem. Wieħed ikun prattiku bħal San Alfons jekk jgħid bil-fatti dak li hu essenzjali bħala tweġiba għal dak li hu verament importanti għall-poplu, b'fedeltà lejn l-Evanġelju u t-Tradizzjoni ħajja tal-Knisja. Dan iwassal għall-kobor sħiħ ta' kuxjenzi kapaċi jdawwlu bl-għerf ta' l-Ispirtu s-Santu l-problemi komplessi ta' qagħdiet diversi tal-ħajja.

Ma' San Alfons irridu ntennu fil-ħidma pastorali kollha tagħna li Kristu hu l-qofol ta' kollox, bħala l-misteru tal-ħniena ta' Alla. Ir-Redentoristi ma għandhom jieqfu qatt iħabbru il-**copiosa redemptio**, jiġifieri l-imħabba bla qies li biha Alla fi Kristu jersaq lejn il-bniedem, ibda minn dawk li l-aktar jeħtieġu fejqan u ħelsien, għaliex aktar imġarrbin mill-konsegwenzi koroh tad-dnub. Jista' jgħodd għal ulied ta' llum dak li San Alfons kien jgħid għalih innifsu u għal sħabu; "Bejnietna ma nitkellmux ħlief dwar il-passjoni tal-Feddej biex inħallu l-erwieħ marbutin ma' Ġesù Kristu" (*Opere*, vol. III, Torin 1847, paġ. 289). Jalla l-ħidma kollha tal-Kongregazzjoni tkompli twassal 'il-poplu ta' Alla għal-laqgħa ma' Kristu msallab, jiġifieri "ma' l-imħabba l wriena fuq is-salib" (*Pratica di amare Gesù Cristo. Opere ascetiche* vol. I, Roma 1933, 5).

5. Għal dan, wieħed ma għandu jieqaf qatt iħabbar il-ħniena ta' Alla. Għadha tgħodd sa llum għall-pastorali kollha s-sejħa ta' San Alfons: "Irridu nikkonvinċu ruħna li l-konverżjonijiet li jsiru biss minħabba l-biża' tal-kastigi ta' Alla,huma konverżjonijiet li jdumu biss għal ftit żmien ... jekk fil-qalb ma tidħolx l-imħabba qaddisa ta' Alla, hu diffiċli ħafna li l-konverżjoni tibqa' ". Għalhekk "l-impenn ewlieni tal-predikatur" għandu jkun "li jkebbes b'imħabba qaddisa lil dawk li jisimgħu l-priedki tiegħu" (*Opere* vol. III, Torin 1874, paġ. 288).

Minn din il-konverżjoni li l-qofol tagħha hi l-imħabba toħroġ il-ħerqa dejjem sejra għall-qdusija. San Alfons, huwa u jwassal lill-bniedem biex

iħoss il-qawwa tal-ħniena li biha Alla jersaq lejn il-bniedem biex ifejqu u jeħilsu, jasal biex iwassal lil kulħadd, dawk ukoll l-aktar umli u l-aktar fqar, ħa jsibu t-triq tal-qdusija: "Ir-reliġjuż bħala reliġjuż, is-sekular bħala sekular, is-saċerdot bħala saċerdot, il-miżżewweġ bħala miżżewweġ, in-negozjant bħala negozjant, is-suldat bħala suldat, u hekk f'kull stat ieħor tal-ħajja" (*Pratica di amare Gesù Cristo* 79). Fl-istess waqt hu jagħti lil din il-qdusija ħerqa għax-xandir ta' l-Evanġelju li twassalha biex tkun responsabbli ta' l-ambjent tagħha.

L-impenn biex il-lajċi dejjem aktar jagħrfu d-dinjità u r-responsabbiltà tagħhom bħala mgħammdin hu meħtieġ mill-Knisja li trid twieġeb għall-isfidi tat-tielet elf sena. Ir-Redentoristi minn dejjem kienu f'xirka waħda mal-poplu. Illum min-naħa tal-lajċi, u l-aktar min-naħa taż-żgħażagħ, aktar qawwija l-ħerqa għal tisħib aqwa fil-ħajja u l-missjoni ta' dawk konsagrati lil Alla. Għandhom ġa tweġiba f'dak li ġie deċiż fl-aħħar kapitlu ġenerali tal-Kongregazzjoni. Hi triq li wieħed irid jimxiha bil-kuraġġ, waqt li jħares sewwa dak li hu speċifiku fil-ħajja tal-lajċi u f'dik tar-reliġjużi.

6. San Alfons ma jegħja qatt jinsisti fuq il-ħtieġa tal-fedeltà lejn l-għażliet li jsiru u fuq kif il-Feddej kien fostna bħall-bxara t-tajba ta' Alla. Fir-regoli tal-bidu tal-Kongregazzjoni hemm imniżżel bħala liġi fondamentali l-ħtieġa li "wieħed jimxi fuq l-eżempju tal-Feddej". Il-Verb magħmul bniedem jgħix l-istess esperjenza tagħna, isir għalina preżenza u esperjenza ta' Alla, u fl-aħħar jkun tħabbira sinċiera u deċiża sas-salib u l-qawmien mill-imwiet. L-Ispirtu s-Santu jkompli jmexxi l-Knisja mill-istess triq (ara *Lumen gentium,* 8). San Alfons jitlob lil uliedu li jagħtu xheda b'mod ċar u deċiż tal-ħtieġa li jgħaddu mill-istess triq ta' Kristu, inkarnazzjoni u qsim sħiħ; xhieda ċara, sinċiera; tħabbira tfisser ħafna; tisħib mill-qalb fl-umiljazzjoni tas-salib: ħwejjeġ meħtieġa għal min irid jevanġelizza b'qawwa appostolika.

Fuq kollox irridu nibqgħu fidili għall-għażliet tal-Fundatur favur l-imwarrbin: kienet proprju din l-għażla li waslet fl-1732 għat-twaqqif tal-Kongregazzjoni. Kienet għażla mill-għeruq favur dawk li kienu mwarrbin ukoll mill-ħidma pastorali: id-dinja ta' l-imwarrbin saret id-dinja ta' San Alfons. Trid tibqa' id-dinja wkoll ta' kull Redentorista, bħala frott ta' dixxerniment dejjem sejjer fil-qalba ta' kull qagħda ekklesjali, biex minnufih tingħata tweġiba għall-ħtiġiet l-aktar urġenti li jkunu qed juri ruħhom.

Dan kollu jfisser ħafna għall-poplu ta' Alla kollu kemm hu fl-impenn għall-evanġelizazzjoni l-ġdida u għall-konverżjoni dejjem aqwa, bi tħejjija għat-tielet elf sena. Quddiem il-qagħdiet ta' twarrib tal-bieraħ u ta' llum, il-Knisja trid tkompli l-ħidma tar-Ragħaj it-tajjeb li jħalli d-disgħa u

disgħin nagħġa fil-maqjel u jmur ifittex in-nagħġa mitlufa (ara Lq 15, 4-7).

7. Ma jistax ikun hemm impenn bħal dan mingħajr tiġdid spiritwali dejjem sejjer. San Alfons qatt ma kien jieqaf itenni bi kliem mimli b'imħabba u fiduċja: "Min hu msejjaħ biex jidħol fil-Kongregazzjoni tar-Redentur qatt ma jista' jkun dixxiplu ta' Kristu, u lanqas qatt ma jsir qaddis, jekk ma jilħaqx l-għan tal-vokazzjoni tiegħu, u ma jkollux l-ispirtu ta' l-Istitut, li hu dak li jsalvaw l-erwieħ l-aktar neqsin minn għajnuniet spiritwali, bħalma huma neqsin in-nies tal-kampanja. Dan kien l-għan tal-Feddej meta ġie fid-dinja, kif qal: "Spiritus Domini ... unxit me evangelizzare pauperibus" (*Opere,* vol. IV, Torin 1847, paġ. 429-430). Għalhekk kien jafda ħafna fl-interċessjoni setgħana ta' Marija, li lilha ried jafda lilu nnifsu u l-Kongregazzjoni tiegħu.

Bil-qalb kollha nagħmel tiegħi t-talba u l-kliem tal-Fundatur, żgur li l-eżempju tiegħu jkun ta' ispirazzjoni mhux biss għall-patrijiet u s-sorijiet redentoristi imma għal-poplu kollu ta' Alla, biex ikollhom ħerqa kbira għall-milja tal-qdusija bil-qadi sinċier ta' ħuthom.

B'dawn ix-xewqat nagħti lilek u l-Kongregazzjoni kollha tar-Redentoristi, bħala sinjal ta' mħabba li qatt ma tiġi nieqsa, barka appostolika speċjali.

Minn Castel Gandolfo, illum 24 ta' Settembru, 1996.

Ionnes Paulus pp II

# Il-Kungress ta' l-Abbatijiet tal-Konfederazzjoni Benedittina

*Messaġġ tal-Papa lill-Abbati Primat P. Marcel Rooney*

1. Hadt pjaċir meta smajt li f'dawn il-ġranet qed isir il-Kungress ta' l-Abbatijiet tal-Konfederazzjoni Benedittna. Ħsiebi hu l-ewwelnett fik, li ksibt il-fiduċja ta' sħabek meta għażluk bħala Abbati Primat tal-Konfederazzjoni, u nawguralek kull ġid fil-ministeru li int mistenni li taqdi favur dawk kollha li jimxu fuq ir-Regola tal-Patrijakra San Benedittu.

Insellem ukoll lill-Abbatijiet u lill-prijuri, kif ukoll lil Badessi u l-prijuri tas-sorijiet benedittini u l-mistednin magħrufin ta' l-istituzzjonijiet monastiċi oħrajn. Għandi imbagħad ħsieb speċjali għal dawk l-irħieb li, imqanqlin mill-imħabba ta' Kristu, ġew biex jagħtu xhieda tat-tradizzjoni monastika ta' dawk il-Knejjes li għad ma humiex f'xirka sħiħa mal-Knisja Kattolika.

2. Il-ħidma tal-Kungress hi l-aktar dwar il-formazzjoni umana, filosofika, teoloġika u monastika li tagħti l-Komunità Benedittina. Hi materja f'waqtha ħafna wara s-Sinodu ta' l-Isqfijiet dwar il-ħajja konsagrata u l-missjoni tagħha fil-Knisja u fid-dinja. Is-Sinodu wera attenzjoni speċjali għall-formazzjoni ta' min irid jikkonsagra ruħu lill-Mulej (ara Eżort. app. *Vita consacrata,* 65), u nsista li l-formazzjoni permanenti, kemm fl-Istituti ta' ħajja appostolika u kemm f'dawk ta' ħajja kontemplattiva, hi esiġenza intrinseka tal-konsagrazzjoni reliġjuża (*ibid.* 69).

Iċ-ċelebrazzjoni tas-Sinodu kienet okkażjoni biex ir-ragħajja tal-Knisja jaħsbu aktar fil-fond dwar il-ħajja monastika u waslithom biex, permezz ta' ħafna interventi, juru l-importanza tal-valuri evanġeliċi (*ibid.* 6). Ir-raħeb, biex jgħix f'ħajtu dawn il-valuri, irid jagħmel sforz biex isieħeb flimkien, f'armonija sħiħa, il-ħajja tar-ruħ mal-ħidma fl-impenn evanġeliku għall-konverżjoni fl-imġiba, għall-ubbidjenza, għall-istabilità, għall-meditazzjoni bla heda tal-kelma ta' Alla *(lectio continua),* għaċ-ċelebrazzjoni tal-liturġija u għat-talb (*ibid.*).

3. Fit-tradizzjoni spiritwali tal-monakiżmu, l-irġiel u n-nisa iwieġbu għas-sejħa li Alla jagħmlilhom biex jisimgħu kontinwament il-kelma tiegħu u biex jimpenjaw ruħhom ħa jikkoreġu l-vizzji (ara *Regula Benedicti,* Prol. 47), billi jużaw bħala strument l-għemejjel tajba li jagħmlu (*ibid.* 4,75) ħalli jilħqu l-quċċata tad-duttrina u tal-virtù (*ibid.* 73,9). Din it-tradizzjoni li

ġejja mill-bidu stess tal-ħajja monastika fil-lvant u fil-punent, hi l-wirt spiritwali ta' l-ulied kollha ta' San Benedittu, li kien iħobb jistieden lill-irħieb tiegħu biex bla heda jaqraw il-Konferenzi, l-Istituzzjonijiet u l-Ħajjiet tal-Missirijiet u wkoll ir-Regola tal-missier qaddis tagħna San Bażilju, għaliex huma "strumenti ta' virtù għal-irħieb tajba u ubbidjenti" (*ibid.* 73,5).

Fl-Eżortazzjoni appostolika li semmejt aktar 'il fuq urejt li l-ħajja konsagrata hi "epifanija ta' l-imħabba ta' Alla fid-dinja" (ara Kap III, iii) għaliex dawk kollha li huma konsagrati jintbagħtu fid-dinja biex "jimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù u jkomplu l-missjoni tiegħu" (*ibid.* 72). Fil-fatt, il-missjoni hi aspett essenzjali ta' kull Istitut, mhux biss ta' dawk ta' ħajja appostolika attiva, imma wkoll ta' dawk ta' ħajja kontemplattiva (*ibid.*).

X'qed tistenna l-Knisja mill-monasteri benedittini? Iridu jidhru bħala postijiet privileġġjati ta' ħajja nisranija, fejn il-valuri veri ta' l-Evanġelju jiġi dejjem l-ewwel. Huwa skejjel "għall-qadi tal-Mulej" (*Regula Benedicti,* Prol. 45), dedikati kollhom kemm huma għall-ħajja ta' talb. L-insara kollha huma dawl tad-dinja (Mt 5,14), imsejħin biex bix-xhieda ta' ħajjithom juru x'inhuma l-valuri tal-fidi; iżda fid-dinja hi ħaġa faċli li d-dawl jiddallam jew li ma jingħatax każ tiegħu. Iżda l-monasteru, li hu komunità nisranija stabbli, dedikata kollha kemm hi għall-ħajja evanġelika, ixxerred ma' kullimkien bla qatt ma tieqaf dawl mill-aktar qawwi. Hu dawl li jdawwal il-Knisja kollha kemm hi u jsaħħaħ ix-xhieda tagħha. Il-monasteru hu skola ta' talb għall-insara kollha li jridu jagħrfu aħjar lill-Mulej; hu xhieda ta' fedeltà li qatt ma tiġi nieqsa, biex twettaq il-fidi tal-poplu ta' Alla; hu tħabbira tal-valuri ta' l-Ispirtu lill-bnedmin li għad ma jafux min hu l-Mulej.

4. Il-Knisja llum qed tħoss sewwa l-impenn ekumeniku. Hawn ukoll għandna ħidma speċifika li għalija hu msejjaħ il-monakiżmu fl-għatba tat-tielet elf sena. Kulħadd jaf x'importanza għandu l-monakiżmu fil-Knejjes tal-lvant, iżda wieħed irid isemmi li jinsab ukoll fil-Komunitajiet li ħarġu mir-Riforma. Il-monakiżmu jista' jagħti wkoll kontribut ta' siwi kbir fid-djalogu bejn ir-reliġjonijiet, għax f'xi reliġjonijiet mhux insara insibu suriet li jfissru ħafna ta' ħajja monastika, suriet li qed jgħixuhom illum ukoll f'dawn ir-reliġjonijiet.

Il-monakiżmu ma jonqosx li jkun ukoll ta' influwenza għall-ġid fis-soċjetà ċivili, fejn il-ħafna ħwejjeġ ġodda li deħlin b'għaġla kbira minħabba il-progress teknoloġiku qed spiss joħolqu konfużjoni u taħwid. Hu proprja hawn li l-**istabilas** tipika tal-Benedittini, fejn kull ma għandu jsir, kuljum isir b'mod ordnat u fejn il-paċi fir-ruħ hi frott ta' għaqda sħiħa ma' Alla; huma eżempji li għandhom iħajru, idawwlu u juru t-triq lill-irġiel u n-

nisa fid-dinja ta' llum. Il-monasteri benedittini jibqgħu jkunu, dak li dejjem kienu tul iż-żminijiet fanali ta' veru umaneżmu nisrani.

5. Dan kollu jurina ċar kemm hi meħtieġa formazzjoni spiritwali u duttrinali soda fil-ħajja tar-raħeb: din il-formazzjoni tħaddan l-aspetti kollha tal-ħajja taż-żagħżugħ li miexi lejn il-konsagrazzjoni tiegħu nnifsu għas-saltna ta' Alla, u jsibha wkoll, adattata skond il-ħtieġa, tul il-mixi kollu tiegħu wara San Benedittu.

Għamel sewwa għalhekk il-Kungress li ħaseb fuq dan l-aspett tal-ħajja monastika biex jgħarraf lill-aspiranti għal din il-ħajja u l-istess reliġjużi professi bl-għana tal-vokazzjoni tagħhom, li l-Mulej wera lilhom u tal-missjoni fdata lilhom.

Waqt li nfakkar lil kull min ħa sehem fil-Kungress bl-istedina ta' San Benedittu biex jiġru mit-triq tal-kmandamenti ta' Alla, imqanqlin mill-ħlewwa liema bħalha ta' l-imħabba (*Regula Benedicti,* Prol. 49), inħalli f'idejn Marija, **Regina monachorum**, ir-riflessjonijiet li saru u r-riżoluzzjonijiet li ħarġu minnhom, waqt li minn qalbi, b'rahan ta' kull ġid mis-sema, nagħti lilek u lil dawk kollha preżenti fil-Kungress il-barka appostolika tiegħi.

Minn Castel Gandolfo, 23 ta' Settembru 1996.

Iannes Paulus pp. II.

**Pastorali Marija Mtellgħa s-Sema**

# Ma' Marija lejn is-Sena Elfejn

Maħbubin uliedna,

Ir-rabta kbira li l-poplu tagħna għad għandu mal-Festa ta' Marija Mtellgħa s-Sema hija ħaġa sabiħa ħafna. Din ir-rabta turi li l-poplu tagħna għad għandu l-qawwa li jdur lejn Marija u jroddilha ħajr għall-imħabba kbira tagħha lejna lkoll, bħala wliedha.

L-akbar tifħir li nistgħu nagħtu lil Marija f'din il-festa huwa li nimxu fuq il-ħajja tagħha billi bħalha nfittxu li ngħixu f'għaqda dejjem iżjed mill-qrib ma' Ġesù u bejnietna. Dan jitlob minna li l-Festa ta' Santa Marija niċċelebrawha l-ewwelnett billi nissaħħu fit-talb tagħna, inqerru u nitqarbnu, nieħdu sehem fil-Quddiesa u nagħmlu għemejjel tajba oħrajn.

Mgħaġġla kemm hija mgħaġġla l-ħajja ta' llum, jibqa' impotanti u meħtieġ li l-bniedem isib ħin għal Alla. Il-bniedem irid isib il-ħin biex maqtugħ mit-taħbit ta' kuljum iġedded il-fedeltà u l-imħabba tiegħu lejn il-Mulej.

### Fuq l-għatba tat-Tielet Millennju

Il-Knisja tisħaq ħafna fuq il-bżonn li l-bniedem jagħti spazju xieraq għal Alla. Hu proprju għalhekk li, fuq l-għatba tat-Tielet Millennju, il-Knisja qed tistedinna biex nibdew inħejju rwieħna spiritwalment minn issa għall-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn.

L-istedina prinċipali tal-Knisja biex nitħejjew tajjeb għall-Millennju l-ġdid insibuha fl-Ittra Apostolika *Tertio Millennio Adveniente* tal-Papa Ġwanni Pawlu II. F'din l-Ittra, il-Papa jħeġġiġna biex f'dawn it-tliet snin li ġejjin inħejju rwieħna bis-serjetà billi nimxu fuq l-eżempju ta' Marija bħala mudell dejjem ġdid għal kull nisrani.

### L-ewwel sena ta' tħejjija

Fl-Ittra tiegħu, Ġwanni Pawlu II iħeġġiġna biex fis-sena 1997, l-ewwel sena ta' tħejjija, bħal Marija nħabirku biex l-għeruq tal-fidi tagħna nniżżluhom dejjem iżjed fil-fond, fil-misteru ta' Kristu.

Il-Papa jħeġġiġna wkoll biex nagħrfu mill-ġdid il-magħmudija bħala l-pedament tal-ħajja nisranija u nitħeġġu biex kull fejn inkunu nagħtu xiehda ta' nsara.

Marija għandha sehem kbir fil-misteru ta' Kristu, għax fil-ġuf tagħha l-Verb sar bniedem. Marija hija msieħba wkoll ma' Kristu fl-opra tal-

fidwa. Hija waqfet ħdejn is-salib tiegħu, fejn Kristu kien qiegħed joffri s-sagrifiċċju għall-ħelsien tagħna.

Id-devozzjoni awtentika ta' Marija għandha ssaħħaħ u mhux tnaqqas l-imħabba u l-qima tagħna lejn Kristu. Il-kult tagħha, kif naqraw fit-*Tertio Millennio Adveniente* (43), jekk ikun imfisser sewwa bl-ebda mod ma jista' jkun ta' ħsara għad-dinjità u s-setgħa ta' Kristu, il-Medjatur waħdieni.

L-Imqaddsa Verġni Marija tgħallimna, bl-imġiba tagħha, kif għandna ngħixu ta' nsara u kif għandna nagħtu xiehda tal-fidi tagħna. "Hija tidher għal dawk kollha li jemmnu bħala mudell ta' fidi mqiegħed fil-pratika." (TMA, 43).

Il-mudell tal-ħajja li tippreżentalna Marija hu l-aħjar pedament li jista' jkollna biex ikollna tassew familji xempju ta' mħabba u għaqda, kif ukoll soċjetà li fost il-membri tagħha jispikkaw virtujiet bħalma huma dawk tal-ġustizzja, onestà, solidarjetà nisranija u għaqda.

## It-tieni sena ta' tħejjija

Il-Papa jurina li t-tieni sena ta' tħejjija, jiġifieri l-1998, għandha bħala skop tagħha dak li nagħrfu dejjem aħjar il-preżenza u l-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu fir-ruħ u fi ħdan il-Knisja, kif ukoll li nagħtu attenzjoni għas-Sagrament tal-Konfermazzjoni u nqawwu l-virtù teologali tat-tama.

Ħadd daqs il-Madonna ma jista' jkun gwida perfetta biex naslu ħalli nagħrfu u nħobbu l-Ispirtu s-Santu, kif ukoll biex naħdmu id f'id miegħu ħalli neqirdu minn qalbna d-dnub, niddawlu bil-qdusija u nagħtu sehemna wkoll għat-tixrid tas-Saltna ta' Alla. Kif jgħallimna l-Papa fit-*Tertio Millennio Adveniente,* "Marija, li nisslet il-Verb magħmul bniedem bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu, tul ħajjitha kollha ħalliet l-Ispirtu s-Santu jmexxiha bil-ħidma tiegħu f'ruħha." (48).

F'Marija dehret ukoll fl-ogħla grad il-virtù teologali tat-tama, għaliex hija ttamat fejn ma kien hemm ebda tama.

Marija afdat b'qalbha kollha fil-wegħdiet ta' Alla. Fit-taqlib kollu tal-ħajja hija qatt ma ġiet mirbuħa mit-tixjir ta' dubju jew ta' biża', għaliex moħħha kien mistrieħ f'Alla, il-blata li qatt ma tiġi nieqsa.

Marija hija wkoll ċanfira għal ħafna nsara ta' żminijietna li iktar iqegħdu l-fiduċja tagħhom fil-ġid materjali u fil-ħila tal-bniedem milli fil-ħarsien ta' Alla, li qatt ma jħalli waħdu lil min jittama fih.

## L-aħħar sena ta' tħejjija

It-tielet u l-aħħar sena ta' tħejjija hija l-1999. Din hija ddedikata biex nagħrfu aħjar u nħobbu iżjed lil Alla, il-Missier li huwa fis-smewwiet u li lejn id-dar tiegħu aħna mexjin kontinwament, bħal min ikun f'pellegrinaġġ.

Matul l-1999 huwa xieraq li nimmeditaw il-parabbola tant sabiħa ta' l-Iben il-Ħali. Fl-imġiba tal-missier li jissemma f'din il-parabbola nsibu raġġ ta' dawl li jirrivela l-ħniena nfinita tal-Missier tagħna tas-Sema. F'dan il-kuntest jidhru aħjar il-kobor u s-sbuħija tas-Sagrament tal-Qrar, li nixtiequ li l-ulied spiritwali tagħna, żgħar u kbar, jirrikorru lejh ta' spiss u bid-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa, biex inħossu l-hena tal-qalb li jġibu magħhom l-indiema sinċiera u l-maħfra.

Skond ix-xewqa tal-papa, matul l-aħħar sena ta' tħejjija għall-Ġublew għandha tintwera l-importanza tal-virtù teologali tal-karità, jiġifieri l-imħabba lejn Alla u lejn għajrna. Biex din l-imħabba tal-proxxmu ma tkunx biss sentiment li ma jagħti ebda frott, jeħtieġ li tiġi msarrfa fl-għemejjel ta' ħniena u ta' għajnuna b'riżq min hu batut u favur l-imwarrbin.

Marija hija l-kapolavur fost il-ħlejjaq kollha li ħarġu minn idejn Alla. Hija xempju ta' l-imħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Lilna lkoll u lill-bnedmin ħutna, l-Imqaddsa Verġni Marija tagħmlilna stedina, ħierġa mill-qalb materna tagħha, sabiex nerġgħu lura lejn il-Missier u nagħtu widen għal dak li jrid minna l-Feddej tagħna: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu." (Ġw 2,5).

## Id-Dawl ta' Kristu

Fi tmiem l-Ittra Apostolika tiegħu, il-Papa jafda fl-interċessjoni ta' Sidtna Marija l-inpenn tat-tħejjija u taċ-ċelebrazzjoni tal-Ġublew. Huwa jawgura li l-Verġni Mbierka "tkun għall-insara mexjin lejn il-Ġublew tat-Tielet Elf Sena bħala kewkba li turi t-triq li twassal żgur għal-laqgħa mal-Mulej (Ġesù), id-dawl veru li jdawwal kull bniedem (Ġw 1,9)" (58).

Nistednukom ilkoll biex f'din il-festa tant għażiża ta' l-Assunta, nitolbu lil Marija tieqaf magħna biex il-familji u s-soċjetà tagħna jħabirku ħalli jiddawlu bid-Dawl li hu Kristu u jgħożżu l-valuri tal-Vanġelu tiegħu. Nistednukom ukoll biex ilkoll kemm aħna nimpenjaw irwieħna dejjem iżjed biex Marija tkun tassew il-mudell li fuqu nibnu ħajjitna.

Il-Ġublew hu żmien ta' purifikazzjoni, konverżjoni u rikonċiljazzjoni. Huwa wkoll, għalhekk, żmien ta' tama u ferħ.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Illum, 6 ta' Awissu 1996, Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.

† ĠUŻEPPI MERCIECA
*Arċisqof ta' Malta*

† NIKOL CAUCHI
*Isqof ta' Għawdex*

Carmelo Muscat, *Segretarju*

**Ittra Pastorali għall-Elezzjonijiet Ġenerali 1996**

# Id-Dmir li Nivvotaw

Maħbubin uliedna,

Art twelidna qed issejjħilna lkoll biex, b'mod ħieles, matur u responsabbli, nagħżlu lil dawk li f'idejhom irridu nafdaw it-tmexxija tal-pajjiż għall-ħames snin li ġejjin.

Din hija sejħa importanti ħafna.

Hija sejħa lill-irġiel u lin-nisa kollha ta' pajjiżna biex, bil-vot tagħna, nagħżlu rappreżentanti li huma kapaċi u jridu jibnu ħajja politika li tinkuraġġixxi sens veru u konkret tal-ġustizja, ta' l-imħabba, u ta' servizz lill-bniedem.

Hija sejħa li titlob li kull wieħed u waħda minna ninformaw u nifformaw irwieħna b'mod xieraq, ħalli l-għażla tagħna tkun għażla li tqiegħed quddiemnett, l-ogħla ġid tal-komunità kollha ta' dawn il-gżejjer.

### Iż-żmien ta' tħejjija

Iż-żmien tat-tħejjija għal elezzjonijiet ġenerali huwa żmien prezzjuż ħafna. Huwa żmien li fih iċ-ċittadin irid jirrifletti b'serjetà fuq il-jedd tiegħu, li hu wkoll dmir, li juża l-vot liberu tiegħu biex iġib 'il quddiem il-ġid komuni.

L-ebda ċittadin ma jista' jittraskura l-qadi ta' dan id-dmir kbir tiegħu lejn pajjiżu u lejn is-soċjetà.

Ħadd ma jista' jfarfar minn fuq spallejh id-dmir li jwieġeb għal din is-sejħa ta' pajjiżu b'xi skuża li l-vot tiegħu, bih u mingħajru xorta. Ħadd ma jista' jħalli lilu nnifsu jintrebaħ mit-tentazzjoni li ma jmurx jivvota minħabba apatija, nuqqas ta' interess, jew xi raġuni oħra. Ħadd ma jista' jaħrab mid-dover li jivvota minħabba li forsi ma jħossux konvint li l-politika hija ħielsa mill-mard jew illi tkun tassew politika ta' qadi lill-bniedem.

Kulħadd għandu jwettaq id-dover li jivvota. Ħadd m'għandu jonqos milli jersaq biex jagħti l-appoġġ tiegħu lil dawk li, quddiem il-Mulej, iħoss li jistħoqqilhom il-vot. Id-dover tal-vot ma jkunx qed jitwettaq kif imiss jekk jintefa vot null.

### Ħtieġa ta' għażla favur il-ġid komuni

Biex il-votant ikun jista' jaqdi d-dover tal-vot sewwa, huwa jrid jgħarbel, b'moħħ miftuħ u b'intenzjoni retta, liema proposti u liema kandidati joffru l-aħjar għażla biex jitmexxa 'l quddiem u jitħares il-ġid komuni.

Dan jitlob li ċ-ċittadin jifforma l-kuxjenza tiegħu tajjeb, biex b'hekk ikun kapaċi jagħżel rappreżentanti onesti, kompetenti, disposti u adatti biex jaqdu lill-poplu kollu.

Bħalma l-politiku għandu d-dmir li jqiegħed l-interess tal-poplu kollu fuq kull interess tiegħu personali jew partiġġjan, daqstant ieħor iċ-ċittadin għandu r-responsabbiltà li fil-ġudizzju tiegħu dwar il-politiċi u l-proposti tagħhom iqis l-ewwel il-ġid komuni u ma jħallix lilu nnifsu jinħakem mill-ġibda ta' dak li jaqbel lilu personalment.

Iċ-ċittadin għandu d-dmir sagrosant li l-vot jagħtih lil min ikun magħruf għall-ħidma tiegħu b'riżq il-ġid ta' kulħadd, u mhux lil min ikun hemm riskju li l-poter jużah fuq kollox biex jaħseb għal rasu u għall-interessi ta' ħbiebu.

Iċ-ċittadin ikun jagħżel tajjeb meta jħabrek biex it-tmexxija tal-pajjiż tkun f'idejn politiċi li ħidmithom tkun mera ċara ta' servizz ġenwin u ġeneruż, għaliex iqegħdu l-ġid komuni fuq kull interess ieħor.

Iċ-ċittadin ikun miexi f'direzzjoni tajba meta l-appoġġ tiegħu jfittex li jagħtih lill-politiċi ta' karattru u ta' eżempju tajjeb li, bi kliemhom u għemilhom, ikunu ta' ġieħ għall-vokazzjoni nobbli tal-politika.

Iċ-ċittadin ikun qed juri għaqal meta bil-vot tiegħu jipproponi politiċi li l-esperjenza turi li huma nies ta' integrità personali, dedikati, xempju tas-sens ta' sagrifiċċju u mpenjati fit-tħabrik għall-ġid tal-bniedem sħiħ.

### Id-dover tal-Kattoliku

Id-dover tagħna, bħala Kattoliċi, li naħdmu bla heda u b'ħeġġa għal-ġid tal-bniedem sħiħ, iqiegħed fuq spallejna responsabbiltà ċara.

Il-Kattoliku jħabrek biex, bil-vot tiegħu, fil-Parlament jeleġġi persuni bi programmi u proposti leġislattivi li jkunu jixhdu u jiggarantixxu mpenn serju favur it-tmexxija 'l quddiem u l-ħarsien tal-valuri ta' l-Evanġelju.

Il-kontribut ta' politiċi li jħabirku biex bi kliemhom u b'għemilhom ikunu xhieda ħajja ta' l-Evanġelju, il-Kattoliku jirrikonoxxih u jappoġġjah.

Huwa japprezza wkoll is-sehem tal-politiċi li jiggwidaw irwieħhom mit-tagħlim tal-Knisja.

### Nitolbu l-għajnuna ta' Alla

Nistiednu u nħeġġu lill-Kattoliċi kollha biex nitolbu lkoll lil Alla jagħtina d-dehen li ninħtieġu ħalli d-dmir tal-vot naqduh sewwa.

Nitolbu b'ħerqa lill-Mulej, bl-interċessjoni ta' Marija, biex nagħrfu nagħżlu mexxejja xierqa għal pajjiżna, biex bil-għerf u s-sabar ifittxu l-ġid veru tagħna f'din id-dinja, mill-aħjar li jistgħu.

Nirrikmandaw lil kulħadd il-kalma, l-ordni, il-korrettezza, ir-rispett, id-dinjità u l-lealtà meħtieġa, biex kemm qabel l-elezzjonijiet ġenerali, matulhom, kif ukoll wara, kollox jimxi b'wiċċ il-ġid u b'mod li jagħmel ġieħ lil kollna kemm aħna u lil pajjiżna.

Nistiednu lil kulħadd biex inżommu quddiem għajnejna li, jirbaħ min jirbaħ l-elezzjonijet ġenerali u jitla' min jitla' fil-Parlament, nibqgħu dejjem poplu wieħed, ulied din l-art ħelwa.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

Illum, l-1 ta' Ottubru 1996, Festa ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesù.

| | |
|---|---|
| † ĠUŻEPPI MERCIECA<br>*Arċisqof ta' Malta* | † NIKOL CAUCHI<br>*Isqof ta' Għawdex* |

Carmelo Muscat, *Segretarju*

# Il-179 Anniversarju ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Istatwa ta' Marija Bambin fl-Isla

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

Kien bhal-lum 75 sena ilu meta missirijietna, kollha ferħana, inġabru flimkien f'dan ix-Xatt ta' l-Isla biex jaraw lill-Eċċellenza Tiegħu l-Arċisqof Dom Mauro Caruana jpoġġi fuq ir-ras ta' l-istatwa ta' Marija Bambina kuruna tad-deheb u ta' ġawhar prezzjuż.

Il-poplu Senglean għamel dan l-ġest biex juri u jixhed id-devozzjoni kbira tiegħu lejn Marija Bambina għall-imħabba u l-protezzjoni speċjali li hija dejjem uriet magħna lkoll.

Il-poeta nazzjonali, Dun Karm, fl-innu li kiteb għal dik l-okkażjoni, semmagħlna l-entużjasmu u l-ferħ li ħareġ minn fomm u qalb missirijietna meta kiteb: "Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna, bil-kuruna fuq rasek rajnik."

Minn fuq din il-ġrajja għaddew 75 sena. Iżda bħaż-żerniq li jdawwal u jsebbaħ il-bidu ta' kull għodwa ġdida, hekk din il-ġrajja żżurna ta' kull sena u terġa' tħeġġiġna biex niċċelebraw u nifirħu.

F'dan il-75 anniversarju, il-poplu ta' l-Isla qed ifakkar din il-ġrajja billi sebbaħ il-libsa ta' l-istatwa għażiża ta' Marija Bambina bil-pjanċa tad-deheb u l-fidda.

Quddiem din il-ħolma antika li issa seħħet ukoll, quddiem dan ix-xogħol – li ġie mfisser bħala eċċezzjonali, fejn barra l-valur kbir fih jispikkaw ukoll il-finezza u l-eżattezza saħansitra fl-iċken dettalji – il-poplu Senglean, bħal missirijietu, b'qalbu tfur bil-ferħ qed ikanta: "Issa ntemmet, o tfajla tas-sema, ix-xewqa ta' qalbna, b'libsa mill-isbah rajnik".

## Il-kult awtentiku

Il-kobor u l-qawwa ta' imħabbitkom lejn Marija Bambina huma wisq ifjen u prezzjużi mill-libsa miksija bil-pjanċa tad-deheb u l-fidda. Dan it-tiżjin huwa biss ħjiel, simbolu mitfi tad-devozzjoni sinċiera u kult awtentiku lejn il-Bambina li aħna writna mingħand missirijietna.

It-twemmin u l-esperjenza li missirijietna ħadu u bnew fuq it-tagħlim tal-Knisja jgħallimna li l-kult awtentiku lejn Marija Bambina, kif ukoll lejn il-qaddisin, mhuwiex fix-xemgħa li aħna nixgħelu quddiem l-istatwi u x-xbihat tagħhom u l-kant ta' l-innijiet.

Il-kult awtentiku lanqas mhu f'li npinġu x-xbihat tal-Madonna u l-qaddisin, inkella naħdmu statwi u nindurawhom jew inżejnuhom.

Il-qima u d-devozzjoni lejn ix-xbiha u l-istatwi ta' Marija u tal-qaddisin hemm posthom u l-Knisja tridhom dment li ma jsirux esaġerazzjonijiet speċjalment f'dak li hu tiżjin.

Iżda l-qima lejn il-Madonna u l-qaddisin tkun awtentika daqskemm, bħal Marija u bħall-qaddisin, aħna nilqgħu l-Kelma ta' Alla u ngħixuha b'fidi qawwija.

Hawnhekk irrid nuri s-sodisfazzjon tiegħi għall-fatt li f'dan l-anniversarju, il-poplu ta' l-Isla ta importanza xierqa lit-tiġdid spiritwali. Kulħadd seta' jara kemm il-komunità Sengleana għamlet talb, kif ukoll attivitajiet spiritwali, reliġjużi, soċjali u kulturali, bhala tħejjija xierqa għat-tifkira ta' din il-ġrajja sabiħa.

Il-veru kult lejn Marija Bambina jitlob li aħna l-Maltin nagħżlu lil Marija bħala l-mudell li fuqu nfasslu u nibnu ħajjitna, ukoll jekk dan jitlob minna sagrifiċċju u tbatija.

## Radd il-ħajr lill-Mulej

Huma dawn id-devozzjonijiet sinċiera u kult awtentiku li għaddewlna missirijietna li llum ġiegħluna biex flimkien, madwar l-istatwa ħelwa ta' Marija Bambina, fuq l-eżempju tagħha u flimkien magħha nfaħħru l-Mulej u nroddulu ħajr.

Grazzi Mulej, talli kif għoġbok tagħżel lil Marija Bambina biex tkun Omm Ibnek il-Waħdieni magħmul bniedem, daqshekk ieħor tajthielna biex tkun Ommna: biex b'imħabba turina lil Ibnek u twassalna għandu, hu li waħdu huwa l-għajn tal-ħajja.

Grazzi Mulej, talli għent lil missirijietna jgħaddulna l-għożża u l-imħabba sinċiera tagħhom lejn Marija Bambina u jheġġuna naraw dejjem fiha t-tama żgura ta' vittorja fuq kull tiġrib li niltaqgħu miegħu u fuq kull ħażen li jisraqilna l-paċi.

Grazzi Mulej, talli f'din l-okkażjoni sabiħa qed tħeġġiġna biex kif qalilna l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II fiż-żjara li għamel fostna sitt snin ilu, inkomplu nħarsu lejn Marija bhala Ommna u nitolbu l-interċessjoni tagħha, biex aħna nkomplu ngħożżu u ngħixu l-valuri ta' l-Evanġelju li huma l-wirt prezzjuż li rċivejna mingħand missirijietna.

Dan hu l-wirt prezzjuż li jagħti sens lil ħajjitna. Dan hu l-akbar teżor li llum qed nimpenjaw irwieħna, quddiem Marija Bambina, li ngħaddu lil uliedna.

Grazzi Mulej, għat-tajjeb kollu li bl-interċessjoni ta' Marija għandna

fostna f'dan il-gżejjer minkejja ċerti sfidi ta' żmienna, fosthom dawk tal-materjaliżmu u l-permissività.

Nitolbu 'l Alla biex bhalma fl-imgħoddi, permezz ta' Marija, għen lil missirijietna joħorġu rebbieħa fuq l-isfidi u t-tiġrib li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom fi żminijiethom, hekk ukoll illum jgħin lilna biex aħna wkoll nirbħu fuq l-isfidi ġodda ta' żmienna.

Nitolbu b'ħerqa biex it-tajjeb li għandna fostna jkun ta' kuraġġ u tama f'ħajja aħjar għal dawk kollha li jinsabu għaddejjin minn xi kriżi jew diffikultajiet tal-ħajja.

Infaħħru il Marija, inroddulha ħajr għall-imħabba tagħha lejna lkoll, u nitolbuha tibqa' dejjem l-għassiesa tal-wirt tal-valuri nsara tal-poplu għażiż tagħna.

Quddiesa Konċelebrata
ix-Xatt ta' l-Isla

4 ta' Settembru 1996

# It-32 Anniversarju ta' l-Indipendenza ta' Malta

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

## IX-XIEHDA TAN-NISRANI FIL-POLITIKA

Illum qegħdin infakkru t-32 sena minn meta artna kisbet l-Indipendenza.

Din il-ġrajja ġġibilna quddiem għajnejna l-għajnuna kbira li Alla ta lil dawk kollha li bil-ħidma politika tagħhom ħabirku jew qed iħabriku biex wasalna fejn aħna llum.

Il-mixja politika tal-poplu tagħna swiet ħafna ħsieb, xogħol, sagrifiċċji u ħidmiet oħra ta' kull xorta. Iżda aħna lkoll li llum inġbarna flimkien biex inroddu ħajr lill-Mulej nafu li l-iżvilupp fl-istorja twila ta' pajjiżna hu wkoll u fuq kollox il-frott ta' ħafna talb.

It-talb jgħin u jdawwal il-moħħ. It-talb isaħħaħ ir-rieda tal-bniedem biex l-isfidi li jiltaqa' magħhom ma jegħlbuhx, anzi jqawwuh biex jistinka aktar u jħabrek iżjed għal dak li hu tajjeb u sabiħ.

### Fiduċja f'Alla

Malta dejjem kellha 'l Alla magħha. Il-poplu ta' dawn il-gżejjer dejjem fdajna f'Alla. It-talb qatt ma naqas minn fostna. Ukoll fi żmienna, għall-grazzja ta' Alla qed isir ħafna talb biex Alla jgħin u jmexxi lil dawk kollha li bil-ħidma politika tagħhom qed jaħdmu għall-ġid ta' artna.

Isir ukoll ħafna talb biex dejjem jikber fostna l-għadd ta' dawk ħutna, l-aktar żgħażagħ, li jagħrfu li huwa dmir tan-nisrani li jinteressa ruħu mill-ħajja u l-problemi ta' pajjiżu u li jagħti sehmu biex jinbnew komunità u ħajja li jixirqu dejjem aktar lid-dinjità tal-bniedem.

Huwa veru li aħna pellegrini fuq din l-art; pellegrini f'mixja biex niltaqgħu ma' Missierna li hu fis-sema. Iżda daqshekk ieħor huwa veru li l-ħajja tagħna fuq din l-art mhix ħarba, mhix evażjoni, mhux diżimpenn mid-dmirijiet li lkoll għandna lejn il-komunità ċivili li ngħixu fiha.

In-nisrani li jiddisassoċja ruħu u jneżża l-fidi mill-ħajja pubblika jkun qed imur kontra l-proġett ta' Kristu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet.

### Benneja tal-komunità ċivili

Il-lajċi nsara jaqdu sewwa dan id-dmir tagħhom billi barra li jemmnu, jistqarru u jxerrdu dan it-tagħlim tal-Knisja, ikunu wkoll bennejja tal-

komunità ċivili permezz tal-ħidma tagħhom f'kull livell tal-ħajja politika, l-aktar f'dawk l-organiżmi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. Dan jista' jsir billi bil-piż ta' l-opinjoni u l-viżjoni tagħhom, il-poter ċivili jitħaddem dejjem bil-ġustizzja u l-liġijiet ikunu jwieġbu għall-preċetti morali u għall-ġid tal-bniedem sħiħ.

Inroddu ħajr 'l Alla għaliex qed isir talb biex jikber fostna n-numru ta' dawk li jagħrfu dan id-dmir tan-nisrani, japprezzawh, jaċċettawh u jwettquh b'responsabbiltà.

Inroddu ħajr 'l Alla għaliex mhumiex neqsin dawk, fosthom żgħażagħ, li qed joffru ruħhom biex jieħdu sehem fit-tmexxija tal-pajjiż fi spirtu ta' servizz nisrani.

Inroddu ħajr 'l Alla għaliex f'pajjiżna mhumiex wieħed u tnejn il-politiċi li ħidmithom hija mera ċara ta' servizz ġenwin u ġeneruż, għaliex iqegħdu l-ġid komuni fuq kull interess personali jew partiġġjan.

Dawn il-politiċi jistħoqqilhom kull apprezzament u ġieħ. Il-ħidma tagħhom turi li l-politika hija fiha nfisha arti nobbli. Din hija verità li timbotta 'l quddiem lil kull min iħoss vokazzjoni għall-ħajja politika.

Dawn il-politiċi jistħoqqilhom kull apprezzament u ġieħ ukoll għaliex il-ħidma tagħhom hija skola fejn wieħed isib il-mudell tal-politiku nisrani.

### L-integrità personali

Għall-politiku nisrani, l-integrità personali għandha valur primarju. Huwa ma jċedix għat-tentazzjonijiet li jistgħu jfeġġu quddiem fil-ħajja pubblika minħabba r-relazzjoni tiegħu, attwali jew prospettiva, mal-poter.

Il-politiku Kattoliku jaf li l-integrità personali fil-politika tfisser, fost ħwejjeġ oħrajn, li l-politiċi jgħixu stil ta' ħajja pesonali modest li jurihom verament bħala nies tal-poplu li jaħdmu b'ġenerożità fost il-poplu u għall-poplu.

Il-politiku Kattoliku huwa dejjem attent għal dak li, pass wara l-ieħor, jista' jkun ifisser qtugħ diżonest mill-integrità personali ta' ħsara għall-fama tal-politiċi mal-komunità.

Il-politiku Kattoliku ma jehda qatt jirreżisti u jikkumbatti l-korruzzjoni fil-forom kollha tagħha – minn dik tat-tixħim sa dik tal-favuri lil ħbieb personali, tal-partit, jew f'negozju privat.

Il-politiku Kattoliku ma jagħlaq qatt għajnejh għal dak li jkun ta' deni għall-ġid komuni jew li jkun iferi d-dinjità tal-bniedem.

Il-politiku Kattoliku taħt l-ebda skuża ma jissieħeb f'korijiet favur miżuri amministrattivi jew leġislattivi li jkunu kuntrarju għat-tagħlim tal-Knisja li huwa jagħmel parti minnha.

Il-politiku Kattoliku jirsisti biex qatt ma jaqa' fil-gidba perikoluża li

jkun qed jgħix min jistqarr valuri morali nsara u mbagħad jagħmel dak li jiġi għal idejh u li jkun jaqbillu.

Il-politiku Kattoliku ma jaqa' qatt fin-nassa li, biex il-pillola morra ta' xi proġett tiegħu tinżel b'inqas tbatija fil-kuxjenza tal-poplu, jilgħab bis-sentimenti u l-emozzjonijiet tal-bniedem.

## Il-ħidma għall-verità

Hemm ukoll, imbagħad, l-imġiba tal-politiċi, speċjalment fir-rigward ta' xulxin.

Għall-grazzja ta' Alla, fil-ħajja politika ta' pajjiżna, hemm ħafna li hu pożittiv, sabiħ u li jqawwi l-qalb. Madankollu, jinbtu wkoll okkażjonijiet u ċirkustanzi, speċjalment meta jibda jaħkem id-deni tat-tellieqa elettorali, fejn ma jkunx kollox ward u żgħar.

Il-politiku jrid jaħdem għall-verità u għat-tajjeb. Quddiem l-iżball, huwa ma jistax jibqa' ħalqu magħluq. L-abjad irid isejjaħlu abjad u l-iswed, iswed. Imma daqskemm hu dmir li wieħed iġib għad-dawl dak li ma jkunx tajjeb, daqstant ieħor hu obbligu li wieħed jerfa' responsabbiltà fattwali sħiħa ta' l-akkużi jew allegazzjonijet li jagħmel. Barra minn hekk, jibqa' dejjem importanti li ħadd ma jħawwad flimkien l-iżball, li għandu dejjem jiġi mwarrab, u l-bniedem li jiżbalja li għandu dejjem id-dritt għad-dinjità tiegħu.

Bħala Ragħaj Spiritwali ninkwieta ħafna quddiem sitwazzjonijet fejn il-konfront politiku jinqata' mir-rispett, il-kortesija u l-imħabba li l-avversarji politiċi għandhom juru lejn xulxin f'kull żmien u ċirkustanza.

Ninkwieta ħafna meta l-konfront politiku jinħakem minn arja tqila fejn, spiss bis-sehem ta' xi taqsimet tal-Mass Media, l-għożża tad-dinjità togħtor jew titgħaffeġ taħt it-tgħajjir, l-insulti, il-kliem goff u l-kliem iebes.

Ninkwieta ħafna meta l-konfront politiku, speċjalment dak fl-ogħla livell, jinqabad f'maltempati b'riskju serju li titherra, flok tissaħħaħ, il-fiduċja tal-poplu in ġenerali fil-komunità politika u fil-kredibilità tagħha.

Mill-banda l-oħra, nifraħ ħafna meta nara li fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbiltajiet partikolari u speċifiċi tagħhom, il-politiċi jirbħu t-tentazzjoni li jinġarru mill-emozzjoni ta' l-entużjażmu jew tas-sensazzjoni mmedjata tal-vantaġġ politiku partiġġjan.

Nifraħ ħafna meta nara li wkoll fi żminijiet ta' diffikultajiet akbar, il-politiċi jibqgħu jħarsu r-regoli tal-korrettezza u d-dinjità.

Nifraħ ħafna meta l-politiċi jfittxu li jirsistu u jinsistu għall-verità b'mod li jkun ta' eżempju tajjeb għal kulħadd u li jagħmel unur lill-komunità politika.

L-eżempju tajjeb tal-politiċi li jimxu fuq mudell bħal dan huwa l-aħjar u l-aqwa inkuraġġiment li jista' jkollhom iż-żgħażagħ biex jersqu ħalli huma wkoll jagħtu servizz u jkunu protagonisti fil-ħajja tal-komunità politika.

**Id-dawl tal-Mulej**

Il-Knisja tifhem id-diffikultajiet kbar li l-politiċi spiss iridu jħabbtu wiċċhom magħhom. Hija taf kemm hu tqil il-piż li jridu jġorru, spiss taħt pressjonijiet kbar, il-mexxejja politiċi.

Il-Knisja għandha rispett kbir lejn il-politiċi. Hija ma tehda qatt titlob għalihom biex ikunu kapaċi jerfgħu r-responsabbiltajiet tal-kariga tagħhom skond ir-rieda ta' Alla u f'għożża sħiħa tal-ġid komuni.

Nistieden lill-membri kollha tal-Knisja f'Malta biex jitolbu ħalli l-politiċi kollha tagħna jkunu dejjem miftuħin għall-gwida ta' l-Ispirtu s-Santu.

Il-Mulej hu magħna dejjem.

KonKattidral ta' San Ġwann

21 ta' Settembru 1996

# It-30 Anniversarju tal-Union Ħaddiema Magħqudin

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

## IS-SEJĦA TAT-TREJDUNJONISTA NISRANI

Nixtieq nirrringrazzjakom ħafna talli għoġobkom tistednuni biex niċċelebra din il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr 'l Alla fl-okkażjoni tat-Tletin Anniversarju tal-Union Ħaddiema Magħqudin. Din l-istedina tagħtini l-opportunità li niltaqa' magħkom, insellmilkom u nwegħdkom it-talb tiegħi biex taħdmu dejjem għal-ġid sħiħ tal-ħaddiema kollha.

Nagħmlu ħaġa xierqa u tajba ħafna meta l-ewwel kelma li nnisslu meta nqegħdu ruħna quddiem il-Mulej Ġesù, tkun "grazzi".

Hu preċiżament għalhekk li ltqajna llum. Iltqajna biex flimkien inroddu ħajr lill-Mulej għall-għajnuna kollha li huwa ta lill-Union Ħaddiema Magħqudin fit-tletin sena li ilha taħdem fil-qasam trejdunjonistiku b'riżq il-ħaddiem Malti.

Iltqajna wkoll biex nitolbu 'l Alla jibqa' jgħin lil din il-*union,* kif ukoll lill-*unions* kollha tal-ħaddiema f'dawn il-gżejjer, biex fil-qadi tal-missjoni hekk importanti tagħhom ifittxu dejjem l-ogħla ġid tal-bniedem sħiħ.

Alla hu dejjem magħna. Nistqarr li lil Alla għandi nirringrazzjah ukoll għall-esperjenza pożittiva u ta' ġid li ksibt kull darba li kelli l-okkażjoni li niltaqa' ma' rappreżentanti tal-*unions* tal-ħaddiema f'pajjiżna. Nagħraf, b'sens ta' sodisfazzjon u tama, li mhumiex wieħed u tnejn it-trejdunjonisti li, fil-ħidma tagħhom, ġenwinament iħabirku biex iqegħdu fil-prattika t-tagħlim soċjali tal-Knisja.

### Funzjoni doppja

Fil-qasam soċjali l-Knisja tħabrek biex twettaq funzjoni doppja. Il-Knisja tfittex l-ewwelnett li tgħin lill-bniedem, imqanqal u mgħejjun minn Alla, biex bi spirtu ta' umiltà ifittex il-verità li l-Mulej innifsu wriena dwar il-bniedem biex huwa jagħraf jgħix din il-verità.

Il-Knisja tħabrek ukoll biex tgħin lin-nisrani jagħraf id-dmir tiegħu li jwassal u jaqsam din il-verità ma' ħutu l-bnedmin billi, bil-kelma tiegħu u bl-eżempju ta' ħajtu, jimpenja ruħu biex ixerred il-Bxara t-Tajba b'kull xorta ta' ħidma.

Is-sehem li għandhom il-lajċi f'din il-funzjoni tal-Knisja huwa sehem importanti ħafna. Huwa sehem li ħadd ma jista' jaqdih tajjeb daqs il-lajċi.

Jekk il-ġerarkija tal-Knisja għandha r-rwol li tgħallem u tinterpreta b'mod awtentiku l-prinċipji morali li għandhom jiġu segwiti, min-naħa tagħhom il-lajċi għandhom id-dover li, permezz ta' l-inizjattiva ħielsa tagħhom, idaħħlu l-ispirtu nisrani fil-mentalità, id-drawwiet, l-attitudni, il-liġijiet u l-istrutturi tal-komunità fejn jgħixu.

Dan jgħinna nifhmu malajr li, fl-isfera tax-xogħol, biex il-ħidma tagħna tkun dejjem iżjed ordinata u effikaċi, l-iktar appostli mmedjati tal-ħaddiema jridu jkunu l-ħaddiema nfushom.

Fuq quddiem irid ikun hemm ħaddiema ispirati u mħeġġin mill-verità dwar il-bniedem u mbuttati mill-ispirtu ta' l-għaqda, mis-sens tal-ġustizzja u mill-imħabba għall-paċi.

Huwa dan l-ispirtu ħabrieki li jibni l-ġid komuni.

It-trejdunjonista Nisrani jagħraf malajr li biex din il-ħidma flimkien tibni l-ġid komuni, l-oqsma kollha tas-soċjetà jridu jħossu li huma membri ta' familja waħda kbira u wlied ta' Missier wieħed.Għaldaqstant, it-trejdunjonista nisrani jimpenja ruħu li dejjem iħaddan, jgħożż u jġib 'il quddiem il-prinċipji tal-ġustizzja nisranija li, meta tiġi mħaddma b'fedeltà, timmira – inkluż f'każi ta' lmenti u nuqqas ta' qbil – li tevita l-konflitt u tfittex l-armonija.

## Ir-rwol ta' l-*unions*

Ir-rwol tal-*unions* tal-ħaddiema li jħabirku għal pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol dejjem aħjar u dejjem iktar xierqa għall-bnedmin huwa u jibqa' tħabrik f'waqtu. Iżda dan ir-rwol jinbidel u jiżviluppa skond iċ-ċirkustanzi u l-esperjenzi taż-żminijiet.

Meta l-ħaddiem kien ikun imġiegħel jaħdem sigħat esaġerati għal ħlas miżeru u f'kundizzjonijiet inumani, l-isfida prinċipali li kellhom l-għaqdiet tal-ħaddiema spiss kienet, b'mod ġenerali, li jirranġaw din is-sitwazzjoni inaċċettabbli.

Illum, bil-progress li sar frott ta' l-istinkar, is-sagrifiċċji u l-bini ta' pontijiet ta' komprensjoni u raġuni fir-relazzjonijiet bejn l-imsieħba soċjali, il-*unions* rari jkunu iffaċċjati b'dan it-tip ta' sfida.

Illum, għall-grazzja ta' Alla, l-*unions* ta' pajjiżna m'għandhomx ma' wiċċhom il-problema ta' ħaddiema neqsin mill-ħobża ta' kuljum – għalkemm, naturalment, dejjem jibqa' spazju biex wieħed iħabrek għall-ksib u t-tisħiħ ta' dak li hu meħtieġ biex il-bniedem, hu min hu, jgħix ħajja li tixraq id-dinjità tiegħu.

Fil-fatt, l-*unions* ikunu mistennija jibqgħu jaħdmu wkoll biex ikomplu jwessgħu l-interess fil-membri tagħhom billi jedukaw dejjem aktar lill-

ħaddiema dwar ir-rabta li hemm bejn id-drittijiet u d-dmirijiet, kemm fl-ambjent tax-xogħol kif ukoll f'dak iktar wiesgħa tar-responsabbiltajiet komunitarji.

Il-*unions* li jħabirku għal dan kollu huma ta' min jinkuraġġihom u jirringrazzjahom.

Fl-istess ħin, l-*unions* li għandhom verament għal qalbhom il-bniedem sħiħ, kull ma jmur qed jagħrfu li s-sejħa tagħhom qed tieħu forma b'dimensjoni ferm aktar wiesgħa minn hekk.

Jekk inħarsu madwarna, dlonk nindunaw li hawn min għandu l-ħobża ta' kuljum iżda m'għandux paċi tal-qalb għax hu diżorjentat, konfuż, għajjien, maħkum mill-qtigħ il-qalb, mill-gwaj ta' l-abbuż tad-droga, ta' logħob esaġerat tal-flus, djun kbar, tifrik tal-familja u tant tiġrib ieħor tal-ħajja.

F'dan il-kontest, nixtieq naqsam magħkom u mat-trejdunjonisti kollha f'dawn il-gżejjer, riflessjoni fuq dik li nħoss li hija sejħa attwali tat-trejdunjonista nisrani.

Dan qed nagħmlu fid-dawl tat-tagħlim soċjali tal-Knisja u tal-bżonn li kull nisrani, hi x'inhi r-responsabbiltà tiegħu fil-ħajja, ikun imqanqal minn għożża sħiħa tad-dinjità tal-bniedem u ta' l-iżvilupp sħiħ tiegħu.

Ir-riflessjoni li nixtieq li nagħmlu lkoll, b'serjetà kbira, hija fuq din il-mistoqsija: x'jiswa li l-ħaddiem ikollu pagi u kundizzjonijiet tajbin tax-xogħol u ħafna ġid materjali, jekk il-ħajja personali jew familjari tiegħu tkun qed taqa' biċċiet?

Jeħtieġ nagħrfu li ħafna mill-problemi tal-bniedem ta' llum aktarx li jkollhom l-għeruq tagħhom fl-egoiżmu li jaħkem lill-bniedem, fil-materjaliżmu tad-dinja moderna, u fid-diffikultà kbira li l-bniedem qed jiltaqa' magħha biex jagħraf b'mod ċar u preċiż il-ħtiġiet veri tal-ġustizzja f'każi konkreti.

Huma problemi mbuttati wkoll mill-fatt li l-verità dwar il-bniedem, li wriena Alla nnifsu, qed tiċċajpar spiss kaġun tal-mod kif x'uħud minna qed jippreżentaha.

## Appell għal sensibbiltà

Appell li nixtieq nagħmel lil-*unions* kollha f'pajjiżna fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju ta' l-UHM, huwa biex ifittxu li jsiru dejjem iżjed sensibbli għar-realtajiet ġodda li qed jgħixu fihom il-ħaddiema tagħna.

It-trejdunjonista nisrani ma jistax ma jħossx id-dover li jappoġġja u jgħin kemm jista' fit-tħabrik biex is-soċjetà tissaffa u teħles minn dak kollu li qed jhedded jew jherri s-sinsla tal-valuri Maltin u s-sisien tal-familja Maltija.

Hemm ħafna li l-*unions* tal-ħaddiema jistgħu jwettqu flimkien, l-ewwelnett id f'id bejniethom stess u wkoll ma' l-imsieħba soċjali l-oħra, biex il-ħaddiem jingħata iżjed attenzjoni bħala bniedem sħiħ.

F'dinja fejn il-bniedem donnu m'għandux sabar u jrid l-aħjar u l-aqwa minnufih, nemmen li hemm bżonn li lill-ħaddiem nedukawh u nifformawh dejjem aħjar dwar il-prijoritajiet fil-ħajja, il-ħtieġa tat-talb fil-familja, il-bilanċ fl-aspettattivi, is-sens ta' sagrifiċċju, is-sens ta' solidarjetà u valuri oħrajn li naqra naqra jistgħu jispiċċaw fgati, b'katina ta' konsegwenzi.

Jalla l-fjamma ta' l-ispirtu ta' qadi li hemm tħeġġeġ f'kull qalb ta' trejdunjonista nisrani li jqiegħed ġenwinament l-interessi tal-proxxmu u tal-komunità qabel kull interess tiegħu personali jew settarju, tgħin biex il-*unions* kollha tal-ħaddiema f'pajjiżna jagħrfu jibnu s-servizz tagħhom lill-ħaddiema skond is-sinjali taż-żminijiet.

Quddiesa ta' Radd il-Ħajr
Knisja tal-Kapuċċini
Floriana

23 ta' Settembru 1996

# It-22 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca

*Diskors ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

## ID-DMIR TA' L-EVANĠELIZZAZZJONI

Illum inġbarna flimkien biex inroddu ħajr 'l Alla għall-imħabba u l-ħniena li dejjem wera miegħi matul it-22 sena minn meta ġejt ordnat Isqof.

Min-naħa tiegħi, irrid ukoll nirringrazzja lil kulħadd għat-talb u s-sagrifiċċji li toffru għalija biex il-Mulej ikompli jgħinni naqdi l-missjoni tiegħi ta' Ragħaj Spiritwali tagħkom ilkoll, b'fidi u ħeġġa dejjem ġodda.

### Aħbar ta' ġrajja konkreta

Il-qofol tad-dmirijiet ta' l-Isqof hija l-evanġelizazzjoni. Bħala Isqof, irrid inwassal lilkom ilkoll, dan il-messaġġ ta' ferħ.

L-evanġelizazzjoni mhix il-komunikazzjoni ta' xi duttrina jew ta' xi reliġjon, fost tant oħrajn. Fiha nfisha, l-evanġelizazzjoni hija fuq kollox aħbar ta' ġrajja konkreta.

Din il-ġrajja konkreta hija l-persuna ta' Ġesù ta' Nazaret, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla l-Missier, li sar bniedem bħalna, miet fuq is-salib, irxoxta, ħareġ rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt, u huwa l-uniku Salvatur tal-Bniedem.

L-evanġelizazzjoni hija l-Bxara t-Tajba li l-bniedem mhux qed jgħix maqtugħ għalih waħdu, maħkum u mjassar mill-istess passjonijiet ħżiena tiegħu biex fl-aħħar jispiċċa fix-xejn. Il-Bxara t-Tajba tgħidilna li Alla jħobb lill-bniedem b'imħabba bla qies. Il-bniedem hu l-unika kreatura fid-dinja li Alla jħobbha għaliha nfisha. Il-bniedem huwa prezzjuż għal Alla. Il-Mulej bagħat lil Ibnu biex jeħles lill-bniedem u jaħfirlu. Huwa jimxi mal-bniedem fil-ħajja tiegħu ta' kuljum u joffrilu sehem fl-istess ħajja divina tiegħu.

### Aħbar ta' ferħ għal kulħadd

Din hija l-aħbar ta' ferħ li tnissel hena f'qalb kulħadd, għax kif naqraw fl-Ittra ta' San Pawl lir-Rumani (3,23-24), aħna lkoll dnibna u lkoll ninħtiegu

l-glorja tal-Mulej li jqaddisna bil-grazzja tiegħu bis-saħħa tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù.

Fl-Evanġelju ta' San Mark (16,15) naqraw li Ġesù nnifsu ordnalna nwasslu din il-Bxara t-Tajba lil kull maħluq, mingħajr ma nħallu jew naqtgħu barra lil ħadd.

Hu meħtieġ li kulħadd jisma' din l-evanġelizazzjoni u jilqagħha b'qalbu kollha. Aħna lkoll, li nistqarru li aħna nsara, ninħtieġu ħafna li ħajjitna tkun ispirata u mibnija fuq din il-Bxara t-Tajba, għaliex fil-fond ta' qalbna nagħrfu lkoll li mhux darba u tnejn inġibu rwieħna magħna nfusna u ma' l-oħrajn bħala nies li ma jagħrfux lill-Mulej.

L-Aħbar it-Tajba trid tasal għand kulħadd mingħajr ebda eċċezzjoni, jiġifieri anke għand dawk li jistgħu jidhru li huma indifferenti għal kollox jew saħansitra ostili għall-evanġelizazzjoni. Dawn ukoll huma maħluqin xbiha ta' Alla u qalbhom ma hija qatt mejta għas-sejħa ta' Kristu. Il-bnedmin kollha għandhom bżonn assolut li jiksbu l-ħajja ta' ħelsien sħiħ li kisbilna Ġesù ta' Nazaret, l-Iben il-Waħdieni ta' Alla.

L-imħabba bla qies li Alla għandu għall-bniedem hija l-aħbar dejjem ġdida, l-aħbar ta' ferħ, li n-nies ta' żmienna huma tant neqsin minnha u fl-istess ħin huma tant għatxana għaliha. Ġesù nnifsu, illum bħall-bierah, qed jgħid lilna lkoll: "Ejjew għandi intom li għandkom l-għatx u jien nagħtikom l-ilma tal-ħajja". Ġesù għandu dak li aħna nixtiequ, ninħtieġu u qed infittxu bla ma nsibu. Din il-Bxara t-Tajba hija ta' ferħ għal kulħadd.

## Iż-żgħożija perenni ta' l-Evanġelju

Fl-okkażjoni ta' llum inġbarna flimkien biex nitolbu lill-Mulej iqawwi l-fidi tagħna f'din l-evanġelizazzjoni, f'din il-Bxara t-Tajba li aħna lkoll fid-dmir li nxandru u ngħixu.

Huwa meħtieġ ħafna talb biex ikollna fidi qawwija fiż-żgħożija perenni ta' l-Evanġelju, li hu mogħni bil-qawwa li jagħti bla heda ħajja dejjem ġdida lill-bniedem, lill-istorja u lill-kultura.

Huwa meħtieġ ħafna talb biex meta nħossu li hu diffiċli u tqil li nevanġelizzaw f'dinja u kultura li jridu jwarbu 'l Alla, nemmnu fil-qawwa rebbieħa tal-Mulej li minn sitwazzjonijiet iebsin u kuntrarji għall-evanġelizazzjoni kapaċi joħroġ xiehda mill-isbaħ ta' ħajja u ġenerożità tassew nisranija.

L-Isqof, is-saċerdoti, ir-reliġjużi u l-lajċi, aħna lkoll imsejħin biex skond il-missjoni u r-responsabbiltà proprja tagħna, inwasslu l-Bxara t-Tajba lil kulħadd. Tgħodd għalina lkoll it-twissija li nsibu fl-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin: "Ħażin għalija jekk jien ma nxandarx l-Evanġelju" (1 Kor. 9,16).

Iżda biex inkunu nistgħu nxandru din il-Bxara t-Tajba kif irid Alla, jinħtieġ l-ewwelnett li aħna stess inkunu smajna, ilqajna u qed nixhdu bl-istess ħajjitna din l-evanġelizazzjoni.

Meta nisimgħu l-kelma evanġelizazzjoni, l-ewwel ħwejjeġ li jiġu f'moħħna huma l-programmi organiċi, is-seminars, pjani pastorali u inizjattivi oħrajn. Dawn huma għodda utli u meħtieġa. Iżda ma nistgħux nilludu rwieħna li bil-programmi u l-pjani li nkunu fassalna, inkunu għamilna dak kollu li hu tassew meħtieġ għall-evanġelizazzjoni. Jekk hu tassew minnu li wieħed iżjed jevanġelizza qabel kollox b'dak li hu fih innifsu, jiġifieri l-awtentiċità ta' l-identità tagħna bħala nsara.

Ikun jistħoqqilna l-isem ta' nies li jħobbu u jxandru l-Bxara t-Tajba daqskemm inkunu nsara li nħobbu t-talb, nisimgħu u ngħożżu tassew f'qalbna l-Kelma ta' Alla, nersqu għas-Sagramenti u nfasslu ħajjitna f'kollox fuq dak li tgħidilna din l-istess Bxara Tajba.

## Id-dover ta' l-Isqof li jitkellem

Id-dmir li nxandru l-Bxara t-Tajba, jiġifieri d-dmir li nxandru lil Ġesù Kristu ma' kullimkien bħala l-uniku Salvatur tal-bniedem, jolqot l-ewwelnett u qabel kulħadd lill-Isqof tad-djoċesi.

Din l-evanġelizazzjoni titlob ukoll li l-Isqof jiddixxerni, jiġifieri fid-dawl li jagħtih il-Mulej jagħti l-ġudizzju tiegħu, fuq l-awtentiċità tal-kariżmi u tal-ħidmiet li jkunu jinsabu fid-djoċesi, u jarmonizzahom u jgħaqqadhom bejniethom b'mod li jkun hemm minnhom ilkoll ħidma li hija verament ekkleżjali, tassew tal-Knisja.

L-Isqof irid ukoll jiddixxerni, jagħti l-ġudizzju tiegħu, fuq l-opinjonijiet li jiċċirkolaw fid-djoċesi permezz ta' kittieba, xandara u rivisti ta' teoloġija, pastorali, liturġija u attwalità. Dan jagħmlu fid-dawl tal-Maġisteru awtentiku, jiġifieri ta' dak li l-Knisja tgħallem uffiċjalment f'isem Kristu.

L-evanġelizazzjoni, il-Bxara t-Tajba, trid titwassal lil kulħadd b'mod sħiħ, fl-integrità kollha tagħha.

Fil-qadi ta' din il-missjoni tiegħu ta' dixxerniment u ta' dan is-servizz apostoliku tiegħu lill-Knisja fdata lilu, l-Isqof isib għajnuna kbira, u jħossu mfarraġ u msaħħaħ, meta kittieba u xandara jwasslu l-Aħbar it-Tajba b'mod li jaqbel f'kollox ma' l-Evanġelju. Lil dawn il-kittieba u xandara ngħidilhom "Grazzi" mill-qalb.

Iżda hija wkoll parti mill-missjoni ta' dixxerniment li għandu l-Isqof li jwissi u jgħid li pastoralment issir ħsara kbira meta, minħabba l-biża' li – għax il-bniedem spiss iħoss il-Kelma ta' Alla tqila – il-bniedem jista' jitgerrex u jitbiegħed mill-Knisja jekk din il-Kelma ta' Alla titwassallu fl-

integrità kollha tagħha, wieħed jinterpreta u jadattta l-Kelma ta' Alla b'mod kuntrarju għal dak li jgħallem il-Maġisteru awtentiku.

Dan jista' jiġri, per eżempju, billi wieħed imewwet jew jiskuża dak li l-metalità ta' llum ma taċċettax, għax trid tistqarr li l-libertà ta' l-individwu hija sovrana fuq kulħadd, u trid li fil-ħajja tal-bniedem ikun hemm indipendenza sħiħa minn kulħadd, saħansitra minn Alla nnfisu u r-Rieda fejjieda tiegħu.

Issir pastoralment ħsara kbira wkoll jekk nikkritikaw il-Maġisteru awtentiku tal-Knisja u nħarsu lejh mhux fi spirtu ta' fidi, iżda skond il-fehmiet ta' dawn il-kittieba u xandara, ikun liema jkun il-livell ekkleżjastiku jew akkademiku tagħhom.

Il-Q.T. il-Papa Pawlu VI, fl-Enċiklika tiegħu *Ecclesiam Suam* jgħidilna li hija ħaġa tajba li nersqu lejn nies li jgħixu f'ambjenti profani, jiġifieri nies li jgħidu li Alla ma jgħid xejn għalihom. Madankollu, din il-ħerqa tajba li nersqu lejn dawn l-aħwa, m'għandha qatt twassalna biex intappnu, innaqqsu jew inrattbu l-awtentiċità ta' l-Evanġelju, bl-esiġenzi u r-rinunzji spiss tqal li jitlob minna.

Ir-rispett lejn il-Kelma ta' Alla jitlob li ma nonqsux mid-dmir li għandna lejn il-verità ta' Alla u mill-veru rispett lejn dawn l-aħwa.

Inkunu nqarrqu b'ħutna meta flok il-Bxara t-Tajba li Ġesù huwa l-uniku Salvatur tal-bniedem, aħna noffrulhom il-messaġġ tagħna minsuġ b'ħafna kompromessi.

Jeħtieġ ninsistu dejjem ma' kulħadd fuq l-imħabba u l-ħniena bla qies li Alla għandu għalina midinbin. Dan hu li jimla qalb il-bniedem, jgħinu jqajmu għal ħajja ġdida u sabiħa, minkejja d-dgħufija kollha tiegħu.

Li nxandru li Ġesù huwa l-uniku Salvatur tad-dinja jfisser kuraġġ biex inbiddlu l-bniedem għall-aħjar bid-dawl u l-ħeġġa li huma l-frott tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù, rebbieħ fuq id-dnub.

Li nxandru l-Kelma ta' Alla ma jfissirx li nbiddlu l-Kelma ta' Alla biex ma mmorrux kontra l-fehmiet li huma moda fi żminijietna jew biex niġbdu lejna s-simpatija tal-bniedem.

Li nxandru l-Kelma ta' Alla jfisser li nwassluha lill-bniedem kif inhi, filwaqt li nuru kull rispett lejh u naraw minn liema toroq irridu ngħaddu biex ngħinu lill-bniedem ta' żmienna jilqa' bil-ferħ din il-Bxara t-Tajba.

## Ġesù u l-valuri

Inħoss li għandi nsemmi wkoll periklu ieħor li jaħdem kontra l-evanġelizazzjoni kif iridha Alla. Jeħtieġ noqogħdu attenti biex ma nagħtux importanza *assoluta* lil xi valuri, bħalma huma per eżempju s-solidarjetà,

il-paċi, l-ekoloġija, id-djalogu u l-progress, għalkemm ovvjament dawn jibqgħu valuri li fihom infushom huma tajbin u li wkoll jgħinu lill-bniedem fil-mixja tiegħu lejn Alla.

Dawn huma valuri li jinħtieġ li nġibuhom dejjem iżjed 'il quddiem. Madankollu, ma nistgħux nieqfu fuqhom u ningħalqu fihom bħallikieku nistgħu nevanġelizzaw il-Bxara t-Tajba mingħajr ma nsemmu u nirreferu wkoll għall-ħtieġa tal-konverżjoni li Ġesù ta' Nazaret jitlob minna lkoll.

## Il-bżonn tal-koverżjoni

Jeħtieġ inxandru u ngħallmu li l-evanġelizazzjoni titlob ukoll il-konverżjoni tal-qalb, jiġifieri li ninqatgħu minn dak li jbegħdna mill-għaqda tagħna ma' Alla u mal-proxxmu u, sogħbiena, induru lejn Alla bħala Missierna, nitolbuh maħfra, u nimpenjaw irwieħna li ngħixu ħajja tassew nisranija.

Fl-Evanġelju ta' San Mark (1,16) insibu stedina ċara għall-konverżjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba".

Tevanġelizza jfisser toffri lill-bniedem il-ħelsien sħiħ u s-salvazzjoni sħiħa tiegħu , miksubin għalina minn Ġesù bil-mewt u l-qawmien tiegħu. Jekk ma nxandrux li Ġesù huwa s-Salvatur uniku tal-bniedem u li l-bniedem irid jikkonverti, inkunu qed nilludu lilna nfusna u lill-oħrajn li wieħed jista' jikseb is-salvazzjoni tiegħu biss bil-ħila ta' għemilu.

## Dmir is-saċerdoti

Biex ix-xandir tal-Bxara t-Tajba u l-evanġelizazzjoni jsiru b'ħeġġa, jiħtieġ ukoll li l-ministeru appostoliku ta' l-Isqof ikun mgħejjun u mwieżen u mwassal minn numru xieraq ta' presbiteri tajbin li jwettqu l-ħidma tagħhom ta' evanġelizzaturi, mhux maqtugħin għal rashom, iżda f'għaqda intima ma' l-Isqof tagħhom.

Dan ifisser li kull saċerdot irid jaqdi l-missjoni tiegħu ta' appostolat u pastorali fi ħdan il-presbiterju djoċesan u jagħti s-servizz saċerdotali tiegħu f'isem u skond il-madnat ta' l-Isqof.

Ebda saċerdot ma jista' jfassal mandat għalih innifsu.

Il-Knisja f'Malta tirringrazzja 'l Alla għaliex din il-ħeġġa għall-evanġelizazzjoni hija ġejja wkoll, fost l-oħrajn, mir-reliġjużi, mis-sitt monasteri tal-klawsura li huma rikkezza u rigal għad-djoċesi tagħna, mill-parroċċi, mill-familji nsara, minn irġiel u nisa li jgħixu fi stat ta' konsagrazzjoni speċjali, mill-kotra ta' assoċjazzjonijiet, movimenti u gruppi, u saħansitra minn dawk li huma morda jew li qed ibatu u li jfakkruna f'Ġesù, li salvana permezz tat-tbatija tiegħu.

Nitolbu l-għajnuna ta' Alla, bl-interċessjoni ta' Marija, biex kull wieħed u waħda minna nagħrfu dejjem aħjar is-sejħa li l-Mulej qed jagħmlilna f'ħajjitna u biex naqdu d-dmir tagħna ta' evanġelizazzjoni b'imħabba u ġenerożità profondi.

KonKattidral ta' San Ġwann

27 ta' Settembru 1996

# Quddiesa Solenni ta' l-Emigranti fl-Awstralja f'Jum il-Vitorja 1996

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

Għeżież emigranti,

Hija ħaġa sabiħa li l-Maltin emigranti minn żmien għal ieħor jiltaqgħu biex flimkien iroddu ħajr 'l Alla għall-għajnuna kollha li jagħtihom u biex jiġġeddu fil-valuri nsara li kellhom ix-xorti li jieħdu magħhom fl-art li laqgħethom.

Hija ħaġa sabiħa wkoll li intom qed tagħmlu din iċ-ċelebrazzjoni f'jum il-Festa ta' Marija Bambina, li tant hija miżmuma b'għożża fostna lkoll, inkluż fost l-emigranti tagħna.

Id-devozzjoni u l-imħabba ta' l-emigranti lejn Marija Bambina hija riflessa, fost ħwejjeġ oħrajn, fiċ-ċelebrazzjonijiet li jiġu organizzati kull sena bl-istatwa tagħha, prattikament kull fejn hemm komunità ta' emigranti Maltin.

Dawn l-istatwi huma replika ta' l-istawa għażiża ta' Marija Bambina meqjuma fil-Parroċċa ta' l-Isla, li din is-sena qed jiġi ċċelebrat il-75 anniversarju mill-inkurunazzjoni tagħha.

Inizjattivi bħal dawn huma ta' min jifraħ bihom u jinkuraġġihom. Huma jgħinu biex jisaħħaħ l-ispirtu ta' solidarjetà u għaqda bejn l-emigranti u l-poplu tagħna f'pajjiżna. L-emigranti u l-familji tagħhom, huma fejn huma, jibqgħu għeżież mhux biss għall-qraba u l-ħbieb li ħallew warajhom f'dawn il-gżejjer, imma wkoll għall-poplu kollu tagħna.

Il-Knisja, min-naħa tagħha, tinteressa ruħha ħafna fl-emigranti u fil-familji tagħhom. Ix-xogħol fejjiedi li għamlet u għadha tagħmel il-Kummissjoni Emigranti f'dan il-qasam huwa xieħda ħajja u kontinwa ta' dan.

Il-pont ta' bejnietna hu ssiġillat minn dak kollu li jagħtina l-identità tagħna bħala ġens nisrani.

## Fuq l-għatba tat-Tielet Millennju

Issa li, tarġa wara l-oħra, qed nersqu lej il-Ġublew il-Kbir tas-Sena Elfejn, l-istedina li nixtieq nagħmel lill-emigranti kollha tagħna hija biex jieħdu ħsieb ħalli għal dan il-mument hekk speċjali fil-ġrajja nisranija, iħejju rwieħhom kif inhu xieraq.

Bħalma l-Isqfijiet Maltin kellna l-okkażjoni nuru lill-poplu Malti u Għawdxi f'Ittra Pastorali fl-okkażjoni tal-Festa ta' Santa Marija, il-bniedem irid isib il-ħin meħtieġ biex jiltaqa' ma' Alla. Huwa proprju għalhekk li l-Knisja qed tistedinna b'ħerqa biex inħejju ruħna tajjeb spiritwalment għall-Millennju l-ġdid.

Il-qofol ta' dak li l-Knisja qed tipproponilna dwar it-tħejjija għall-Ġublew, ġie spjegat lilna mill-papa nnifsu fl-Ittra Apostolika tiegħu, *Tertio Millennio Adveniente*.

Matul is-sena d-dieħla, l-1997, il-Knisja qed tħeġġiġna nirriflettu fuq Ġesù Kristu, Feddej waħdieni tad-dinja, ilbieraħ, illum u għal dejjem.

It-tieni sena ta' tħejjija, l-1998, se tkun dedikata b'mod partikolari lill-Ispirtu s-Santu u lill-preżenza tiegħu fi ħdan il-Komunità tad-dixxipli ta' Kristu biex iqaddishom.

It-tielet u l-aħħar sena ta' thejjija, l-1999, se jkollha l-għan li twessa' x-xefaq ta' dawk li jemmnu, sabiex huma jaraw kollox fil-perspettiva tal-Missier li qiegħed fis-sema.

L-istedina għar-riflessjoni tgħodd ukoll għall-insara emigranti li, ikunu fejn ikunu, għandhom dejjem pajjiżhom il-Knisja.

Fit-*Tertio Millennio Adveniente*, Ġwanni Pawlu II jaħseb b'mod partikolari fin-nisa nsara li fl-emigrazzjoni jistgħu jaqdu sewwa l-kawża ta' l-evanġelizazzjoni. Huwa jħeġġeġ lin-nisa biex b'kuraġġ u fiduċja jagħmlu kull ma jissuġġerulhom l-imħabba u r-responsabbiltà biex jagħrfu dejjem aktar x'inhi l-vokazzjoni tagħhom ta' miżżewġin u ommijiet.

Il-Papa jgħid li s-saċerdozju komuni tal-membri tal-knisja, li għandu l-għerq tiegħu fil-magħmudija, jidher fin-nisa permezz tal-kwalitajiet speċjali tagħhom bħala nisa, kwalitajiet bhalma hi l-ħila li jaqdu l-ħajja b'impenn mill-aqwa, bla ebda kundizzjoni u, fuq kollox, bl-imħabba.

## Marija: mudell dejjem ġdid

In-nisa u l-irġiel kollha jistgħu jħejju rwieħhom bis-serjetà għall-millennju l-ġdid billi jimxu fuq l-eżempju ta' Marija bħala mudell dejjem ġdid għal kull nisrani.

L-Imqaddsa Verġni Marija tgħallimna, bl-imġiba tagħha, kif għandna ngħixu ta' nsara u kif għandna nagħtu xiehda tal-fidi tagħna. Hija tidher għal dawk kollha li jemmnu bhala mudell ta' fidi mqiegħed fil-prattika.

Il-mudell tal-ħajja li tqegħdilna quddiemna Marija hu l-aqwa mudell li jista' jkollna biex ikollna tassew familji xempju ta' mħabba u għaqda, kif ukoll soċjetà li fost il-membri tagħha jispikkaw virtujiet bħalma huma dawk tal-ġustizzja, l-onestà, is-solidarjetà nisranija u l-għaqda.

Iċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Elfejn għandha tkun għalina lkoll żmien ta' tama u ferħ li fih nilqgħu kif imiss il-grazzja speċjali li qed joffrilna l-Mulej.

Għandha tkun ukoll żmien li fih il-ġenituri jimpenjaw irwieħhom biex jgħinnu lil uliedhom żgħażagħ jifhmu li Kristu jistenna ħwejjeġ kbar minnhom.

Jekk iż-żgħażagħ jirnexxilhom isegwu t-triq li jurihom Kristu, ikollhom il-ferħ li jagħu l-kontribut tagħhom infushom għall-preżenza tiegħu fis-seklu li jmiss u fis-sekli ta' wara.

Il-Ġublew huwa żmien ta' purifikazzjoni, konverżjoni u rikonċiljazzjoni. Għaldaqstant, hu xieraq li fit-tħejjija tagħna għalih, nimmeditaw il-parabbola tant sabiħa ta' l-Iben il-Ħali. Fl-imġiba tal-missier li jisemma f'din il-parabbola nsibu raġġ ta' dawl li juri l-ħniena bla tarf tal-Missier tagħna tas-Sema. Dan jgħinna naraw aħjar il-kobor u s-sbuħija tas-Sagrament tal-Qrar, li jagħtina mill-ġdid l-hena tal-qalb li jġibu magħhom l-indiema sinċiera u l-maħfra.

Marija, omm il-Maltin, li tant waqfet magħna bħala poplu u ma' l-emigranti tagħna fiż-żminijiet ta' prova, tgħinna żgur.

Il-Mulej iberikkom ilkoll.

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

Nota: *Dan il-messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca tħajja biex jinqara waqt Quddiesa Solenni organizzata għall-emigranti Maltin mill-Phoenician Club fit-8 ta' Settembru 1996, fil-Knisja ta' San Benedittu, New South Wales, l-Awstralja. It-talba għall-messaġġ saret lil Mons. Arċisqof mis-Sur Frank Mercieca, President tal-Phoenician Club. Iċ-ċelebrazzjoni tikkommemora l-Festa tal-Vitorja u t-32 Anniversarju ta' l-Indipendenza ta' Malta.*

# Bibbja Ġdida għall-Knisja f'Malta

## *Messaġġ ta' Monsinjur Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

Il-Bibbja għandha post importanti ħafna fil-ħajja tal-Knisja. Hija l-ktieb tal-knisja. Permezz tagħha, il-Knisja tgħallem il-veritajiet ta' Alla lil uliedha.

Il-Konċilju Vatikan II saħaq li l-Kelma ta' Alla għandha titwassal lill-membri tal-Knisja, huma fejn huma, b'lingwa li jifhimha kulħadd. B'riżultat, kull Knisja lokali bdiet tħabrek biex ikollha l-Bibbja tagħha b'ilsien il-poplu u b'hekk taqdi aħjar il-ministeru tagħha fix-xandir tal-Kelma.

Kien għalhekk mument ta' ferħ kbir għall-Knisja f'Malta dakinhar li, f'Marzu 1984, bit-tħabrik ta' l-Għaqda Biblika Maltija, il-poplu ta' Alla f'pajjiżna ngħatalu r-rigal sabiħ ta' traduzzjoni uffiċjali tal-Bibbja fl-ilsien tiegħu. Dan għen biex il-familji tagħna jersqu iktar lejn il-Kotba Mqaddsa. Għen ukoll biex il-poplu tagħna jikseb frott spiritwali ferm akbar mit-tagħlim ta' l-Iskrittura, fiċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija, fit-talb u fil-meditazzjoni privata.

L-imħabba mqanqla għall-Kotba Mqaddsa, flimkien ma' l-apprezzament tax-xogħol kbir li sar mill-istudjużi tal-Bibbja Maltin u Għawdxin matul is-snin u minn dawk li ħejjew it-traduzzjoni ta' l-1984, sab il-milja tiegħu fil-fatt li l-kopji li ġew stampati dakinhar spiċċaw kollha. B'riżultat, inħass minnufih il-bżonn li l-Bibbja terġa' tiġi stampata.

Quddiem dan il-bżonn ta' edizzjoni ġdida tal-Bibbja għal idejn kulħadd, l-Għaqda Biblika Maltija bir-raġun ħasset is-sejħa u d-dover li tirrevedi t-test ippubblikat 12-il sena ilu, quddiemnett fid-dawl ta' l-iżviluppi li saru minn dak iż-żmien 'il hawn fl-istudju bla heda tal-Bibbja.

It-test ta' l-ewwel edizzjoni kien tajjeb. Din kienet edizzjoni li qdiet sew lill-Knisja f'dawn il-gżejjer fil-missjoni ewlenija tagħha ta' l-evanġelizzazzjoni u tal-Liturġija. Madankollu, l-għaqal u l-esperjenza kienu jitolbu li qabel tiġi stampata t-tieni edizzjoni, isir studju serju mill-ġdid dwar kif dan it-test seta' jsir aħjar.

Dan ix-xogħol ta' responsabbiltà sar b'reqqa kbira minn grupp ta' studjużi tal-Bibbja Maltin u Għawdxin. Huma ħadmu biex iħejju test imfisser b'Malti ħaj tal-poplu tagħna llum, biex jgħin lil min jaqra l-Bibbja jifhem il-messaġġ tal-Kelma ta' Alla bil-ħeffa u bla tfixkil.

Dan l-impenn ta' l-istudjużi tal-Bibbja wassal għal edizzjoni ġdida tal-verżjoni uffiċjali bil-Malti, imħejjija id f'id mal-*United Bible Societies* li tagħha l-Għaqda Biblika Maltija hija membru.

L-Iskritura hija għażiża għalina lkoll. Hija tirrappreżenta wieħed mill-akbar teżori li jaqsmu bejniethom il-bnedmin ta' kull żmien. Fl-Iskrittura

Maddsa u fl-azzjoni tal-ħniena divina li hija tirrakkonta, Alla Missierna, fl-imħabba bla tarf tiegħu jdur lejna bħala wliedu u jgħix fostna. Il-Bibbja hija mqaddsa għaliex fil-kelma ispirata u li ma tinbidilx tagħha, jgħix leħen l-Ispirtu s-Santu. Dan il-leħen aħna nistgħu nisimgħuh. Huwa leħen li fil-Knisja jidwi bla heda, seklu wara l-ieħor, ġenerazzjoni wara l-oħra.

Il-Kelma ta' Alla hija dejjem ħajja u dejjem friska. Hija tgħin biex tissaħħaħ l-għaqda tal-bnedmin ma' Alla u ma' xulxin. Għaldaqstant, bħal fil-każ ta' l-ewwel edizzjoni, l-edizzjoni l-ġdida tal-Bibbja fl-ilsien li jħaddem il-poplu tagħna, magħmula dejjem iżjed attwali bir-reviżjoni li saritilha, nixtieq nirrikmandaha lil kulħadd.

F'isem Mons. Isqof Nikol Cauchi u f'ismi, nixtieq inrodd ħajr lill-istudjużi tal-Bibbja li tawna t-traduzzjoni ta' l-ewwel u t-tieni edizzjoni, kif ukoll lill-*United Bible Societies* għall-għajnuna li taw lill-Għaqda Biblika Maltija, sew teknikament u sew finanzjarjament.

Jalla, kif iridna nagħmlu l-Appostlu Missierna San Pawl, "il-Kelma ta' Alla tiġri u tissebbaħ" fost il-poplu kollu tal-gżejjer tagħna (2 Tess 3,1).

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

5 ta' Settembru 1996

# Il-125 Anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Knisja Parrokkjali tal-Mosta

*Messaġġ ta' Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca*

It-tifkira tad-Dedikazzjoni tal-Knisja għandha tfakkarna fil-misteru tal-Knisja, il-ġemgħa ta' l-imgħammdin kollha li jistqarru li Kristu hu l-Mulej. Il-Knisja kienet fil-ħsieb ta' Alla qabel kull żmien u tibqa' għal dejjem bħala Ġerusalemm tas-sema, li San Ġwann, f'dehra, ra nieżla mis-sema imżejna bħala Għarusa għal Għarus tagħha. Il-Knisja hija mibnija fuq is-sisien ta' l-Appostli u tal-Profeti li tagħha Kristu hu l-ġebla tax-xewka, li ma teħtieġ la d-dawl tax-xemx u lanqas id-dawl tal-qamar għax hi mdawwla kollha kemm hi bid-dija ta' Kristu, id-dawl tad-dinja.

F'din il-Knisja aħna ninbnew bħala ġebel ħaj f'dar ta' Alla, f'għamara ta' l-Isprtu s-Santu. Għalhekk nifirħu fil-Mulej kull darba li nfakkru l-jum li fih il-bini li nsejħulu knisja ġiet dedikat għall-qima ta' Alla, biex ikun għalina d-dar ta' Alla u l-bieb tas-sema. iżda wisq aktar għandna nifirħu f'din is-sena, aħna u niftakru li 125 sena ilu dan il-bini grandjuż ġie dedikat lil Alla b'ċerimonja mill-aktar solenni u mqiegħed taħt il-ħarsien tal-Verġni Marija fil-misteru tat-tlugħ tagħha fis-sema.

Tul dawn il-125 sena missirijietna ġew jitolbu l-barka ta' Alla u l-ħarsien tal-Verġni Marija, kif għamlu missirijiethom fil-knejjes li flokhom inbena t-tempju ta' llum, tempju li bi grazzja kbira ta' Alla ġie mħares minn ħerba u tiġrif fl-eqqel ta' l-aħħar gwerra. Hawn niġu aħna wkoll, u hawn se jibqgħu jiġu wliedna u wlied uliedna biex joffru lil Alla l-ferħ u n-niket tal-ħajja tagħhom ta' kuljum fid-dinja.

Hawn ġiebuna għadna nitwieldu biex nitwieldu mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu ħa nsiru wlied adottivi ta' Alla u membri ħajjin tal-Knisja; hawn ġejna biex ikollna s-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu u hekk inkunu membri kbar tal-poplu ta' Alla; hawn niġu biex ikollna l-barka ta' Alla li tqawwina aħna u nrawmu familja ġdida ta' wlied Alla; hawn niġu biex niksbu l-maħfra ta' dnubietna; hawn niġu biex nissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa bħala l-poplu li Alla kiseb għalih u nissieħbu fil-mejda li l-Mulej għandu mħejjija għalina, kuljum jekk irridu; hawn fl-aħħarnett iġibuna biex tingħatalna l-aħħar tislima tal-komunità nisranija tagħna qabel ma ġisimna jitqiegħed fil-qabar jistenna l-qawmien mill-imwiet.

Minn hawn il-Mulej ixerred kotra ta' barka u sliem fuqna lkoll, fuq il-parroċċa kollha, fuq pajjiżna, fuq id-dinja; hawn hu dejjem lest biex jilqa'

t-talb tagħna; hawn jistenniena niġu nżuruh u nifthu qalbna miegħu, lesti dejjem biex nisimgħu l-kelma tiegħu li turina x'jistenna minna bħala wlied maħbuba tiegħu. Għalhekk qed nifirħu llum: jalla dan il-ferħ tagħna jsaħħaħ dejjem aktar l-imħabba tagħna lejn il-Knisja, imħabba li nuruha fl-għemil kollu tagħna, biex qatt ma tonqosna l-barka ta' Alla u l-ħarsien tal-Verġni Marija. B'rahan ta' dan, minn qalbi nagħtikom il-barka pastorali tiegħi.

Illum, 8 ta' Ottubru 1996, anniversarju tad-Dedikazzjoni tal-Kattidral ta' Malta.

† Ġużeppi Mercieca
*Arċisqof ta' Malta*

# Nomini mill-Kurja

Dun JOE MAGRO, mill-parroċċa ta' Santa Luċija ġie trasferit għall-parroċċa ta' Ħal-Balzan.
Dun GORDON REFALO ġie nominat kappillan ta' Santa Luċija.
Dun MARIO TONG ġie nominalt kapillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem, B'Kara.
Dun VINĊENZ DEMICOLI ġie trasferit mill-parroċċa ta' San Ġużepp Ħaddiem għall-parroċa ta' San Girgor, f'tas-Sliema.
Dun ĠUZEPP PACE mill-parroċċa ta' San Girgor ġie assenjat għall-Uffiċċju Żwiġijiet tal-Kurja.
Dun PAWL REGGIO mill-parroċċa ta' Ħal Balzan ġie mibgħut bħala assistent direttur spiritwali fis-Seminarju u assenjat għas-servizz pastoali f'Ħad Dingli.

**Ġew nominati viċijiet:**

Dun VICTOR BUHAGIAR fil-parroċċa ta' San Ġorġ, Qormi.
Dun MARCO PORTELLI fil-parroċċa ta' l-Imsida.
Dun MARK MICALLEF fiż-żona pastorali ta' l-Ibraġġ.
Dun NOEL CAMILLERI fil-parroċċa ta' San Gejtanu, Ħamrun.
Dun REGGIE MAGRI fil-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar (b'responsabbiltà partikolari għax-Xgħajra).
Dun JOSEPH BUHAGIAR fil-parroċċa tar-Rabat b'responsabbiltà partikolari għaż-żona ta' l-Imtarfa.
Dun KARM BORG fil-parroċċa taż-Żejtun.

**Karigi oħra**

Kan VICTOR CILIA assenjat lill-parroċċa ta' Ħaż-Żabbar b'responsabbiltà partikolari għaż-żona ta' San Andrija.
Dun ALBERT BUHAGIAR ġie nominat segretarju privat ta' l-Arċisqof u assenjat għas-servizz pastorali f'Wied il-Għajn.

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 340

# Żewġ Festi Nazzjonali – 1996

Fl-okkażjoni tal-festa nazzjonali tal-Vitorja, nhar il-Ħadd, 8 ta' Settembru u ta' l-anniversarju ta' Jum l-Indipendenza, nhar is-Sibt, 21 ta' Settembru, se jiġu ċċelebrati żewġ quddisiet Pontifikali fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, it-tnejn fl-10.00 a.m.

Mons. Arċisqof jordna li:

1. Fil-Quddies kollu ta' nhar it-8 u l-21 ta' Settembru fit-Talba tal-Fidili tiżdied l-invokazzjoni: "Agħni, Mulej, lil art twelidna bis-sliem u lill-Maltin u l-Għawdxin kollha bil-barka tiegħek, li hi rahan ta' ġid spiritwali u materjali."
2. Wara kull Quddiesa, fl-istess jiem, jitkanta l-Innu Malti.
3. Fl-istess jiem, inxtegħlu l-frontispizji u s-Slaleb tal-knejjes kollha minn inżul ix-xemx sal-11.00 p.m.
4. Fil-Knejjes li għandhom arblu, fl-istess jiem tat-8 u tal-21 ta' Settembru, tittajjar il-Bandiera Maltija.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 26 ta' Awissu 1996.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Arċidjoċesi ta' Malta

## Ċirkolari Numru 341

# Jum l-Art Imqaddsa 1996

F'ittra li bagħat aktar kmieni din is-sena lill-Isqfijiet tad-Djoċesijiet Kattoliċi tad-dinja kollha, il-Kardinal Silvestrini, Prefett tal-Kongregazzjoni għall-Knejjes Orjentali, fakkar kemm l-art li fiha twieled u għex Ġesù hi għall-qalb ta' kull Nisrani.

Il-Kardinal fakkar ukoll li, fuq l-eżempju ta' san Pawl, li kien jagħmel ġbir biex tingħata għajnuna lill-Knisja f'Ġersualemm u fil-Palestina fil-ħtiġiet tagħha, kull wieħed u waħda minna għandna nħossu d-dmir ta' solidarjetà ma' ħutna l-Insara ta' l-Art Imqaddsa.

Dan id-dmir inwettquh bit-talb tagħna biex fl-Art ta' Ġesù, minkejja d-diffikultajiet, jinsabu malajr soluzzjonijiet biex in-nies kollha li jgħixu hemm ikunu jistgħu jgħixu f'paċi dejjiema u ġusta bejniethom. Nitolbu wkoll biex il-Knisja tkun tista' taqdi mingħajr tfixkil il-missjoni tagħha għall-ġid tal-bnedmin kollha bla distinzjoni ta' razza.

Mod ieħor kif inwettqu dan id-dmir hu billi nagħtu l-għajnuna materjali u finanzjarja tagħna lill-Knisja fil-Palestina permezz tal-Kummissarjat għall-Art Imqaddsa, kif diversi drabi ħeġġewna l-Papa Pawlu VI u Ġwanni Pawlu II.

Biex inkunu nistgħu naqdu b'aktar faċilità dan id-dmir ta' mħabba u solidarjetà, fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt u l-Ħadd, 14 u 15 ta' dan ix-xahar, se ssir il-Ġabra għall-Art Imqaddsa. Bl-offerti ġenerużi tagħna nkunu nistgħu ngħinu l-Knisja f'dik l-art biex taqdi l-mssjoni tagħha reliġjuża u ta' karità.

Il-ġbir kollu li jsir fil-Quddies għandu jintbagħat lill-Patri Kummissarju ta' l-Art Imqaddsa f'Malta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 3 ta' Settembru 1996.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 342

# 22 Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Mons. Arċisqof

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Settembru, jaħbat it-tnejn u għoxrin anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' Monsinjur Arċisqof.

Aħna, li nafu l-imħabba u l-ħeġġa pastorali tiegħu għalina, li ġejna fdati lilu mill-Ispirtu s-Santu biex hu jieħu ħsiebna u jmexxina fit-toroq tal-Mulej, żgur li dakinhar b'mod speċjali nitolbu għalih: nitolbu biex il-Mulej ikompli jqaddsu u jseddqu fl-ispirtu u f'saħħtu biex b'għerf u b'kuraġġ, bl-eżempju u bil-kelma tiegħu, iressaqna dejjem aktar lejn Alla.

Xieraq, għalhekk, li l-membri kollha tal-Knisja f'Malta jiġu mfakkra biex dakinhar jofru xi sagrifiċċji u talb għall-bżonnijiet ta' Monsinjur Arċisqof.

Fit-Talba tal-Fidili fil-Quddies kollu li jiġi ċelebrat is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 28 u 29 ta' Settembru, għandha tiżdied l-invokazzjoni:

**"Ħares, Mulej, lill-Arċisqof tagħna biex ikun għalina ta' ġid fir-ruħ bil-kelma u bl-eżempju, ħa jwassalna miegħu fil-hena ta' dejjem."**

Barra minn hekk, nhar id-29 ta' Settembru, fil-knejjes kollha ta' l-Arċidjoċesi fejn tiġi ċċelebrata aktar minn Quddiesa waħda, waħda minnhom għandha tkun dik ta' l-Anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Episkopali ta' l-Arċisqof (ara l-Ordni għaċ-Ċelebrazzjoni tal-Quddiesa paġni 454-455).

Bi tħejjija għal dan l-anniversarju, nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Settembru, fis-6.00 p.m., fil-Konkattidral ta' San Ġwann, Valletta, se ssir Quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr lil Alla. Se ssir il-Ġimgħa biex jingħata aktar ċans kemm lis-saċerdoti u membri ta' Istituti ta' ħajja konsagrata, kif ukoll lill-lajċi, li huma lkoll mistiedna bil-qalb biex jieħdu sehem f'din il-Quddiesa, biex ikunu jistgħu jattendu kotrana.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 10 ta' Settembru 1996.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 343

# Direttivi lill-Kleru dwar l-Elezzjoni

Monsinjur Arċisqof jixtieq jerġa' jfakkar lis-Saċerdoti u lir-Reliġjużi kollha li, biex jiqbgħu dejjem sinjal u strument ta' għaqda fil-komunità nisranija, m'għandhom f'ebda żmien jattendu 'meetings' u attivitajiet oħra politiċi.

Monsinjur Arċisqof irid ifakkar ukoll fin-Norma 5.2 tal-Konferenza Episkopali Maltija dwar l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali, promulgata nhar it-28 ta' Novembru 1987, illi: Biex jibqgħu dejjem sinjal ta' għaqda fil-komunità nisranija, is-saċerdoti u r-Reliġjużi (1) għal ebda raġuni ma jistgħu jieħdu sehem fi programmi politiċi; (2) l-anqas jiktbu f'gazzetti jew perjodiċi politiċi, sakemm il-kontribut tagħhom ma jkunx ta' natura relijuża, u dan wara li jieħdu permess minn għand l-Ordinarju tal-post; u, fil-każ tar-Reliġjużi, il-permess ukoll tas-Superjur Maġġur skond il-Kostituzzjonijiet tagħhom.

Fl-ispirtu ta' l-istess norma, Monsinjur Arċisqof jordna li s-Saċerdoti u r-Reliġjużi m'għandhomx jieħdu sehem fi programmi mxandra fuq radjijiet immexxija minn partiti politiċi, jekk mhux biss fi programmi ta' natura reliġjuża, u dan ukoll wara li jieħdu l-permessi msemmija hawn fuq.

Monsinjur Arċisqof ifakkar ukoll fid-Dikjarazzjoni tas-16 ta' Frar 1987 li biha l-Isqfijiet tagħna ordnaw li ma għandux jiġi ċelebrat Quddies f'okkażjonijiet jew ċirkostanzi li jkollhom xi konnessjoni ma' xi attivitajiet jew partiti politiċi.

Minn meta tasal din iċ-Ċirkolari sa nhar is-Sibt, 26 ta' Ottubru, fit-Talba tal-Fidili fil-Quddies għandha tiżdied din l-invokazzjoni: "Għinna nagħżlu mexxejja xierqa għal pajjiżna, biex bil-għerf u s-sabar ifittxu l-ġid veru tagħna f'din id-dinja mill-aħjar li jistgħu" (Talbiet tal-Fidili, Vol. I, p. 253).

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 23 ta' Settembru 1996.

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Nota: *Din iċ-Ċirkolari mhix qed tintbagħat biex tinqara fil-knejjes. Ir-Rev. Kappillani huma mitluba jwasslu dan it-tagħrif lis-saċerdoti djoċesani residenti fil-Parroċċi tagħhom jew li jqaddsu fil-knejjes li jiddependu minnhom.*
*Ir-Rev. Superjuri Maġġuri ta' l-Istituti ta' ħajja konsagrata huma wkoll ġentilment mitluba jwasslu l-kontenut ta' din iċ-Ċirkolari lill-membri kollha ta' l-Istituti tagħhom.*

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 344

# Ir-Rużarju fix-Xahar ta' Ottubru

Bħal kull sena, nitlobkom biex tfakkru u tħeġġu lil ħutna fil-Fidi biex matul ix-xahar t'Ottubru jimpenjaw ruħhom biex jitolbu r-Rużarju b'aktar imħabba u devozzjoni.

Tkun ħaġa sabiħa li r-Rużarju jingħad fil-familja, jew ma' membri oħra tal-komunità nisranija fil-knejjes.

Tkun ħaga sabiħa li din is-sena, mnedija mill-Ġnus Magħquda bħala s-Sena tat-Tfal, nitolbu lill-Madonna waqt ir-Rużarju biex tħares it-tfal u l-adolexxenti tagħna mill-perikoli tar-ruħ u tal-ġisem, speċjalment mill-perikolu tad-droga u tal-konsumiżmu u mill-eżempji ħżiena u l-isfruttament minn ċerti adulti.

## Talb għall-Hospice Movement

Ġejna nformati li l-Hospice Movement, għaqda volontarja li tgħin lil dawk morda bil-kanċer u b'mard serju ieħor, dan l-aħħar ħallew iċ-Ċentru tagħhom f'Santa Venera, misluf lilhom mill-Knisja għal dawn l-aħħar snin, biex jidħlu fiċ-Ċentru ġdid tagħhom f'Hal Balzan. Il-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru ġdid se jsir nhar il-Ġimgħa, 18 ta' Ottubru.

Waqt li nitolbu l-Mulej biex ibierek lil dan il-Moviment, lill-volontarji tiegħu u lill-ħidma ta' fejda tagħhom, jixraq li fil-Quddies kollu tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 19 u 20 ta' Ottubru, fit-Talba tal-Fidili tingħad din l-invokazzjoni: "Nitolbuk, Mulej, għal dawk kollha li huma morda bil-kanċer u b'mard serju ieħor. Itfa' l-ħarsa tiegħek ta' mħabba fuqhom u fuq il-familji tagħhom. Bierek il-ħidma tal-*Hospice Movement* u agħti l-għajnuna lil dawk kollha li jagħtu sehemhom f'dan il-Moviment".

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 24 ta' Settembru 1996.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

Arċidjoċesi ta' Malta

## Ċirkolari Numru 345

# Talb għall-Papa

F'dawn il-ġranet il-Papa jinsab l-isptar biex jagħmel operazzjoni.

Hu dmir tagħna li nitolbu għalih biex l-operazzjoni tirnexxi u l-Papa ma jdumx ma jerġa' jikseb saħħtu biex ikompli l-missjoni tiegħu ta' Ragħaj tal-Poplu kollu ta' Alla.

Għalhekk f'dawn il-ġranet, sakemm il-Papa joħroġ mill-Isptar, nirrakkomandaw li r-Rużarju li ngħidu f'dan ix-xahar dedikat lill-Madonna tar-Rużarju, noffruh ukoll għall-bżonnijiet tal-Papa.

Fil-Quddies kollu tiżdied din l-invokazzjoni fit-Talba tal-Fidili:

"Kun, Mulej, mal-Papa f'din il-prova li tridu jgħaddi minnha, biex ma jdumx ma jerġa' jkompli l-missjoni tiegħu ta' Ragħaj u Għassies tal-Poplu ta' Alla."

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, illum 7 ta' Ottubru 1996, festa tal-Madonna tar-Rużarju.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

**Arċidjoċesi ta' Malta**

## Ċirkolari Numru 346

# Ġurnata Missjunarja 1996

Nhar il-Ħadd, 20 ta' Ottubru, se tiġi ċelebrata l-Ġurnata Missjunarja.

Din il-Ġurnata ttina l-okkażjoni nirriflettu fuq ir-rieda t'Alla li jsalva l-bnedmin kollha fi Kristu. Tfakkarna wkoll li aħna lkoll, bħala membri tal-Knisja ta' Kristu, għandna d-dmir li nkunu "missjunarji". Dan ifisser li lkoll kemm aħna, bħala aħwa ta' Kristu, għandna d-dmir li nwasslu l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu u l-fidwa tiegħu lil ħutna l-bnedmin. Dan nagħmluh skond is-sejħa u l-possibiltajiet ta' kull wieħed u waħda minna.

Fil-Ġurnata Missjunarja l-Knisja tistedinna niftakru b'mod speċjali dwar il-qadi ta' dan id-dmir missjunarju tagħna lkoll lejn dawk il-ġnus li lilhom għadha ma twasslitx biżżejjed l-Aħbar it-Tajba ta' Kristu.

Irroddu ħajr lill-Mulej li sejjaħ diversi minn fostna biex ikunu missjunarji f'artijiet oħra. NitolbuH ikompli jagħtina ħafna vokazzjonijiet missjunarji.

Mhux ilkoll tingħatalna din is-sejħa. Iżda lkoll nistgħu u għandna nagħtu s-sehem tagħna f'din il-ħidma missjunarja bit-talb u billi noffru sagrifiċċju għal dan l-iskop, u billi ninteressaw ruħna fil-ħtiġijiet spiritwali, soċjali u materjali ta' dawk il-ġnus. Skond il-mezzi materjali li Alla tana, imbagħad, nistgħu u għandna ngħinu din il-ħidma missjunarja b'mezzi finanzjarji. Nappellaw għall-ġenerosità wkoll fl-għotjiet tagħna, kemm fil-boroż li jitqassmu fid-djar tagħna, kif ukoll waqt il-Ġabra li ssir għall-Missjonijiet fil-Quddies kollu ta' nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd, 19 u 20 ta' dan ix-xahar.

Bħala forma ta' talb flimkien, hu rakkomandat li, ħlief għall-każ ta' Quddies għal xi okkażjoni speċjali, nhar is-Sibt filgħaxija u l-Ħadd tal-Ġurnata Missjunarja tiġi ċelebrata l-Quddiesa għall-Evanġelizzazzjoni tal-Ġnus.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 9 ta' Ottubru 1996.

Mons. Annetto Depasquale
*Vigarju Ġenerali*

Dun Alfred Muscat
*Kanċillier*

# Talbiet tal-fidili għall-Quddies tal-Qaddisin li dan l-aħħar daħlu fil-Kalendarju Liturġiku tal-Knisja

## San Adalbertu Isqof u Martri

Aħna u niftakru fil-ħidma ta' San Adalbertu biex jeqred id-drawwiet pagani fid-djoċesi tiegħu ta' Praga, u biex jirbaħ erwieħ għal Kristu mar fil-Prussja jxandar il-Bxara t-tajba u wettaq bit-tixrid ta' demmu l-imħabba tiegħu għal Kristu, nitolbu 'l Alla jsaħħaħ dejjem aktar ir-rabta fl-imħabba tal-poplu kollu ta' Alla mar-ragħajja tagħhom.

Seddaq, Mulej, il-Knisja tiegħek fis-sliem, eħlisha minn kull tiġrib tal-ħżiena, u xandarha fost il-ġnus kollha ta' l-art. Nitolbu.

Agħmel li d-demm tal-martri u t-tbatijiet tagħhom, fi żminijietna wkoll, jkunu żerriegħa ta' ħajja nisranija ġdida fil-pajjiżi fejn ġew imsejħa biex ikunu xhieda ta' Kristu, xi kull tant bis-sagrifiċċju ta' l-istess ħajja tagħhom. Nitolbu.

Agħti l-hena ta' dejjem (lill-qaddej tiegħek N.) u lil dawk ħutna li kellhom dejjem għal qalbhom il-kobor tal-Knisja tiegħek. Nitolbu.

Biegħed mill-Knisja tiegħek kull theddid u kull tfixkil li jistgħu joħolqu s-setgħat tal-ħażen, biex tkun tista' tagħti xhieda ħajja għal Kristu fl-art kollha. Nitolbu.

Ħa jkun San Adalbertu eżempju għalina biex ma nibżgħux minn ebda tiġrib li miegħu nistgħu niltaqgħu, aħna u nagħtu xhieda tal-fidi tagħna quddiem id-dinja ta' llum. Nitolbu.

Mulej Alla tagħna, agħtina l-kuraġġ li wera San Adalbertu huwa u jaqdi l-missjoni tiegħu għax-xandir ta' l-Evanġelju, biex qatt ma nibżgħu nagħtu xhieda tal-fidi tagħna quddiem in-nies tad-dinja ta' llum. Bi Kristu Sidna.

# San Pietru Ġiljan Eymard

Aħna u nagħtu ġieħ lil San Pietru Ġiljan Eymard għall-imħabba kbira li kellu għall-Ewkaristija Mqaddsa, nitolbu 'l Alla l-grazzja li l-Ewkaristija tkun dejjem għalina ikel għal ruħna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna.

Agħmel, Mulej, li l-Knisja tiegħek, hija u tiċċelebra l-Ewkaristija b'fedeltà sħiħa u mħabba sinċiera, tistagħna dejjem aktar b'kull ġid mis-sema. Nitolbu.

Kattar is-sliem u saħħaħ l-għaqda ta' dawk kollha li jħaddnu t-twemmin nisrani permezz tat-tisħib tagħhom fl-Ewkaristija Mqaddsa. Nitolbu.

Iġbed lejk lil dawk kollha li tbegħdu mit-triq it-tajba u agħmel li jsibu fl-Ewkaristija dik il-qawwa li jeħtieġu biex ma jonqsu qatt aktar mill-fedeltà tagħhom lejk. Nitolbu.

Sieħeb fil-glorja ta' dejjem (lill-qaddej tiegħek N.) u lil ħutna l-mejtin li fl-Ewkaristija kellhom ir-rahan tal-ħajja ta' dejjem. Nitolbu.

Agħti lilna lkoll dik l-imħabba ta' l-għaġeb li kellu San Pietru Ġiljan Eymard lejn l-Ewkaristija, biex jisthoqqilna niksbu l-ħajja ta' dejjem. Nitolbu.

Mulej Alla li tista' kollox ilqa' t-talb tagħna llum u agħmel li ma nonqsu qatt li nissieħbu fiċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa ħalli ngawdu għal dejjem fis-sema l-frott tagħhom. Bi Kristu Sidna.

# San Pietru Claver

Aħna u niftakru llum fil-ħidma ta' San Pietru Claver fost l-ilsiera suwed, misruqin b'kefrija minn pajjiżhom fl-Afrika biex jaħdmu l-art fl-Amerka Latina, nitolbu 'l Alla biex jeħlisna mill-jasar tad-dnub u jagħtina d-dinjità ta' wlied Alla.

Kun mal-Knisja tiegħek, Mulej, hija u xxandar il-ħelsien lill-imjassrin minn dnubiethom biex tagħtihom id-dinjità ta' wlied Alla. Nitolbu.

Eħles minn kull irbit ħażin lil dawk li jinsabu mxekkla minn kull xorta ta' ħażen biex ma jintilfux għal dejjem. Nitolbu.

Żommna 'l bogħod minn kull jasar tad-dnub biex inkunu safja u bla tebgħa quddiemek fl-imħabba. Nitolbu.

Biegħed mid-dinja kull għemil ta' ħruxija tal-bniedem kontra l-bnedmin ħutu, biex kulħadd jifhem li l-bnedmin kollha huma wlied l-istess Missier u lkoll mifdija mid-Demm għażiż ta' Kristu. Nitolbu.

Agħti l-mistrieħ ta' dejjem (lill-qaddej tiegħek N.) u lil dawk kollha li fid-dinja ġarrbu l-ħruxija u l-mibgħeda ta' bnedmin oħra. Nitolbu.

Mulej Alla tagħna, San Pietru Claver, tħabat ħafna biex itaffi t-tbatija ta' l-ilsiera suwed u jwasslilhom il-faraġ tal-fidi nisranija: ħa jkun ta' eżempju għalina biex nitħeġġu ħa ngħinu lil kull min niltaqgħu miegħu u jinsab fi ħtiġijiet kbar. Bi Kristu Sidna.

Korsijiet 1996

# Istitut għall-Ministeru tal-Kelma

L-Istitut għall-Ministeru tal-Kelma, li għandu s-sede tiegħu fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, f'Ottubru li ġej se jagħti bidu għal korsijiet ta' kwalifikazzjoni għal Katekisti u Animaturi, kif ukoll korsijiet b'suġġett partikolari. Il-korsijiet huma dawn:

## 1. Kors bażiku ta' Metodoloġija fl-Edukazzjoni Reliġjuża

Il-kors jittratta l-prinċipji u l-esperjenzi ta' kif wieħed jeduka fil-Fidi u hu maħsub għal dawk li qed jgħallmu r-reliġjon jew fi ħsiebhom jibdew jgħallmu fl-iskejjel jew fil-parroċċi. Fih tingħata bażi ta' psikoloġija, soċjoloġija, prinċipji ta' kateketika u didattika. L-istudenti jiġu orjentati lejn kif jibnu lezzjoni u jużaw il-lingwaġġ ta' komunikazzjoni.

**Il-kors jibda fis-7 ta' Ottubru 1996. Isir nhar ta' Tnejn, mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., sas-16 ta' Ġunju 1997. Imexxu Fr. D. Bartolo OFM, Dr. Max Cassar, Dun Ġ. Borg Micallef u Fr. A. Scerri OSA. Ħlas Lm10.**

## 2. Kors Bażiku għall-Istudju tal-Bibbja

Il-kors jilħaq l-aspetti prinċipali biex wieħed jifhem u jxandar il-Kelma ta' Alla. Hu mqassam fuq tliet snin. Din hi t-tieni sena tal-kors. Fiha se tingħata ħarsa ġenerali lejn it-Testment il-Qadim kollu. Jistgħu japplikaw dawk li lestew l-ewwel sena tal-kors (1995-96) u dawk li għamlu l-Kors Bażiku Bibliku fis-snin ta' qabel.

**Il-kors, li hu koordinat ma' l-Għaqda Biblika Maltija, jibda fit-8 ta' Ottubru 1996. Isir nhar ta' Tlieta, mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., sas-27 ta' Mejju 1997. Jikkoordinaw Dr. S. Vella O. Carm, Dr. A. Frendo, Sr. M. Scicluna RSCJ u Dun Karm Attard. Ħlas Lm10.**

## 3. Kors Bażiku ta' Teoloġija

Il-kors jippreżenta, b'rabta tal-ħajja, l-aspetti fundamentali tal-Fidi Nisranija. Il-kors huwa obbligatorju għall-Katekisti Parrokkjali ta' kull età u għall-għalliema tar-Reliġjon fl-iskejjel. Fih tiġi ppreżentata viżjoni kemm jista' jkun globali tal-messaġġ nisrani.

**Il-kors jibda fit-3 ta' Ottubru 1996. Isir nhar ta' Ħamis, mis-6.00 p.m.**

**sat-8.00 p.m., sad-19 ta' Ġunju 1997. Jikkoordina Dun Renè Camilleri. Ħlas Lm10.**

## 4. Niskopru l-Qalb ta' Alla, Għajn ta' Ħniena għall-Bnedmin

Il-kors jittratta, fost ħwejjeġ oħrajn, x'għandha bżonn l-umanità biex titwettaq il-ħolma ta' Alla għaliha. Il-kors hu maħsub għal dawk li jixtiequ jidħlu aktar fil-fond tal-messaġġ tas-salvazzjoni. Jiġu studjati aspetti Bibliċi, teoloġiċi, ta' l-istorja u l-ispiritwalità.

**Il-kors jibda fis-7 ta' Ottubru. Isir kull nhar ta' Tnejn mis-6.00 p.m. sas-7.00 p.m., sad-9 ta' Diċembru 1996. Tmexxi Sr. Marie Scicluna RSCJ. Ħlas Lm5.**

## 5. Il-Parabboli ta' L-Evanġelji

Fil-kors isir studju fuq l-oriġini tal-parabboli u l-interpretazzjoni tagħhom fil-ħajja tal-Knisja apostolika, kif ukoll dwar posthom f'kull wieħed mill-Evanġelji Sinottiċi.

**Il-kors jibda fis-16 ta' Ottubru 1996. Isir nhar ta' Erbgħa, mis-6.00 p.m. sas-7.30 p.m., sat-18 ta' Diċembru 1996. Imexxi Patri Donat Spiteri OFM Cap. Ħlas Lm5.**

## 6. Kors Introduttiv għal-Katekisti Prospettivi

Il-kors jagħti introduzzjoni fil-katekeżi lill-voluntiera l-ġodda fil-parroċċi li għadhom qatt ma kellhom xi għamla ta' orjentament meħtieġ biex jgħallmu l-katekiżmu lit-tfal mill-Ewwel Tqarbina sal-Griżma.

**Il-kors jibda fil-11 ta' Ottubru 1996. Isir nhar ta' Ġimgħa, mid-9.30 a.m. sal-11.30 a.m. jew mis-6.00 p.m. sat-8.00 p.m., sa l-20 ta' Diċembru 1996. Imexxi Dun Joe Meli. Ħlas Lm5.**

Il-kitba għal dawn il-korsijiet hija sas-27 ta' Settembru 1996.

Aktar tagħrif mingħand il-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali, Istitut Kattoliku, Furjana (Tel: 223949 – Fax: 230342)

## Eżempji ta' omeliji

### L-ewwel Ħadd ta' l-Avvent

# Reġġagħna għal li konna, O Alla ta' l-Eżerċti

### Nintrefgħu mid-dgħufija tagħna

Aħna u nagħtu bidu għal sena liturġika ġdida fil-ħajja tal-Knisja, qed nitolbu biex il-Mulej ireġġagħna għall-qdusija li kelna fil-bidu, għal dik il-qdusija li ksibna meta twelidna mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, u sirna ulied adottivi ta' Alla u membri ħajjin tal-Knisja ta' Kristu. Iżda aħna u nikbru fil-għomor, fil-ħajja tagħna ta' kull jum f'din id-dinja tad-dnub, din il-qdusija, irridu jew ma rridux, tiddgħajjef ħafna u għalhekk inkunu neħtieġu sejħa minn Alla biex inqumu mill-indifferenzi tagħna, mid-dgħufija tagħna. Il-Knisja, tul is-sena tagħha, ma tonqosx li tistedinna biex nintrefgħu minn din id-dgħufija tagħna, u dan tagħmlu f'ċerti żminijiet tas-sena, fl-okkażjoni tal-festi kbar tagħha.

L-Avvent hu waħda minn dawn l-okkażjonijiet, għaliex tul dan ix-xahar li ġej, tul dan ix-xahar ta' l-Avvent, aħna qed nistennew id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu fil-ġranet sbieħ tal-Milied: l-Mulej Ġesù se jerġa' jitwieled fostna f'misteru biex jagħtina l-għana kollu tiegħu f'kull kelma li titħabbar lilna waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-misteri qaddisa u f'kull għerf tal-ħwejjeġ tas-sema li jixxandar lilna ħa nitwettqu dejjem iżjed fil-fidi tagħna fih, u hekk inkunu bla ħtija fil-jum tiegħu, meta jerġa' jiġi b'setgħa u glorja kbira biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin, u lilna li nkunu bqajna fidili lejh, idaħħalna fis-saltna tiegħu ta' l-hena u d-dawl u s-sliem.

### Bħala qaddejja fidili u għaqlin

Il-Knisja hija u tistedinna f'dawn il-ġranet biex nitolbu 'l Alla jreġġagħna għal li konna, ma hijiex tagħmel ħaġ'oħra ħlief dak li l-Mulej stess qalilna fl-Evanġelju ta' llum: "Ishru u itolbu."

Il-Mulej iridna nishru u nitolbu il-jiem kollha ta' ħajjitna, nistennew dejjem il-miġja tiegħu ħa jistedinna biex nidħlu miegħu fis-saltna tiegħu. Hu ma jgħarrafniex meta ġej isejħilna, għax iridna nkunu dejjem lesti nistennew bħala qaddejja fidili u għaqlin, li dejjem imqajmin jistennew jiġi lura sidhom, ikun x'ħin ikun il-ħin li fih se jiġi lura mill-vjaġġ tiegħu, filgħaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is serduk jew mas-sebħ. Henjin dawk il-qaddejja, jgħidilna Ġesù, li meta sidhom jiġi jsibhom jishru

jistennewh! hu jippremjhom għall-fedeltà tagħhom billi iseħibhom fil-glorja tiegħu.

B'din il-parabbola tal-qaddejja fidili u għaqlin il-Mulej Ġesù jrid jgħallimna li aħna, jekk irridu tassew inkunu qaddejja tiegħu, ma rridu qatt nintelqu, ma għandna qatt nitgħażżnu fl-għemil ta' dak kollu li jogħġob lil Alla u li hu tajjeb quddiemu; bħala qaddejja għaqlin u fidili tal-Mulej irridu dejjem neħduha kontra kull xorta ta' ħażen li jinsab fina u madwarna, niċċaħdu minn dak kollu li jbegħdna minn Ġesù, u nfittxu dejjem kull ma hu tjieba, ġustizzja u verità.

## L-imġiba tagħna

Kliem il-profeta Isaija li smajna fl-ewel qari ta' llum, iwettaq għalina kliem il-Mulej. Il-profeta qed jitkellem dwar l-imġiba tal-poplu ta' Alla tal-Patt il-Qadim: għalkemm l-Israelin kienu l-poplu li Alla kiseb għalih, ftit kienu jagħtu każ ta' din l-għażla tagħhom, u 'l Alla kienu kontinwament iwarrbuh fil-ġenb, jeħduha kontra tiegħu u jitniġġsu b'kull xorta ta' ħażen. Iżda Alla, fil-kobor tal-ħniena u ta' l-imħabba tiegħu, kien ikun dejjem lest jaħfrilhom nuqqasijiethom. Hekk aħna wkoll: 'l Alla kemm-il darba nħalluh fil-ġenb biex infittxu l-kapriċċi tagħna, niksru l-kmandamenti kollha tiegħu u mbagħad neħduha kontra tiegħu u ngħidu li nsiena meta jagħfas fuqna t-tiġrib li nkunu ġibna fuqna bl-imġiba ħażina tagħna. Imbagħad titla' lejn is-sema l-għajta tagħna: "Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm, biex teħlisna mit-tiġrib kollu tagħna." U l-Mulej iweġibna minnufih jekk aħna nerġgħu lura għal-qdusija tagħna tal-bidu, għax Alla jħabrek għal min jitma' fih, jilqa' bil-ferħ lil dawk li jagħmlu s-sewwa. Għalhekk qed nitolbuh illum biex ireġġagħna għal li konna, għall-qdusija tal-bidu tal-ħajja nisranija tagħna. Din il-qdusija ngħożżuha u ma nitilfuha qatt jekk nibqgħu dejjem fidili għall-kelma li tajna lil Alla fil-magħmudija tagħna permezz tal-ġenituri tagħna u wettaqniha dak in-nhar li rċevejna is-siġill tad-don ta' l-Ispirtu s-Santu li niċħdu x-xitan u l-għemil u l-frugħat tiegħu kollha u ngħixu skond il-fidi li nistqarru fil-misteru tat-Trinità Qaddisa, il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

### It-Tieni Ħadd ta' l-Avvent

# Uri lilna, Mulej, it-Tjieba Tiegħek

## Kliem il-profeta

"Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek." Hekk tlabna, aħna u naħsbu fuq kliem il-profeta Isaija fl-ewwel qari tal-Quddiesa. X'qalilna l-profeta? Ħabbrilna li kien wasal għalina it-tmiem tal-jasar tagħna.

Il-profeta kien qed jitkellem fuq il-ħażen tal-poplu t'Israel, ħażen li mħabba fih kien ġarrab sebgħin sena ta' jasar bara minn pajjiżu. Issa dan iż-żmien wasal fit-tmiem tiegħu: il-poplu kien se jerġa' lura f'pajjiżu, u l-profeta jistiednu biex iħejji mill-ġdid id-dar tal-Mulej, it-tempju tiegħu f'Ġerusalemm; il-Mulej se jgħammar mill-ġdid fi ħdan il-poplu tiegħu u se jkun għalihom ragħaj, ir-ragħaj it-tajjeb li se jieħu ħsieb sewwa tal-merħla tiegħu.

## It-tifsir aktar għoli ta' kliem il-profeta

Iżda il-Knisja fi kliem il-profeta tara tifsir aktar għoli: se jispiċċa iva l-jasar tagħna, il-jasar li fih waqajna minħabba d-dnubietna, għaliex il-Mulej ġej biex ipatti għall-ħażen kollu tagħna u jeħlisna mill-madmad tad-dnub u tax-xitan li qed iżommna mjassrin minnu. Għalhekk il-Knisja, bi kliem il-profeta, tistedinna inħejju l-miġja tal-Mulej fostna; qed tistedinna ngħixu mill-ġdid. F'misteru, l-miġja ta' l-Iben ta' Alla fid-dinja ħa sseħħ il-fidwa tagħna. Il-Mulej ġie fostna bħala bniedem, u kull sena f'dawn il-ġranet mal-Knisja aħna ngħixu mill-ġdid il-mistennija tiegħu u fil-ġranet tal-Milied li ġejjin se nifirħu għax se naraw il-Mulej fostna, u l-miġja tiegħu se timliena b'ferħ liema bħalu.

## San Ġwann Battista eżempju għalina

Għalhekk il-Knisja llum issemmagħlna kliem San Ġwann Battista, mibgħut minn Alla biex jipprepara l-bnedmin u jħejjihom sewwa għat-twelid tal-Feddej tad-dinja. Hu kliem San Ġwann li ttennilna l-Knisja llum: "Ħejju triq il-Mulej", u San Ġwann wettaq kiemu bl-imġiba kollha ta' ħajtu – għex fid-deżert, l-ikel tiegħu kien ġradijiet u għasel selvaġġ, ilbiesu kien tax-xagħar tal-ġemel miżmum bi ħżiem tal-ġild ma' qaddu. Bl-imġiba tiegħu San Ġwann wera lin-nies ta' żmienu b'liema mod kellhom iħejju ruħhom għall-miġja tal-Feddej tad-dinja, biex il-miġja tiegħu tkun tassew ta' ġid għalihom u jiksbu s-salvazzjoni. Eluf ta' nies semgħu lil Ġesù

jitkellem, eluf rawh jagħmel mirakli ta' l-għaġeb, iżda ftit issaħħru minn kliemu u mxew warajh; il-kotra l-kbira ċaħditu quddiem Pilatu – għaliex? Għax ma ħejjewx ruħhom sewwa għall-miġja tiegħu. Hekk jiġri lilna: il-Knisja qed tistedinna f'dawn il-ġranet u tgħidilna: "Hejju triq il-Mulej. iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu"; kunu bħal San Ġwann Battista, bnedmin li trażżnu l-ġibdiet ħżiena tagħkom, li tagħmlu penitenza għan-nuqqasijiet tagħkom, li tiċċaħħdu minn dak kollu li mhux verità ġustizzja u tjieba. Hekk biss il-miġja tal-Mulej Ġesù tkun miġja ta' ferħ fil-Mulej, u mhux żmien ta' hena qarrieq li warajh ma jħallix ħlief dwejjaq u mrar.

Forsi naraw tqil għalina kliem San Ġwann, għax jitlob minna ċaħdiet u sagrifiċċji kbar li ma tantx għandna ħila għalihom. Għalhekk, qabel ma smajna t-tħabbira ta' San Ġwann, tlabna l-għajnuna tal-Mulej; tlabnih jurina t-tjieba tiegħu u jgħinna nifhmu l-ħtieġa tal-penitenza u ċ-ċaħda jekk irridu niksbu s-salvazzjoni tagħna. U l-għajnuna ta' Alla mhux se tonqosna qatt – neħtieġu biss fiduċja sħiħa fit-tjieba tal-Mulej.

## Inħejju ruħna

Din l-għajnuna tal-Mulej, ma nitolbuhiex biss biex inħejju ruħna għall-festi li ġejjin tal-Milied; neħtiġuha wkoll għal meta jasal il-waqt li fih ngħaddu minn din id-dinja għall-ħajja ta' dejjem. Żmien l-Avvent huwa mhux biss żmien ta' tħejjija għall-festa tal-Milied, imma hu wkoll żmien ta' tħejjija għal meta l-Mulej jerġa' jiġi biex isejħilna għall-premju ta' dejjem. Fuq dan kellimna t-tieni qari tal-Quddiesa. San Pietru jkellimna fuq jum il-Mulej, jum li fih tintemm is-sura ta' din id-dinja tad-dnub u jkun hemm art ġdida u smewwiet ġodda li fihom jgħammru l-ġustizzja u s-sliem. Kliem San Pietru hu kliem iebes ħafna għalina biex nifhmuh, aktar u aktar meta jgħidilna li dan il-jum hu fil-qrib u ma jdumx ma jiġi; iżda fl-itess waqt iwissina biex ma nqisux dan iż-żmien kif aħna nqisu ż-żmien, għax għal Alla, jgħidilna San Pietru, jum wieħed u bħal elf sena, u elf sena bħala jum wieħed. Kliem San Pietru ma nifhmuhx għal kollox, iżda ma għandniex għalfejn nagħmlu xi sforzi kbar biex nifhmu li rridu nħejju ruħna għall-jum il-Mulej, il-jiem kollha ta' ħajjitna, għax kif Ġesù stess iwissina, dan il-jum jiġi fuqna bħall-ħalliel bil-lejl. Għalhekk jgħidilna San Pietru, waqt li qegħdin nistennew li jfeġġ għalina jum il-Mulej ma għandniex nagħmlu ħaġ'oħra ħlief ngħixu fis-sliem bejnietna, u nkunu bla tebgħa bla ċanfir quddiem Alla fl-imħabba. Hekk biss jum il-Mulej ma jkunx għalina jum ta' biża' u jum ta' qilla, imma jum ta' sliem u hena li ma jintemmu qatt fis-saltna ta' dejjem.

**8 ta' Diċembru**

# It-Tnissil Bla Tebgħa tal-Verġni Marija

*Illum hu t-tieni Ħadd ta' l-Avvent, iżda għal raġunijiet pastorali llum tista' titqaddes il-Quddiesa tat-Tnissil bla tebgħa tal-Verġni Marija; f'dan il-każ l-omelija trid tkun fuq dan il-privileġġ tal-Madonna li minnu nnifsu għandu rabta ma' l-Avvent.*

## Fi żmien l-Avvent

F'dawn il-ġranet ta' l-Avvent il-Knisja trid tħejjina biex bil-ferħ kollu ta' qalbna niċċelebraw kif jixraq it-twelid fostna f'misteru ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem għalina. Dan il-Knisja tagħmlu kemm bi kliem il-profeta Isaija li tul dawn il-ġranet iħabbrilna li qed joqrob iż-żmien tal-ħelsien tagħna mill-jasar tad-dnub, u kemm bi kliem San Ġwann Battista u b'għemilu jistedinna nħejju ruħna għall-miġja tal-Mulej permezz ta' bidla sħiħa fl-imġiba kollha tagħna. Iżda f'dawn il-ġranet ukoll il-Knisja tridna nħarsu lejn il-Verġni Marija u lejn l-imġiba tagħha fiż-żmien li ġie wara t-tħabbira ta' l-Anġlu li kellha tkun Omm Alla, żmien li fih kienet qiegħda tistenna fil-ġabra u s-skiet ta' ruħha iseħħ dak kollu li ħabbrilha l-Anġlu tal-Mulej.

## Mimlija bil-grazzja

Meta l-Anġlu tal-Mulej daħal ħdejha, selmilha bħala xebba mimlija bil-grazzja u li kellha l-Mulej magħha. Żewġ kelmiet li jfissru ħafna għaliex juruna li l-Verġni Marija tul ħajjitha kollha, anzi sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha fil-ġuf ta' ommha Sant'Anna, kellha 'l Alla magħha, u kienet mimlija bil-grazzja. Dan il-kliem ma jistax ifisser ħaġ'oħra ħlief li lanqas għall-mument wieħed biss il-Verġni Marija ma kienet qatt taħt is-setgħa tax-xitan, għax ruħha kienet ħielsa minn kull tebgħa ta' dnub, ruħha ma kinitx imċaħda minn dawk il-grazzji li Alla ried jagħti lill-bniedem meta ħalqu – f'kelma waħda, l-Verġni Marija ma ġietx fid-dinja mtebba' bid-dnub tan-nisel. Dan qed niċċelebrawh illum u nroddu ħajr lil Alla għaliex għoġbu li sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, dik li kellha tkun omm ibnu magħmul bniedem tkun qaddisa u bla tebgħa quddiem Alla fl-imħabba. Dan kellu jkun id-destin tal-bniedem, kieku ma waqax fid-dnub, kieku ma kisirx il-kmandament ta' Alla, meta kien fil-ġenna ta' l-art, u ma jiekolx mil-frott tas-siġra li kien hemm f'nofs il-ġnien u li minnha Alla ordnalu ma jiekolx il-frott tagħha. Iżda l-bniedem ħalla x-

xitan iqarraq bih, kiser il-kmand ta' Alla u ġab fuqu s-saħta ta' Alla għalih u għan-nisel kollu tiegħu. Minn din is-saħta kienet meħlusa biss il-Verġni Marija, bil-merti ta' Binha Ġesù magħrufin minn qabel.

## Il-merti ta' Kristu magħrufin minn qabel

Lil Adam Alla kien ħabbarlu li se jqajjem ġlieda bejn is-serp ta' l-infern u l-mara, bejn nislu u nisilha: din il-mara hi Marija u nisilha hu Ġesù l-Iben ta' Alla; Marija permezz ta' Binha kienet se ġġib rebħa sħiħa fuq ix-xitan, u setgħet iġġib din ir-rebħa għax l-anqas għal mument wieħed ma kienet taħt is-setgħa tax-xitan. Alla ħelisha minn din is-setgħa f'ġieħ il-merti li Ġesù kellu jikseb b'ħajtu fid-dinja, l-aktar bil-mewt fuq is-Salib u l-qawmien mill-imwiet. Dawn il-merti Ġesù kisibhom fiż-żmien meta kellu xi tletin sena; iżda għax għal Alla ma hemmx żmien u quddiemu kollox hu "issa", għalhekk kien jaf bil-merti ta' Ġesù qabel inkisbu u seta' japplikahom lil Marija u jeħlisha minn kull tebgħa tad-dnub tan-nisel sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha. Il-kliem tagħna l-bnedmin hu kliem dgħajjef ħafna biex ifisser misteru hekk kbir, imma nifhmu li b'xi mod dan il-misteru u nħabbruh kull darba li nsellmu lil Marija bħala "mimlija bil-grazzja".

## Immorru għand Marija

Il-Verġni Marija, għax sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, Alla għażilha biex tkun Omm Ibnu, illum tinsab fis-sema, bir-ruħ u l-ġisem, fil-hena ta' dejjem, tistedinna nħarsu lejha u naraw fiha dak li aħna lkoll nixtiequ u nittamaw li nkunu wara li tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja tad-dnub u jkun hemm sema ġdid u art ġdida li fihom jgħammru l-ġustizzja u s-sliem. Ma nafux meta se tgħaddi għalina s-sura ta' din id-dinja, imma hu dmir tagħna li nħejju ruħna għal dan il-waqt billi ngħixu fis-sliem bejnietna u nkunu bla tebgħa u bla ċanfir quddiem Alla fl-imħabba. Hekk dan il-mument ikun għalina jum ta' sliem u ta' barka, jum ta' hena li ma tintemm qatt.

### It-Tielet Ħadd ta' l-Avvent

# Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej

## Stedina għll-ferħ

F'dan it-tielet Ħadd ta' l-Avvent il-Knisja qed tistedinna biex nifirħu; bi kliem San Pawl qaltilna: "Ifirħu dejjem", u kompliet tgħidilna: "Itolbu bla heda u iżżu ħajr lil Alla f'kollox". Għaliex din l-istedina għall-ferħ f'dawn il-ġranet tal-Milied, meta l-Knisja tqegħdilna quddiemna l-eżempju ta' San Ġwann Battista li bi kliemu u bl-imġiba tiegħu wera lill-eluf li kienu jmorru jisimgħuh b'liema mod kellhom ikunu mħejjijin sewwa ħa jilqgħu l-Mulej meta jidher fosthom? Rajna l-Ħadd li għadda li t-tħejjija li għalija San Ġwann bi kliemu u bl-imġiba tiegħu kien qed jistedinna, kienet tħejjija ta' ċaħda minn kull ħażen, ta tgħakkis tas-sensi tagħna – għemil li fil-fehma tan-nies ta' llum ma tantx iħajjar għall-ferħ u l-hena. Iżda hu proprju dan l-għemil li rridu nfittxu jekk tassew irridu nifirħu fil-Mulej. Jekk irridu li Alla tas-sliem iqaddisna f'kollox u jżommna bla mittiefsa fir-ruħ u l-ġisem, jgħidilna San Pawl, irridu nwarrbu kull xorta ta' ħażen, nippruvaw kollox, imma nżommu biss dak li hu tajjeb: biex nagħmlu dan, biex ma nxekklux l-Ispirtu ta' Alla li bla heda jaħdem f'ruħna, irridu ngħixu ħajja ta' ċaħda u ta' sagrifiċċju, nagħarfu x-xejn tagħna, u nifhmu li kull ma għandna u kull ma aħna u kull ma għandna ta' tajjeb fina, ġej minn Alla.

## X'jgħidilna San Ġwann

Dan jgħidulna San Ġwann Battista llum. Ġie fid-dinja biex jixhed għad-dawl, biex iħabbar il-miġja ta' Ġesù, li ġie fid-dinja biex idawwal kull bniedem li jiġi fid-dinja. Il-missjoni ta' San Ġwann kienet missjoni tassew kbira, il-missjoni ta' l-akbar wieħed fost il-profeti għax mhux biss ħabbar il-miġja ta' Kristu, iżda wrieh ukoll meta ġie. Iżda minkejja l-kobor tal-missjoni tiegħu, San Ġwann ma tkabbarx, għaraf ix-xejn tiegħu; qal: "M'inhiex jien il-Messija, imma jien leħen wieħed jgħajjat fid-deżert; il-missjoni tiegħi hi dik li nħejji t-triq ta' dak li hu wisq akbar minni u jien lanqas jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu; jien qed ngħammed bl-ilma b'sinjal ta' sogħba għad-dnubiet, iżda Hu jgħammed bl-ilma u l-Ispirtu s-Santu; hu se jagħti ħajja ġdida lil-bniedem, dik il-ħajja li kien tilef bid-dnub, u ser jerġa' jiksibha bil-ħidma tal-Feddej tad-dinja."

**Kliem il-profeta**

Dan hu dak li fuqu kiteb il-profeta Isaija meta qal: "L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, hu kkonsagrani biex inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, il-ħelsien lill-imjassrin, biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej." Kliem il-profeta seħħew bil-milja kollha tagħhom f'Ġesù, meta tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan, u beda l-missjoni tiegħu ta' salvazzjoni, dik il-missjoni li biha kull bniedem seta' jara s-salvazzjoni ta' Alla tagħna, mhux biss imma din is-salvazzjoni jgħixha tul ħajtu kollha. Din is-salvazzjoni aħna lkoll qed ngħixuha, u bdejna ngħixuha dak in-nhar li twelidna mill-ġdid mill-ilma u l-Ispirtu s-Santu, fil-magħmudija tagħna. Dak in-nhar li tgħammidna l-Ispirtu tal-Mulej issawwab fina u l-Missier tas-sema għarafna bħala wlied adottivi tiegħu; għalhekk aħna wkoll nistgħu ngħidu għalina kliem il-profeta Isaija li smajna fl-ewwel qari ta' llum. Lilna wkoll il-Mulej libbisna bl-ilbies tas-salvazzjoni u għattiena bil-mantar tal-ġustizzja: għalhekk aħna u niftakru f'din id-dinjità hekk għolja li għaliha wasalna permezz ta' Ġesù Kristu, ma nistgħux nagħmlu ħag'oħra ħlief ngħidu: "Nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej, u taqbeż il-ferħ ruħi b'Alla s-salvatur tiegħi."

**Il-kantika ta' Marija**

Dan il-kliem tal-profeta ma jistax ma jfakkarniex fl-innu ta' ferħ li lissnet il-Madonna għat-tislima li tatha Santa Elizabetta, innu li l-Knisja qed tistedinna nimmeditawh illum aħna u nuru l-ferħ tagħna għax il-miġja tal-Mulej fostna fil-ġranet tal-Milied hija tassew fil-qrib, u ftit ġranet oħra se naraw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna. Għalhekk illum, flimkien mal-Verġni Marija, infaħħru lil Alla għaliex għoġbu jixħet għajnejh fuq iċ-ċokon tagħna, bnedmin midinba, mimlijin nuqqasijiet, u bnedmin li spiss ksirna il-kelma li tajna lil Alla li ma nidinbux aktar u naħarbu kull okkażjoni tad-dnub; fil-kobor tal-ħniena tiegħu għamel magħna ħwejjeġ kbar u mliena b'kull ġid mis-sema, u jagħtina l-qawwa li neħtieġu biex negħelbu kul tiġrib u kull inkwiet li jista' jiġi fuqna; iwettaqna bil-grazzji tiegħu biex inżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u nibqgħu dejjem fidili għas-sejħa tagħna li nkunu ulied id-dawl, aħwa ma' Kristu u werrieta miegħu tas-saltna tas-sema.

## Ir-Raba' Ħadd ta' l-Avvent

# Xebba ssir Omm u kollha Iben

### Il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni

F'dan l-aħħar Ħadd ta' l-Avvent, kull sena, il-Knisja tistedninna nimmeditaw wieħed mill-misteri li seħħu fl-aħħar żminijiet, fl-aħħar xhur, qabel twieled Ġesù f'Betlehem, fil-lejl tal-Milied. Din is-sena l-misteru li l-Knisja ridna nimmeditaw hu l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni ta' l-Iben ta' Alla, li seħħet mat-tħabbira ta' l-Anġlu Gabrjel lill-Verġni Marija f'Nazaret.

Bi kliem l-aktar sempliċi li jista' jifhmu kulħadd, l-evanġelista jħabbrilna misteri kbar, huwa u jaħseb fuqhom bejnu u bejn ruħu; aħna wkoll bħalu llum sejrin naħsbu fuq dawn il-misteri aħna u nikkunsidraw kliem l-evanġelista.

### Il-qofol tal-misteru

"Sliema għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hekk ħabbrilna llum il-qari ta' l-Evanġelju; iżda aktar minn tislima kliem l-Anġlu lil Marija hu stedina għall-ferħ: "Ifraħ, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Sa mill-ewwel mument tat-tnissil tagħha, Marija kienet mimlija bil-grazzja, għaliex sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja Alla għażilha biex tkun Omm Ibnu magħmul bniedem għalina. Marija kienet għadha ma ntebħitx b'din id-dinjità għolja tagħha, u t-tislima ta' l-Anġlu ħawditha, u għalhekk l-Anġlu ħabbrilha għaliex selmilha "mimlija bil-grazzja": qalilha "Int se tnissel fi ħdanek u jkollok iben u ssemmih Ġesù" – int mimlija bil-grazzja għax se tkun Omm Ġesù, l-Iben ta' Alla magħmul bniedem. Il-Madonna fehmet li kienet se ssir Omm, iżda ma kinitx taf kif minħabba li kienet ikkonsagrat xbubitha lil Alla: "Kif ikun dan ladarba ma nagħrafx raġel, ladarba jiena verġni?" U l-Anġlu kompla jfissrilna l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni; qalilha li se ssir omm iżda xbubitha tibqa' bla mittiefsa; se ssir omm għax fuqha se jinżel l-Ispirtu s-Santu u l-qawwa ta' l-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqha u dak li jitwieled minnha se jkun jissejjaħ Bin Alla. Kliem l-Anġlu qed iħabbar li l-misteru ta' l-inkarnazzjoni hu opra tat-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa: il-Missier jibgħat lil Iben li waqt li jibqa' Alla jsir bniedem ukoll fil-ġuf safi tal-Verġni Marija, bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.

Qatt ma nstema' li xebba ssir omm mingħajr ma tagħraf raġel, issir omm u xbubitha tibqa' bla mittiefsa: iżda għal Alla m'hemm xejn li ma

jistax ikun; u biex iwettaq dan, l-Anġlu ħabbar lil Marija li qaribtha fi xjuħitha saret omm, u ilha sitt xhur li nisslet iben fi ħdanha hi li kienu jgħidu għaliha li ma setax ikollha tfal.

**Il-misteru tal-Knisja**

L-Anġlu mhux biss ħabbar lil Marija l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, imma ħabbrilha wkoll x'kellha tkun il-missjoni ta' Binha Ġesù: "Hu jkun kbir u jissejjaħ Bin il-Għoli, u l-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan fuq dar Ġakobb għal dejjem, u s-saltna tiegħu ma jkollhiex tmiem." Kliem l-Anġlu juri b'liema mod kienet se seħħ il-wegħda li Alla għamel lil David, wegħda li tħabbritilna fl-ewwel qari ta' llum. David ried jibni tempju għall-Mulej f'Ġerusalemm; minflok, Alla ried jippremja lil David għall-fedeltà tiegħu lejh, bil-wegħda li s-saltna tiegħu tibqa' għal dejjem. Is-saltna ta' David kienet ġiet fix-xejn meta l-Lhud ġew meħudin fl-eżilju fil-Babilonja, u wara dan l-eżilju, s-saltna ta' David ma ssemmitx aktar, għalkemm fost il-Lhud ta' żmien Ġesù kien hemm tama kbira li kien wasal iż-żmien li din is-saltna titwaqqaf mil-ġdid. U twaqqfet mill-ġdid, iżda mhux kif kienu jistennew il-Lhud, imma twaqqfet bħala saltna mhux ta' din id-dinja, saltna ta' qdusija, ġustizzja u sliem, saltna ta' grazzja u ta' mħabba, saltna li tilħaq il-milja kollha tagħha, bħala Ġerusalemm tas-sema fit-tmiem ta' kollox, saltna li ġa tinsab fid-dinja, fil-Knisja ta' Kristu, li għalissa mhux qed tidher fil-kobor u l-ġmiel kollu tagħha, imma għad tidher dak li tassew hi fit-tmiem ta' kollox. Ta' din is-saltna aħna ukoll membri, bħala poplu, għaliex sa mill-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju l-Appostlu tal-ġnus lilna wettaqna bil-predikazzjoni ta' l-Evanġelju skond ir-rivelazzjoni li ġiet mogħtija lilu tal-misteru moħbi fis-skiet ta' l-eternità u li ġie rivelat fl-aħħar taż-żminijiet, jiġifieri li l-pagani wkoll huma msejħin għas-salvazzjoni: konna mir-razza tal-ġnus, konna pagani, iżda San Pawl, bħala Appostlu tal-ġnus, wassalna għall-ubbidjenza tal-fidi.

Inroddu ħajr lil Alla għal din il-grazzja kbira li għoġbu jagħtina, u li aħna għożżejna sa llum tul il-mijiet tas-snin, għax Alla ħabbna, u wera magħna tjubitu kollha kif wera tjubitu mas-sultan David, u wegħdu saltna għal dejjem minħabba l-fedeltà tiegħu; jalla nibqgħu nuru fedeltà sħiħa għall-Knisja ta' Kristu tul iż-żmien kollu li ġej, biex il-Mulej fit-tjieba tiegħu jżommna għal dejjem u l-patt tiegħu magħna li nkunu l-poplu tiegħu u hu jkun Alla tagħna jibqa' sħiħ għal dejjem.

25 ta' Diċembru

# IL-MILIED

## Alla fl-aħħar taż-żmien kellimna permezz ta' Ibnu

Meta Alla ħabbar lill-ewwel bniedem il-kastig għad-dnub tiegħu, ħabbarlu wkoll il-ħelsien permezz ta' nisel mara li kien għad jisħaq ras is-serp li bih inqeda x-xitan biex iwaqqa' l-bniedem fid-dnub. Meta wasal il-waqt, Alla sejjaħ bniedem, sejjaħ lil Abraham u għall-fidi tiegħu għamlu missier ta' poplu kbir, biex fi ħdan dan il-poplu tibqa' ħajja t-tama tal-ħelsien; imma dan il-poplu kien poplu ta' ras iebsa u bla heda kien jeħodha kontra Alla, iżda permezz tal-profeti tiegħu Alla żamm ħajja fi ħdan dan il-poplu t-tama tal-Feddej, li wasal fid-dinja fil-milja taż-żminijiet. U dan il-Feddej kien wisq aqwa minn dak li l-bnedmin qatt kienu jistennew, għax Alla bħala Feddej tad-dinja ma bagħatx xi bniedem għaref u qaddis, qaddej ta' Alla u prinċep setgħan, imma bagħat lil Ibnu stess, dak l-Iben li, kif jgħid il-kittieb ta' l-Ittra lil Lhud, hu d-dija tas-sebħ ta' Alla, x-xbieha ta' l-essenza tiegħu, dak li jżomm id-dinja kollha bl-id setgħana tiegħu, dak li wara li temm il-missjoni tiegħu fid-dinja għas-salvazzjoni tagħna issa qiegħed fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla l-għoli tas-smewwiet. Huwa dan li l-Appostlu San Ġwann, fil-bidu ta' l-Evanġelju tiegħu, jgħid li kien Alla, li kien fil-bidu għand Alla u li kollox sar bih, u mingħajru ma sar xejn u hu l-ħajja ta' dak kollu li sar. F'kelma waħda hu dak li meta ngħidu l-Kredu nistqarru li hu Alla minn Alla, dawl minn dawl, Alla veru minn Alla veru, imnissel, mhux maħluq, u ta' natura waħda mal-Missier. Hu dak li ħa l-ġisem u għammar fostna u aħna rajna s-sebħ tiegħu, id-dawl tassew li jdawwal kul bniedem li jiġi fid-dinja.

## L-Iben ta' Alla twieled bniedem bħalna biex ikellimna

U wara li l-Ħadd li għadda ftakarna kif l-Iben ta' Alla sar bniedem fil-ġuf safi tal-Verġni Marija, mat-tħabbira ta' l-Anġlu, illum mal-Knisja kollha, qed niċċelebraw it-twelid tiegħu fid-dinja bħala bniedem f'Betlehem tal-Lhudija, kif kienu ħabbru l-profeti fl-imgħoddi.

Fil-providenza tiegħu Alla mexxa l-ġrajjiet tal-bniedem b'mod li seħħ dak kollu li Alla, permezz tal-profeti tiegħu, ħabbar lid-dinja; u f'dan il-lejl permezz ta' l-anġli tiegħu ħabbar lill-bnedmin, lir-ragħajja ta' Betlehem, dak li kien seħħ, dak li l-bnedmin kienu ilhom il-mijiet tas-snin jistennew: il-miġja tal-Feddej.

Lir-ragħajja li kienu jirgħu l-merħliet tagħhom fuq l-għolja ta' Betlehem, l-anġlu tal-Mulej ħabbrilhom aħbar ta' ferħ kbir, ferħ għall-poplu kollu, għax fil-belt ta' Betlehem twieled is-Salvatur li hu Kristu l-Mulej, u huma, ir-ragħajja, kienu se jsibuh bħala tarbija mfisqija u minduda f'maxtura. L-għana ta' l-anġli: "Glorja 'l Alla fl-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art lil-bnedmin ta' rieda tajba" wettaq li dik it-tarbija fil-maxtura kienet il-Prinċep tas-sliem, Alla setgħan, li ġie fid-dinja biex jeħles lill-bniedem mill-art tad-dlamijiet u l-mewt u joħorġu għad-dija tad-dawl tas-smewwiet. Hu għalhekk li llum San Pawl jħabbrilna darba, darbtejn, li dehret il-grazzja ta' Alla, is-Salvatur tagħna li jagħtina s-salvazzjoni u jrawwimna biex nichdu kull ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, u li fuqna feġġet it-tjieba ta' Alla s-Salvatur tagħna u l-imħabba tiegħu għalina li ried isalvana u jqaddisna u jagħmilna werrieta tal-ħajja ta' dejjem, skond it-tama li għandna.

## Il-ġnus kollha ta' l-art jifirħu

Mimlijin b'ferħ liema bħalu għal dan l-aħbar li ngħatalna mill-anġlu tal-Mulej, illum għamilna bħalma għamlu r-ragħajja ta' Betlehem u ġejna hawn nagħtu l-qima tagħna lil Ġesù tarbija: sibna lil Ġesù tarbija ma' ommu Marija u mal-missier legali tiegħu San Ġużepp u offrejnielu l-qima tagħna u xandarna mad-dinja kollha l-ferħ ta' dan il-jum li fih it-truf kollha ta' l-art raw is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

U verament it-truf kollha ta' l-art raw din is-salvazzjoni u minn tarf għall-ieħor tad-dinja llum il-bnedmin kollha qed jifirħu, għalkemm ħafna ma jafux għaliex. Hu dmir dawk kollha li jemmnu li bl-imġiba tagħhom juru lid-dinja kollha għaliex għandha tifraħ f'dawn il-ġranet hekk sbieħ: huma ġranet tal-bidu ta' ħajja ġdida għad-dinja, ta' ħajja ta' sliem u ta' paċi u ta' għaqda bejn il-bnedmin kollha, bejn ir-razez kollha ta' l-art. Id-dinja kollha dan tifhmu, iżda m'hijiex tifhem x'inhi l-paċi vera li jġib il-Milied fid-dinja, u għalhekk tiċċelebrawh b'għemil li ma jħallix hena u paċi fil-qalb tal-bniedem: għemil li jferraħ lill-bnedmin għal ftit mumenti iżda mbagħad iħallilhom ħafna mrar u dwejjaq, għax m'humiex jifirħu fil-Mulej, imma qed jifirħu bil-frugħat tad-dinja. Iżda aħna li nemmnu l-ferħ ta' dan il-jum hekk sabiħ ingawduh billi nsaħħu l-għaqda ta' bejnietna, billi naħsbu f'dawk li huma waħedhom, foqra, abbandunati, minsijin minn kulħadd: naqsmu magħhom il-ferħ tagħna biex huma wkoll jifirħu magħna għax "tweldilna tifel, ingħatalna iben, li jsemmuh Kunsillier ta' l-għaġeb, Alla setgħan, Misier għal dejjem, Prinċep tas-sliem li jagħti sliem bla qjies lil dawk kollha li jilqgħu bil-qalb il-messaġġ tiegħu ta' mħabba u jimxu warajh fuq il-passi tiegħu fit-triq tas-sliem."

**Il-Ħadd fost l-Ottava tal-Milied**

# Il-Familja Mqaddsa

## Ir-rispett lejn il-ġenituri

Il-Liturġija tal-Kelma kollha kemm hi llum hi mimlija tagħlim għalina dwar kif għandha tkun il-ħajja kull jum ta' familja nisranija.

L-ewwel qari, mill-Ktieb ta' Bin Sirak, ikellimna dwar ir-rispett li l-ulied għandu jkollhom għall-ġenituri tagħhom, mhux biss meta għadhom tfal, imma wkoll meta jikbru, meta wkoll iħallu d-dar biex jiffurmaw familja oħra. Ir-rispett lejn il-ġenituri ma għandu jonqos qatt, u jrid jidher b'mod speċjali, meta l-ġenituri jixjieħu, u jeħtieġu dejjem aktar l-għajnuna ta' wliedhom. L-anzjani jbatu ħafna meta jħossu ruħhom waħedhom, meta ma jarawx lil uliedhom u lil ulied uliedhom iżuruhom ta' spiss, u kull jum ikunu jistennew l-aħbar tagħhom, u kull ittra li jirċievu, kull telefonata li taslilhom żgur tfakkarhom fl-hena li kienu jgawdu meta fid-dar kellhom 'l uliedhom kollha madwarhom.

Ir-rispett lejn il-ġenituri, l-aktar meta jixjieħu, jgħidilna Bin Sirak, iġib il-maħfra tad-dnubiet u huwa ħażna ta' ġid liema bħalu. Il-ġenituri jissagrifikaw ruħhom għal uliedhom u jistennew li dawn imbagħad ikunu lesti biex huma min-naħa tagħhom jagħmlu s-sagrifiċċji kollha meħtieġa biex l-aħħar snin tax-xjuħ tagħhom ikunu snin ta' hena u sliem – jekk le, x'imħabba jista' għandhom l-ulied għall-ġenituri tagħhom?

## Eżempji għall-ġenituri

L-Evanġelju wkoll jagħtina eżempji ta' kif għandha tkun l-ħajja ta' familja nisranija: għandna l-eżempju ta' Marija u Ġużeppi fil-ħajja tagħhom ta' kull jum fid-dar ta' Nazaret. L-Evanġelju jsemmilna llum episodju minn din il-ħajja, il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju: flimkien, bħala ġenituri, Marija u Ġużeppi qdew dmirijiethom lejn Alla u laqgħu bil-qalb il-barka tax-xwejjaħ Xmun li lil Marija ħabrilha ħajja ta' niket u ta' tiġrib – is-sejf ta' niket kellu jinfdilha qalbha. Marija aċċettat dan is-salib minn għand il-Mulej u hi ta' eżempju għall-ommijiet kollha li jgħaddu min tant tiġrib minħabba uliedhom sa kemm irabbuhom u jwssluhom għall-istat tagħhom. Il-ġenituri għandhom dejjem iħejju ruħhom għas-slaleb tal-ħajja, li ma jonqsu qatt mill-familji li jridu jgħixu skond ir-rieda ta' Alla, kif ma naqsu qatt is-slaleb tal-ħajja tal-familja ta' Nazaret – f'Marija u Ġużeppi kien hemm rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla, f'għaqda ta' mħabba ma' Ġesù li bl-eżempju tal-ħajja tiegħu fid-dar ta' Nazaret hu eżempju liema bħalu għal ulied kollha.

## Eżempju għall-ulied

Ma telaqx mid-dar ta' Nazaret qabel qorob it-tletin sena u tul dawn it-tletin sena, kif jgħidilna l-Evanġelju kien jobdihom f'kollox, jobdi lil Marija għax kienet ommu, u jobdi lil San Ġużepp, għax kien il-missier legali tiegħu: hekk kiber, tqawwa u mtela bil-għerf quddiem Alla u quddiem il-bnedmin – hekk ukoll l-ulied jikbru u jiksbu l-għerf kollu li jeħtieġu għall-ħajja, mhux biss għall-ħajja fid-dinja imma wkoll għall-ħajja ta' dejjem jekk jagħtu dejjem widen għal dak li jgħidulhom il-ġenituri; għalkemm jista' ma jkunx hemm qbil u ftehim bejniethom iridu jifhmu dejjem lil xulxin u ma jinsew qatt l-imħabba li, jridu jew ma jridux, hemm dejjem bejniethom, għax tiġi mill-istess natura tar-relazzjoni ta' bejniethom, dik ta' ġenituri u wlied.

## Is-sentimenti li jridu jnessu l-ħajja tal-familja

San Pawl fl-ittra lill-Kolossin fi ftit kliem jgħidilna liema għandhom ikunu s-sentimenti tal-membri kollha ta' kull familja nisranija: sentimenti ta' tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar, u fuq kollox imħabba. Fil-familji rridu nistabru b'xulxin, inkunu lesti naħfru lil xulxin u ma nżommux f'qalbna għal ħadd; hekk biss is-sliem ta' Kristu isaltan fi qlubna, dak is-sliem li Alla jagħtina jekk aħna nippruvaw nagħmlu dejjem ir-rieda tiegħu u nroddulu ħajr bit-talb u l-għemejjel tajba kollha tagħna.

San Pawl wara li jsemmilna dawn il-virtujiet kollha li jagħmlu hienja l-ħajja fil-familja, ikellimna aktar bil-miftuħ u bi ftit kliem jagħti pariri lin-nisa miżżewġin, lil ulied u lill missirijiet, pariri li jekk wieħed jimxi fuqhom igawdi s-sliem fi ħdan il-familja tiegħu tul ħajtu kollha.

Ir-relazzjoni bejn ir-raġel u l-mara fi ħdan il-familja m'hijiex xi relazzjoni ta' sid u l-qaddej: il-mara miżżewġa m'hijiex il-qaddejja ta' żewġha, imma hi sieħbu fit-tmexxija tal-familja; flimkien f'rabta sħiħa ta' mħabba, jħabirku biex iġibu 'l quddiem il-familja tagħhom. Il-missier imbagħad lil uliedu jrid jedukahom fl-imħabba, mingħajr ma jkun żorr magħhom: Alla tawhom lilu u lil martu biex jagħtuhom edukazzjoni nisranija, biex irabbuhom ħalli jkunu membri ħajjin tal-Ġisem ta' Kristu u ċittadini mhux biss tal-belt tad-dinja imma wkoll tal-belt tas-sema – u l-barka ta' Alla qatt ma tonqoshom, għax il-missjoni li l-Mulej fdalhom qdewha mill-aħjar li setgħu bl-għajnuna tal-grazzji tiegħu.

1 ta' Jannar

# Jum il-Paċi taħt il-ħarsien tal-Verġni Omm Alla

## L-awguri tas-sena l-ġdida

F'dan l-ewwel jum tas-sena l-ġdida, il-Knisja trid twasslilna x-xewqat tajba tagħha bl-istess kliem li bih Mosè, fuq ordni ta' Alla, bierek il-poplu tiegħu Israel: "Ibierkek il-Mulej u jħarsek, jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek u jurik il-ħniena; iħares lejk il-Mulej b'imħabba u jagħtik is-sliem." Huwa kliem sempliċi ħafna li ma hemmx għalfejn wieħed jagħmel xi sforz biex jifhmu: il-Knisja qed tixtiqilna li tul is-sena li qed tibda llum ma tonqosna qatt il-barka u l-ħniena ta' Alla, l-imħabba u s-sliem tiegħu.

## Ix-xewqa tal-paċi

Hu għalhekk li l-Papa f'dawn l-aħħar snin għażel dan il-jum biex iwassal l-messaġġ tiegħu ta' paċi u sliem lid-dinja kollha, lil dinja li tant tixtieq li jkollha l-paċi imma taraha bħala xi ħaġa kważi impossibli li tgawdiha. Dan għaliex in-nies tad-dinja jew għax ma jafux, jew għax ma jridux, m'humiex ifittxu l-paċi u s-sliem minn għand dak li hu l-Prinċep tas-sliem, il-Mulej Ġesù Kristu. Minkejja t-twissijiet kollha tal-papiet f'dawn l-aħħar snin, id-dinja ħalliet barra lil Alla minn kull tħabrik għall-paċi fid-dinja, u għalhekk il-paċi għadha biss ħolma għad-dinja ta' llum. Iżda m'hijiex ħolma għall-Knisja, aktar u aktar f'dawn l-aħħar snin tas-seklu, f'dawn it-tlett snin li fihom il-Knisja qed tistieden lid-dinja kollha biex tħejji ruħha għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000. U l-messaġġi tal-papa f'dawn it-tlett snin li ġejjin se jkunu stedina għad-dinja biex tħejji ruħha ħalli mas-sena 2000 fuq id-dinja fl-aħħar titla' l-kewkba tal-vera paċi..

## "Aħfru u jkollkom is-sliem"

L-ewwel tħejjija għal dan il-għan hija l-maħfra tal-ħtijiet ta' xulxin, għax huma l-ħtijiet tagħna li jġibu l-inkwiet u l-ġlied u t-tagħjir u d-deni kollu. Fost il-ġnus kollha tad-dinja qiegħda dejjem aktar tikber il-fehma li l-inkwiet li jkun hemm bejn in-nazzjonijiet ma għandux iwassal għall-gwerer u l-ġlied iżda għandu jintemm permezz ta' ftehim sinċier bejn kulħadd. F'dawn l-aħħar snin, f'ħafna partijiet tad-dinja, rajna x'konsegwenzi koroh kellha l-mibgħeda bejn razza u oħra, bejn poplu u

ieħor, mibgħeda li wasslet għall-qerda ta' popolazzjonijiet sħaħ fir-Rwanda u l-Burundi, bil-Boznja u l-Erzegovina, fl-Irlanda ta' fuq u f'ħafna mkejjen oħra tad-dinja. Ma jistax ikun hemm paċi, jekk se tibqa' l-mibgħeda, u l-mibgħeda mhux se tiġi fix-xejn qabel ma kulħadd jinsa l-ħtijiet li sarulu u lest jaħfer id-deni li ġarrab.

Il-mibgħeda ħolqot ġerħat kbar fi ħdan ħafna popli – kif jistgħu dawn jgħixu flimkien fil-paċi? Kif jistgħu jgħixu flimkien jekk mhux lesti jaħfru l-ħtijiet li għamlu lil-xulxin? Alla biss jista' jgħinna f'dan billi fil-fond tal-qalb ta' kull wieħed minna, u l-aktar fil-fond tal-qalb ta' dawk li l-aktar batew minħabba l-mibgħeda, inissel sentimenti ta' ħniena, mogħdrija u maħfra. Din m'hijiex xi ħaġa ħafifa, għax il-bniedem imġarrab mhux lest biex jara malajr il-verità. Iżda ma nistgħux nibqgħu siekta quddiem l-istraġi ta' eluf u eluf ta' nies bla ħtija li sabu ruħhom f'nofs gwerer qliel, quddiem id-deportazzjoni ta' popolazzjonijiet sħaħ mill-post fejn għexu missirijiethom għall-mijiet ta' snin għax m'humiex ta' l-istess razza tan-nies l-oħra, quddiem tant għemil ta' vjolenza u kefrija fuq trabi, tfal, nisa u anzjani. Iżda dan l-għemil ħażin kollu ma għandux jitlob vendetta, għax il-vendetta tkattar il-mibgħeda. F'din l-ewwel sena ta' tħejjija għall-Ġublew tas-sena 2000, il-Papa qed jistedinna naħsbu sewwa fuq il-ħtieġa li naħfru lil xulxin, il-ħtijiet kollha tagħna, u nfittxu li nwaqqfu mill-ġdid l-ħbiberiji ta' bejnietna, ninsew il-mibgħeda u l-vjolenza u nfittxu l-imħabba u l-għaqda.

## Tidħol għalina l-Verġni Marija

Dan nitolbuh illum lill-Verġni Marija, aħna u nagħtuha ġieħ bħala Omm Alla. Kif jgħidilna San Pawl, Alla bagħat lil Ibnu imwieled minn mara, Marija, imwieled taħt il-liġi li biha jitwieled kull bniedem li jiġi fid-dinja, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. Il-bnedmin kollha huma għalhekk ulied Alla, u għandhom għalhekk jgħixu bħal aħwa. Nitolbu. Immorru nqimu lill-Madonna llum bħala l-Omm ta' Alla, immorru nqimuha u nsibuha b'Binha Ġesù f'ħoġorha: hi turihulna bħala l-Prinċep tas-sliem. Nitolbuha għalhekk biex Binha idawwal il-bnedmin kollha li jinsabu fi ġlied bejniethom u jobogħdu lil xulxin ħalli jifhmu li huma lkoll aħwa fih, fi Kristu: il-kotra l-kbira tagħhom jemmnu f'Alla u fil-Bxara t-Tajba ta' Kristu, iżda mhux qed jgħixuha. Jalla raġġ mid-dija tad-dawl ta' Kritu jinżel fil-fond tal-qlub ta' dawk kollha li llum huma għedewwa ta' xulxin u qed ifittxu l-qerda ta' xulxin, biex jifhmu li kollox mitluf bil-ġlied u l-gwerer, imma kollox jintrebaħ bil-paċi u s-sliem, bl-għaqda u l-imħabba, bil-maħfra u r-rikonċiljazzjoni. Hekk biss id-dinja tista' tersaq ħienja lejn il-bidu ta' seklu ġdid, it-tielet millennju.

### L-Ewwel Ħadd tas-Sena

# L-Epifanija tal-Mulej

## L-misteru mħabbar minn San Pawl

Fit-tieni qari tal-Quddiesa, San Pawl jgħidilna bil-grazzja li ġiet mogħtija lilu għall-ġid tagħna lkoll, il-grazzja li jgħarraf lid-dinja l-misteru moħbi lill-ġenerazzjonijiet ta' l-imgħoddi, misteru li ġie rivelat minn Kristu lill-Appostli meta bagħathom fid-dinja jħabbru l-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni lill-ġnus kollha ta' l-art u jgħammduhom f'isem it-Trinità Qaddisa, misteru li ġie wkoll mgħaraf lil-profeti fl-ispirtu, misteru li l-profeti ta' l-imgħoddi ħabbruh taħt ħafna tixbihat iżda mhux b'mod ċar u fid-dieher kif ħabbru San Pawl. X'inhu dan il-misteru? Smajna lil San Pawl stess iħabbarhulna llum, jiġifieri li l-pagani wkoll huma msejħin biex ikollhom l-istess wirt, ikunu membri ta' l-istess ġisem, ikollhom sehem mil-istess Wegħda fi Kristu Ġesù permezz ta' l-Evanġelju. Fi kliem aktar sempliċi l-misteru li qed iħabbar San Pawl huwa l-verità li s-salvazzjoni hi għall-ġnus kollha tad-dinja: il-bnedmin kollha ta' l-art huma msejħin biex jiksbu l-wirt tal-ħajja ta' dejjem, huma mistednin biex jingħaqdu mal-Ġisem ta' Kristu li hu l-Knisja, għandhom ilkoll il-wegħda tas-salvazzjoni fi Kristu Ġesù Sidna.

## Misteru mgħarraf lill-profeti fl-ispirtu

Dan il-misteru ġie mgħarraf lill-profeti ta' l-imgħoddi fl-ispirtu: deher lilhom imċajpar, il-bogħod u ħabbruh taħt tixbihat. L-ewwel qari ta' llum hu eżempju għalina kif il-profeti ta' l-imgħoddi raw dan il-misteru u ħabbruh lid-dinja. Kliem il-profeta Isaija huwa stedina lil Ġerusalemm biex tifraħ għaliex, wara li kienet mitluqa għal sebgħin sena meta l-poplu kollu kien ittieħet fil-jasar tal-Babilonja, issa se tibda tgħix ħajja ġdida u se tara ġejjin lejha l-ġnus kollha ta' l-art bir-rigali tagħhom biex ixandru t-tifħir tal-Mulej.

Illum nifhmu aħjar kliem il-profeta, għax fid-dawl ta' l-Evanġelju, naraw it-tifsir moħbi tiegħu. Il-profeta qed iħabbar żminijiet ġodda, qed iħabbar il-miġja tal-Knisja ta' Kristu, Ġerusalemm tas-sema, il-Knisja li Kristu waqqaf bħala mezz ta' salvazzjoni għall-ġnus kollha ta' l-art. Ħu lejn il-Knisja ta' Kristu li mexjin il-ġnus tad-dinja u qed joffrulha d-doni tal-ħafna kulturi tagħhom biex tqaddishom wara li jkunu laqgħu t-tħabbira ta' l-Evanġelju li twasslilhom bil-missjunarji tagħha.

## Il-Maġi li ġew mil-lvant

Din is-sejħa tal-ġnus li mfissra wkoll miż-żjara tal-Maġi li mil-lvant marru Ġerusalemm ifittxu s-sultan tal-Lhud li twieled biex joffrulu r-rigali tad-deheb, l-inċens u l-mirra u hekk jagħrfu bħala Alla magħmul bniedem u sultan tal-ħolqien kollu. Il-maġi ma kinux Lhud, imma kienu pagani, u għax pagani Alla sejħilhom b'kewkba li wriethom it-triq lejn il-Feddej tad-dinja. Alla lir-ragħajja ta' Betlehem għax kienu jemmnu fih ħabbrilhom il-miġja tal-Messija permezz ta' anġlu; lill-maġi, għax ma kellhomx il-fidi f'Alla kellimhom permezz ta' kewkba. Fehmu is-sinjal u mxew wara l-kewkba li waslithom għand Ġesù u hekk setgħu joffrulu r-rigali tagħhom, il-frott tal-kultura tagħhom.

Ir-ragħajja sabu lil Ġesù minnufih, waqt li l-maġi tħabtu sakemm sabuh għax il-ħajja tad-dinja, kif kienet il-ħajja f'Ġerusalemm fi żmien Erodi, ma ħalliethomx aktar jaraw is-sinjal, il-kewkba li kienet qed tmexxihom lejn Ġesù; iżda l-istħarriġ tal-Kotba Mqaddsa, urihom it-triq li waslithom għand Ġesù.

Aħna lkoll minn nisel il-ġnus u jum l-Epifanija għandna nqisuh bħala l-jum tas-sejħa tagħna għas-salvazzjoni fi Kristu; għalhekk aħna wkoll illum mistednin biex nissieħbu mal-Maġi ħa noffru lil Ġesù r-rigali tagħna: id-deheb ta' l-għemejjel tajba tagħna, l-inċens tal-qima tagħna fl-ispirtu u l-verità, u l-mirra tas-sagrifiċċji li rridu nagħmlu biex nibqgħu fidili għas-sejħa tagħna ta' dixxipli tiegħu.

L-Ewwel Ħadd Matul is-Sena

# Il-Magħmudija tal-Mulej u l-Magħmudija tagħna

## Manifestazzjonijiet tal-Mulej

Il-festa ta' llum tagħlaq iċ-ċelebrazzjonijiet ta' żmien il-Milied, għalkemm mhux għal kollox għaliex tlett ġimgħat oħra se niċċelebraw il-preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju, li hi wkoll ċelebrazzjoni marbuta ma' żmien il-Milied.

Kemm il-Magħmudija tal-Mulej, kif ukoll il-preżentazzjoni Tiegħu fit-tempju, flimkien mal-festa tal-Epifanija huma manifestazzjonijiet tal-Mulej lid-dinja, bħalma kien ukoll manifestazzjoni tiegħu l-miraklu f'Kana tal-Galilija meta bidel l-ilma fl-imbid u d-dixxipli emmnu fih. Huma manifestazzjonijiet li bihom tħejjiet it-triq għall-missjoni pubblika ta' Ġesù tul tlett snin li fihom iġġerra mal-Lhudija u l-Galilija kollha jħabbar il-bxara t-tajba tas-salvazzjoni, jistieden għall-indiema u jagħmel il-ġid kull fejn kien jgħaddi.

Il-Magħmudija tal-Mulej hi l-ogħla manifestazzjoni tiegħu, għa dak in-nhar Ġesù deher dak li tassew kien, inwettaq bix-xhieda tal-Missier u l-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu fuqu. Dan jixhidulna l-qari kollu ta' llum, xhieda li ma nsibuhiex fil-manifestazzjonijiet l-oħra tal-Mulej.

Fiż-żjara tagħhom is-slaten Maġi għarfuh bħala Alla magħmul bniedem u sultan tal-ħolqien kollu, iżda kienet manifestazzjoni ħis-skiet: għarfuh għax kienu mnebbħin minn Alla; l-istess ġara fil-misteru tal-preżentazzjoni: kienet ix-xhieda tax-xwejjaħ Xmun li wriet min kienet it-tarbija li ġiet preżentata fit-tempju; l-istess ġara wkoll fit-tieġ ta' Kana: Ġesù wera min kien bil-miraklu ta' l-ilma mibdul f'inbid mill-aħjar.

## Il-manifestazzjoni fil-Magħmudija fil-Ġordan

Fil-Magħmudija ta' Kristu, għandna x-xhieda tal-Missier: "Inti Ibni l-għażiż, fik sibt il-għaxqa tiegħi". Dan il-kliem tal-Missier hu mwettaq minn kliem il-profeta Isaija fl-ewwel qari ta' llum dwar il-Qaddej ta' Jahweh, li huwa xbieha tal-Mulej Ġesù: dak li l-profeta jgħid dwar il-Qaddej narawh iseħħ fil-Mulej Ġesù: il-missjoni tiegħu kienet dik li jwassal il-ġustizzja lill-ġnus bil-ħlewwa u t-tjieba ta' l-imġiba kollha tiegħu – "qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfihx" – u jwassalhom għall-ġustifikazzjoni mqar jekk juru biss sinjal mill-aktar

dgħajjef ta' sogħba u ndiema. Ġesù hu dawl għall-ġnus, biex jiftaħ għajnejn il-għomja, jiġifieri jwarrab minn moħħ il-bniedem il-frugħat kollha li ma jħalluhx jara l-verità ta' Alla u jħaddan l-għerf tal-ħwejjeġ tas-sema, u biex joħroġ l-ilsiera mill-ħabs għax jeħles lill-bniedem mill-jasar tad-dnub u tax-xitan u jagħtih mill-ġdid id-dinjità ta' iben adottiv ta' Alla li tilef bid-dnub tiegħu.

Dan ħabbru Isaija wkoll meta tkellem dwar l-Ispirtu tal-Mulej li jikkonsagra l-Qaddej: l-ispirtu ta' l-għerf u tad-dehen, ta' l-għaqal u l-qawwa: hu kliem li l-evanġelista San Luqa fehmu għal Ġesù nnifsu u li ħabbru San Pietru stess meta, fix-xandir tiegħu tal-Bxara t-tajba, ħabbar kif Alla ikkonsagra lil Ġesù bl-Ispirtu s-Santu u l-qawwa ħa jagħmel ġid ma' kulħadd u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan.

Il-konsagrazzjoni ta' Ġesù seħħet fil-Magħmudija minn Ġwanni: dak in-nhar instema' leħen il-Missier jixhed li Ġesù hu Ibnu l-għażiż, u l-Ispirtu s-Santu deher nieżel fuqu bħal ħamiema. Wara din il-manifestazzjoni hekk ċara ta' min kien, Ġesù beda l-missjoni li għaliha ġie fid-dinja.

Dak li ġara fil-Magħmudija ta' Ġesù, ġara wkoll fil-magħmudija tagħna, għaliex aħna wkoll tgħammidna fl-Ispirtu s-Santu, jiġifieri meta tgħammidna nieżel fuqna l-Ispirtu s-Santu, kif niżel fuq Ġesù u sawwab fi qlubna l-imħabba ta' Alla, hekk li fina wkoll il-Missier isib l-għaxqa tiegħu għax iqisna l-ulied adottivi tiegħu. Jalla ngħożżu fina din id-dinjità hekk għolja ta' wlied Alla, billi nżommu ruħna 'l bogħod mid-dnub u minn kull għemil ta' ħażen u ta' frugħa.

### It-Tieni Ħadd tas-Sena

# Is-Sejħat tal-Mulej

## Tħabbira profetika tal-missjoni ta' Ġesù

"Hawn jien, Mulej, ġej nagħmel ir-rieda tiegħek." Fis-salm li għadna kemm smajna wara l-ewwel qari tal-Quddiesa, għandna tħabbira profetika tal-missjoni ta' l-Iben ta' Alla fid-dinja għas-salvazzjoni tagħna.

Wara l-ewwel dnub, Alla ma riedx li l-bniedem jibqa' mwarrab minnu; wegħdu l-ħbiberija mill-ġdid miegħu, anzi wegħdu feddej, nisel ta' mara, li kien se jġib rebħa sħiħa fuq is-serp ta' l-infern meta jasal il-waqt. Iżda dan il-feddej ma setax ikun sempliċi bniedem, għax ebda bniedem qaddis u ġust kemm jista' jkun ma seta' jasal biex ipatti b'mod xieraq għall-offiża li saret lill Alla bid-dnub. Il-bniedem, tul iż-żminijiet, ried kieku jpatti għall-offiża li saret lil Alla permezz ta' sagrifiċċji ta' ngħaġ, ħrief u baqar; anzi l-bniedem wasal ukoll biex jissagrifika bnedmin bħalu – ħaġa li Alla kien jistmerrha ħafna – biex jitħabbeb mill-ġdid ma' Alla: "sagrifiċċju u offerta int ma tgħaxxaqtx bihom ... vittmi ta' ħruq u tat-tpattija int ma tlabthomx." Mela x'ried Alla? Tpattija xierqa li seta' jagħtiha biss bniedem Alla, u għalhekk fis-sema l-Iben ta' Alla offra ruħu għal dan il-għan: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek"; iżda biex isseħħ din ir-rieda l-Iben ta' Alla kellu jsir bniedem: "Vittma ta' ħruq u ta' tpattija int ma ridthomx, imma ħejjejtli ġisem u għalhekk hawn jien biex inkun vittma ta' tpattija għall-bnedmin kollha."

## Is-sejħat tal-Mulej fl-Iskrittura

L-offerta ta' l-Iben ta' Alla lill-Missier: "Hawn jien ġej biex nagħmel ir-rieda tiegħek", smajniha tidwi tul iż-żminijiet kollha: fis-sejħa taċ-ċkejken Samwel, fis-sejħa tal-profeta Isaija, fis-sejħa ta' Ġeremija, u, fi żmien il-Patt il-ġdid, fis-sejħa ta' l-Appostli, sejħa li għadha sejra sa llum, għax il-Mulej Ġesù ma jieqaf qatt isejjaħ lil dawk li jitfa ħarsa ta' mħabba fuqhom u jsejħilhom biex jimxu warajh aktar fil-qrib u juru lill-bnedmin sħabhom it-triq tas-sema.

Fis-sejħa ta' Samwel, fis-sejħa ta' l-Appostli naraw ix-xbieha tas-sejħat li jagħmlilna l-Mulej, għax hu jsejjaħ lil kulħadd u mhux lil xi ftit magħżulin. Mhux dejjem nintebħu bis-sejħat tal-Mulej, kif ġralu ċ-ċkejken Samwel. Meta Alla sejjaħlu, Samwel ħaseb li kien Għeli li sejjaħlu waqt li kien rieqed, u kien Għeli mbagħad li ntebaħ li Alla kien qed isejjaħ liż-żagħżugħ u qallu kif iwieġeb għas-sejħa tal-Mulej: "Tkellem għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma' "

L-istess l-Appostli: kienu jisimgħu lil San Ġwann jippriedka meta għadda Ġesù u San Ġwann urih lin-nies bħala l-Ħaruf ta' Alla. Iż-żewġ Appostli marru wara Ġesù ħa jaraw min kien; ma ssugrawx ikellmuh sakemm Ġesù innifsu kellimhom u staqsiehom: "Xi tridu?", u għat-tweġiba tagħhom qalilhom: "Ejjew u araw." Marru u baqgħu miegħu u ħajru oħrajn jingħaqdu magħhom.

## Is-sejħat tal-Mulej illum

Hekk jiġri lilna. Il-Mulej isejħilna u aħna ma nintebħux minnufih bis-sejħa tal-Mulej, iżda bl-għajnuna ta' direttur spiritwali, tal-konfessur tagħna aħna nsiru nafu li Alla qed isejħilna u jgħidilna x'irid minna, l-istess biex Għeli wera liċ-ċkejken Samwel li Alla kien qed isejjaħlu. Iżda jista' jiġri wkoll li Ġesù nnifsu jsejħilna biex jurina fejn jgħammar, kif għamel ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu. B'xi mod jew ieħor, jurina x'inhi l-ħajja tiegħu u jistedinna ngħixuha miegħu, u dan jagħmlu b'ħafna manjieri skond il-bniedem li jkun. L-importanti hu li nkunu dejjem attenti għas-sejħat tiegħu, biex meta jsejjaħ, minnufih nintebħu bis-sejħat tiegħu.

## Għalfejn isejjaħ Alla

Għalfejn isejħilna? X'messaġġ iridna nagħtu lid-dinja ta' llum? Il-messaġġ insibuh fit-tieni qari tal-Quddiesa u huwa messaġġ li hu tassew f'waqtu fiż-żminijiet ta' llum meta d-dinja kollha hija mehdija biss bil-qima tal-ġisem. Il-ġisem, jgħidilna San Pawl, m'huwiex għaż-żina, imma għall-Mulej: dan għaliex il-ġisem tagħna, fil-Magħmudija, ġie kkonsagrat mill-Ispirtu s-Santu, sa tempju ta' l-Ispirtu s-Santu; ġisimna ma għadux aktar fil-jasar tad-dnub u tax-xitan, għax Kristu xtrah għalih bil-prezz tad-demm kollu li xerred għal fidwa tagħna: ġisimna mhux għaż-żina, imma biex bih nagħtu glorja lil Alla; dan il-ġisem jekk inżommuh ħieles minn kull tinġiż tad-dnub, dan il-ġisem li għad jara t-taħsir tal-qabar u jinfired mir-ruħ li tagħtih il-ħajja, meta jasal il-waqt, fl-aħħar taż-żmien, għad jilbes in-nuqqas ta' taħsir u l-immortalità bis-saħħa ta' Kristu li qam mill-imwiet u li għad iqajjem dan il-ġisem imsejken tagħna għall-glorja tal-qawmien għall-ħajja ta' dejjem. Dan hu ħsieb ta' faraġ kbir għalina jekk ngħożżu s-safa ta' ġisimna u nżommu ruħna ħielsa minn kull tinġiż tad-dnub.

It-Tieled Ħadd tas-Sena

# Indiema u Fidi

## L-indiema ġġib il-maħfra

Ġesù beda l-missjoni tiegħu mill-Galilija jxandar u jgħidu: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba." L-indiema kienet il-qofol tal-predikazzjoni ta' Ġesù, għax mingħajr indiema il-bniedem ma kienx se jasal biex jikseb il-Bxara t-tajba tas-salvazzjoni, għax is-salvazzjoni jiksibha biss min jinħall minn dnubietu u jisgħob bih għalihom. Kemm hu minn dan naraw mill-imġiba tan-nies ta' Ninwè. Alla ma felaħx aktar għall-ħażen tan-nies ta' Ninwè u bagħtilhom lil Ġona jħabbrilhom li jekk ma jindmux u jagħmlu penitenza, belthom kienet se tinqered. Ġona dam tlett ijiet miexi fil-belt iħabbar il-ħerba ta' Ninwè jekk in-nies ma jisgħobbihomx ta' dnubiethom. Il-messaġġ ta' Ġona wasal lin-nies ta' Ninwè, u ordnaw sawma u libsu lbies ta' l-ixkejjer biex ipattu għall-dnubiethom, u Alla ħafrilhom, u biegħed minn fuqhom il-kastigi li kien se jibgħatilhom. Mhux biss in-nies ta' Ninwè kien jeħtiġilhom jagħmlu pentienza għal dnubiethom, imma l-bnedmin kollha tad-dinja, ta' kull żmien u ta' kull imkien. In-nies ta' żmienna wkoll jeħtieġ jagħmlu penitenza jekk iridu jbegħdu minn fuqhom il-kastigi ta' Alla: il-gwerer, il-ġuħ, u l-għaks, id-disgrazzji naturali u tant u tant ġrajjiet oħra li jimlewna bil-biża' meta nisimgħu dwarhom, u xi kull tant iwassluna għall-indiema u għas-sogħba ta' dnubietna, iżda mbagħad malajr nerġgħu lura għall-ħajja ta' qabel, għax aħna bnedmin dgħajfa, u, għalkemm inkunu sinċiera fis-sogħba tagħna meta nitolbu maħfra lil Alla, meta jitbiegħed minna l-biża' tal-kastigi ta' Alla nerġgħu għall-ħajja ta' qabel.

## Alla jsejjaħ permezz tal-ministri tiegħu

Għalhekk il-Mulej fil-ħniena tiegħu ma jieqaf qat jistedinna nindmu u nemmnu fil-bxara t-tajba: nindmu minn dnubietna qawwijin bil-fidi tagħna fil-ħniena ta' Alla. Dan il-Mulej jagħmlu permezz tal-ministri tiegħu, ma' dawk li tul iż-żminijiet isejjaħ minn fost il-poplu tiegħu biex ikomplu l-missjoni tiegħu fid-dinja. Kif sejjaħ l-ewwel Appostli tiegħu, hekk illum għadu jsejjaħ appostli oħra għaż-żminijiet ta' llum. Ġesù ma jieqaf qatt isejjaħ, u s-sejħa tiegħu dejjem titlob tweġiba radikali: jistenna li min jissejjaħ iwieġeb kif wieġbu l-Appostli: ħallew kollox u marru wara Ġesù, biex jissieħbu miegħu u jkunu bħalu sajjieda tal-bnedmin.

Imma kemm qed iwieġbu llum għas-sejħat tal-Mulej? Kemm huma

dawk li mhux qed iħallu l-frugħat u ħajriet tad-dinja jfixkluhom fit-tweġiba tagħhom għas-sejħat tal-Mulej? Il-Mulej ma jieqaf qatt isejjaħ, imma kemm qed jaqtgħu qalbhom u ma jkomplux iwieġbu għas-sejħat tiegħu? Iżda dan m'għandux jaqtagħlna qalbna: il-qawwa tal-grazzja ta' Alla hi hekk kbira li xejn ma jista' jfixkilha: hija biss ir-rieda ta' min jiġi msejjaħ li tasal biex tgħid "Le" lill-Mulej, għax marbuta żżejjed mal-frugħat tad-dinja, bħaż-żgħażugħ għani ta' l-Evanġelju li ma weġibx għas-sejħa tal-Mulej, għax kellu ħafna ġid u ma riedx jeħles minnu u jqassmu lill-fqar.

## Il-missjoni tal-ministri ta' Alla llum

X'inhi l-missjoni li l-Mulej irid li jagħmlu dawk li hu jsejjaħ biex ikunu ministri u appostli tiegħu? Insibuha mfissra fil-qosor bi kliem San Pawl fit-tieni qari ta' llum: "Iż-żmien qsar ... u s-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi." Ħajjitna fuq l-art tintemm malajr, għalhekk għandna ngħixuha b'mod li ma norbtux qalbna magħha u ma nħallux id-dinja tmexxina hi, imma nużaw il-ġid tad-dinja għall-ġid ta' dejjem tagħna. Dan ried ifisser San Pawl: min għandu mara bħallikieku m'għandux jiġifieri jgħix il-ħajja tiegħu fiż-żwieġ skond ir-rieda ta' Alla, mhux għaż-żina imma għall-qdusija; dawk li jibku bħallikieku ma jibkux u dawk li jifirħu bħallikieku ma jifirħux, jiġifieri jilqgħu l-ħajja kollha kif tiġihom minn għand Alla, bir-riżq it-tajjeb u l-ħażin kollu tagħha, b'rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla; dawk li jixtru bħallikieku ma għandhom xejn u dawk li jgawdu bħallikieku ma jgawdux id-dinja: fi kliem ieħor ma jorbtux qalbhom ma' kull ma jiġri fid-dinja, ma' dak li jgħaddi u jintemm imma jorbtu qalbhom ma' dak li jibqa' għal dejjem: il-ferħ u l-ġid tad-dinja għad jgħaddi u jintemm fix-xejn waqt li l-ġid u l-hena tas-sema jibqgħu għal dejjem. Din id-dinja għad tgħaddi u tintemm għalina: ma norbtux qalbna magħha, u nkunu lesti dejjem ninħallu mill-irbit tagħha biex immorru ngawdu 'l Alla fl-hena ta' dejjem. Din tkun ħaġa ħafifa għalina jekk nemmnu fil-Bxara t-tajba li Kristu jħabbrilna u nindmu minn nuqqasijiet u d-dnubiet kollha tagħna.

Ir-Raba' Ħadd tas-Sena

# Il-Preżentazzjoni tal-Mulej

## Il-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-Tempju

Il-Knisja llum qed tistedinna biex immorru niltaqgħu mal-Mulej huwa u dieħel fit-tempju tiegħu, bid-dwal jixgħelu f'idejna, insellmulu bħala d-dawl li jdawwal il-ġnus u l-glorja tal-poplu tiegħu Israel, u nagħarfuh imbagħad fil-qsim tal-ħobż, fl-Ewkaristija Mqaddsa. Dan kollu narawh minn dak li ġara dak in-nhar li Marija u Ġużeppi telgħu Ġerusalemm biex jippreżentaw lill-Mulej lil Ġesù, skond kif kien hemm miktub fil-liġi tal-Mulej. Kif daħlu fit-tempju laqagħhom ix-xwejjaħ Xmun, li kien jistenna l-faraġ ta' Israel u li kien ġie mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu li ma kienx se jara l-mewt qabel jara lil Kristu tal-Mulej. Ħa t-tarbija fuq dirgħajh u ħabbar x'kienet il-missjoni ta' Ġesù bil-kliem ta' radd il-ħajr lil Alla għax tah il-grazzja li jara lil Kristu tal-Mulej: ra b'għajnejh il-Feddej tad-dinja, ra dak li kellu jkun dawl għall-ġnus kollha ta' l-art biex is-salvazzjoni tiegħu tasal sa truf l-art kollha.

## Il-profezija ta' Malakija

Kliem ix-xwejjaħ Xmun hu mwettaq mit-tħabbira tal-profeta Malakija, li jitkellem dwar l-Anġlu tal-Patt li d-dinja kollha hi mxennqa għalih: il-miġja tiegħu hi mħejjija mill-messaġġier tal-Mulej, li jwittilu t-triq quddiemu. Il-miġja tiegħu tkun ta' qawwa hekk kbira li ħadd ma jkun jiflaħ għaliha, għax bil-ħidma tiegħu se jġedded u jsaffi minn kull tingis lill-poplu li hu jagħżel għalih, bħalma wieħed inaddaf id-deheb u l-fidda ħalli jidhru fil-ġmiel kollu tagħhom, biex imbagħad dan il-poplu ġdid ta' Alla ikun jista' jersaq quddiem il-Mulej jagħmel offerta xierqa li togħġob lil Alla Fid-dawl ta' l-Evanġelju aħna nifhmu li kliem il-profeta Malakija huwa dwar il-Mulej Ġesù; nifhmu li l-messaġġier li Alla bagħat iħejjilu t-triq Ġwanni l-Battista, il-Prekursur; nafu wkoll li Ġesù ġie biex iġedded il-ħolqien kollu, jagħtih bidu ġdid fih, jibda mill-ġdid il-ġrajja tad-dinja, mhux aktar fil-jasar tad-dnub, iżda fid-dawl tal-ħelsien ta' Alla.

## L-ittra lil Lhud

Dan kollu jfissirulna l-kittieb ta' l-Ittra lil Lhud, li jżid jgħidilna li Ġesù biex iġedded id-dinja u jagħti bidu ġdid għall-ġrajja tagħha kien jeħtieġlu isir bniedem bħalna ta' l-istess demm u ġisem: hekk biss seta' jeħlisna

minn idejn ix-xitan li, minħabba l-biża' tal-mewt, konna mjassrin għal għomorna taħtu. Ġesù ried ikun jixbaħna f'kollox biex ipatti għad-dnubiet tagħna lkoll, bis-sagrifiċċju ta' ħajtu: bħala qassis fidil u ħanin tal-patt il-ġdid offra lilu nnifsu bħala sagrifiċċju ta' tpattija għad-dnubiet tagħna lkoll; bata u kien imġarrab biex jeħles lill-bnedmin kollha mit-tiġrib li fih kienu jinsabu minħabba d-dnub.

Imma l-bnedmin kollha jafuh dan lill-Mulej Ġesù? Kollha jroddulu ħajr għas-salvazzjoni li kisbilna bil-mewt tiegħu fuq is-Salib? Le, u dan ħabbru x-xwejjaħ Xmun lil Marija: Ġesù se "jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel, u se jkun sinjal li jmeruh"; ħafna se jiċħduh kif ċaħduh il-Lhud ta' Ġerusalemm quddiem Pilatu; iżda l-qawwa tal-ħniena ta' Alla għad tegħleb il-kefrija tal-bniedem, u minkejja tant u tant ċaħdiet tal-bnedmin tad-dinja, s-salvazzjoni ta' Kristu tkompli dejjem aktar tixtered sa truf l-art.

## Il-Verġni Marija fl-opra tal-fidwa

Ix-xwejjaħ Xmun ħabbar ukoll is-sehem li kellha l-Verġni Marija fl-opra tas-salvazzjoni; "u int ukoll, min-naħa tiegħek, sejf jinfidlek ruħek." Alla ried li l-Madonna tkun imsieħba ma' Ġesù fil-ħidma tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja tul ħajjitha kollha, u dan it-tisħib laħaq il-qofol tiegħu fuq il-kalvarju, meta f'qalbha l-Verġni Marija ġiet imsallba ma' Binha Ġesù, u f'baħar ta' niket sofriet f'qalbha martirju l-aktar kiefer – fit-tiġrib ta' dan il-martirju saret l-Omm tagħna lkoll, għax kien dak il-mument li fih Binha Ġesù ried jafdana lilha fil-persuna l-Appostlu maħbub tiegħu.

## Id-dmir tagħna fil-festa ta' llum

X'se jkun il-frott tat-tisħib tagħna fiċ-ċelebrazzjoni ta' llum? Sellimna lil Ġesù bħala dawl li jdawwal il-ġnus kollha tad-dinja; issa hu dmir tagħna li aħna nuru lid-dinja kemm tassew Ġesù hu d-dawl tad-dinja; irridu nkunu bħal Anna l-profetissa li kienet ukoll fit-tempju u wara l-preżentazzjoni tal-Mulej ma kinitx tagħmel ħaġ'oħra ħlief tfaħħar 'l Alla u titkellem fuq Ġesù. Dan irridu nagħmluh aħna wkoll fid-dinja ta' llum, mingħajr ma naqtgħu qalbna minħabba t-tfixkil li joħolqulna dawk li lil Ġesù jridu jmeruh. U mhux se naqtgħu qalbna jekk infittxu l-qawwa li neħtieġu mill-Ewkaristija Mqaddsa, mill-mejda ta' l-ikel tas-sema li l-Mulej iħejji għalina. Imsaħħin fil-fidi tagħna bis-smigħ tal-Kelma ta' Alla, nersqu issa lejn il-mejda tal-Mulej biex minn għandu nirċievu l-ikel ta' ruħna, li jwettaqna fil-mixi tagħna lejn is-sema pajjiżna u hu għalina rahan tal-ħajja ta' dejjem.

**Il-ħames Ħadd tas-Sena**

# Il-Ħajja tal-Bniedem fid-dinja

## Ġesù jfejjaq il-morda

L-Evanġelju ta' llum iħabbrilna li Ġesù, li wara li sejjaħ għal warajh l-ewwel erba' dixxipli tiegħu, mar magħhom f'dar Xmun u Indri u hemm fejjaq omm il-mara ta' Xmun li kienet fis-sodda bid-deni. Wara dan, ma nżul ix-xemx, dawk kollha li semgħu bil-fejqan ta' omm il-mara ta' Xmun ġiebulu l-morda tagħhom u fejjaqhom, u fejjaq ħafna wkoll li kienu maħkuma mix-xitan. L-għada mbagħad kompla jdur il-bliet u l-irħula tal-Galilija jfejjaq il-morda, ixandar il-Bxara t-tajba u jkeċċi x-xjaten.

## Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art imfejqa minn Ġesù

Dawn il-mirakli ta' Ġesù juruna aspett wieħed mil-missjoni ta' Kristu fid-dinja għas-salvazzjoni tal-bniedem. Smajna li Ġob fl-ewwel qari ta' llum, jgħidilna kemm hi iebsa l-ħajja tal-bniedem fuq l-art, ħajja bħal dik ta' ħaddiem mikri, ħajja ta' lsir bla ebda tama ta' ħelsien; ħajja hekk iebsa li min ikun qed jgħixha ma jitlobx ħlief li jfittex jidlam ħa jieqaf mix-xogħol u jmur jistrieħ; iżda imbagħad l-istess mistrieħ tiegħu ma hu mistrieħ xejn, għax biżżejjed il-ħsieb li l-għada jrid iqum għax-xogħol iebes tas-soltu biex itellifħlu l-gost tal-mistrieħ. Il-ħajja tal-bniedem fuq l-art hi ħajja bla nifs, bl-ebda tama ta' rizq.

Iżda Ġesù temm din il-qagħda tal-bniedem fuq l-art, il-qagħda tax-xogħol tal-bniedem fid-dinja. Kif għamel dan? Wera li fl-aħħar mill-aħħar ix-xogħol tal-bniedem fuq l-art m'huwiex piż u jasar; għamlu hekk il-bniedem bid-dnub. Fil-ħsieb ta' Alla x-xogħol tal-bniedem fuq l-art hu tisħib ma' Alla fit-tmexxija tal-ħolqien. Meta Alla ħalaq il-bniedem u qiegħdu sid ta' l-art kollha, tah l-ordni biex jaħdimha u jtejjibha għall-ġid tiegħu u ta' kulħadd. Il-bniedem huwa u jaħdem qed jissieħeb ma' Alla l-Ħallieq – u din hi dinjità għolja tax-xogħol, dinjità li Alla għoġbu biha iżejjen il-bniedem. Iżda l-bniedem biddel din id-dinjità f'piż u jasar minħabba d-dnub.

Ġesù ġie fid-dinja biex ineħħi dan il-piż u dan il-jasar mix-xogħol tal-bniedem, u mill-ġdid jagħtih id-dinjità li kellu fil-bidu fil-ħolqien; dan Ġesù għamlu b'ħafna suriet, billi biddel ix-xogħol tal-bniedem fid-dinja f'mezz ta' salvazzjoni, f'mezz ta' għajnuna tal-bnedmin lil xulxin.

## Il-mard fil-bniedem

U l-istess għall-mard. Ġob kellem bil-mod kif smajna fl-ewwel qari ta' llum, għax ix-xitan ġarrbu b'kull xorta ta' mard; taħt it-toqol tal-mard tiegħu, imġarrab kif kien b'martu u ħbiebu kontra tiegħu bħallikieku kien xi midneb kbir, ħadha kontra Alla, xtaq li ma twieled xejn; iżda fl-aħħar intebaħ kemm tkellem ta' iblah; fehem il-misteru tat-tbatija u tal-mard u tax-xogħol, u f'rabta sħiħa mar-rieda ta' Alla, għaraf jegħleb it-tiġrib li ġie fuqu u reġa' lura għall-ħajja ta' hena li kien jgħix qabel.

Hekk aħna: jekk nifhmu il-misteru tat-tbatija u tal-mard, u naraw fihom mezz ta' salvazzjoni, mezz ta' tpattija għal dnubietna, mezz li bih nissieħbu mal-Mulej Ġesù fit-tbatijiet tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja, kull marda u kull tbatija tagħna għandna narawha bħala mezz ta' qdusija, bħala għajnuna għall-perfezzjoni tagħna.

## L-eżempju ta' San Pawl

Meta dan, imbagħad inkunu lesti nilqgħu kull tiġrib, kull sagrifiċċju biex nagħmlu dak li jogħġob lil Alla. Dan tgħallmu sewwa San Pawl, li minn persekutur sar Appostlu qalbieni ta' Ġesù. Wara s-sejħa li għamillu Ġesù ħass li kien obbligat ixandar l-Evanġelju – "Ħażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju" smajnih jgħidilna fit-tieni qari ta' llum. San Pawl kien iħoss li kien dmir tiegħu li jxandar l-Evanġelju għall-grazzja kbira li tah il-Mulej fil-konversjoni tiegħu. Għaraf xi grazzja kbira kienet il-konversjoni tiegħu, u kien jidhirlu li dik il-grazzja jwassalha lil kulħadd bla ma jitlob ebda ħlas għall-ħidma tiegħu; għaraf il-kobor tal-verità tal-fidi li ġiet rivelata lilu minn Kristu stess fit-triq ta' Damasku, u ried iwassalha lil kulħadd, bit-tama li jirbaħ 'il ħafna lil Kristu, għax kien jaf li xi wħud kienu se jirrifjutaw il-grazzja ta' Alla. Iżda ma qatgħax qalbu; ħadha kontra kull xorta ta' periklu, ta' tiġrib, ta' persekuzzjoni ried jara 'l Kristu magħruf u maħbub; ebda tbatija ma kienet kbira għalih biex jilħaq dan il-għan tiegħu. Kemm għandna x'nitgħallmu minnu, aħna li malajr naqtgħu qalbna minn xi wġigħ żgħir, minn xi marda li żżommna ftit ġranet fis-sodda, aħna li malajr nintelqu malli nsibu xi ftit ta' tfixkil. Nitolbu għalhekk lil Ġesù llum biex, kif fejjaq tant morda fil-Galilija meta kien fostna fid-dinja, ifejjaq lilna minn nuqqasijiet kollha tagħna, mill-qtigħ il-qalb, mill-mard tagħna fir-ruħ u l-ġisem, u jbiegħed minna x-xjaten ta' għażż u tal-qtigħ il-qalb biex naqdu dmir ta' ħabbara ta' l-Evanġelju ta' Kristu fid-dinja ta' llum.

10 ta' Frar

# San Pawl Patrun ta' Malta

## Il-missjoni ta' l-Appostli

Il-Mulej Ġesù qabel reġa' lura għand il-Missier wara li temm il-missjoni tiegħu fid-dinja bagħat lill-Appostli, li kien għażel, biex ikomplu sa truf l-art kollha sa l-aħħar taż-żmien il-missjoni tiegħu għas-salvazzjoni tad-dinja. Qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu". Dan l-ordni Ġesù tah lil ħdax-il Appostlu meta ltaqa' magħhom ħdejn il-baħar tal-Galilija wara li qam mill-imwiet. Dan l-ordni l-Mulej tah ukoll lil San Pawl, iżda mhux flimkien ma' l-Appostli l-oħra; tahulu meta sejjaħlu fit-triq ta' Damasku u ħabbarlu li riedu għodda f'idejh biex iwassal 'l ismu lill-ġnus, lill-pagani. U kif Ġesù lill-Appostli qalilhom li kliemhom se jkun imwettaq mill-mirakli li huma kienu se jagħmlu ma' dawk li jemmnu huma u jħabbrulhom il-kelma tal-ħajja, hekk ukoll għamel ma' San Pawl. Tul il-vjaġġi missjunarji tiegħu, San Pawl mhux biss għadda minn ħafna persekuzzjonijiet, minn ħafna taħbit, minn ħafna tiġrib, imma wkoll għamel mirakli ta' l-għaġeb biex bihom wera li kien tassew ministru ta' Alla għas-salvazzjoni tal-ġnus.

## Miġja provvidenzjali

Dan narawh minn dak li ġara fil-miġja ta' San Pawl fostna, miġja li ma ġietx imħejjija minn San Pawl innifsu, imma kienet il-provvidenza ta' Alla li waslitu fuq xtut gżiritna. San Pawl sar jaf bil-ħsieb ta' Alla wara ħafna jiem li fihom il-ġifen li fuqu kien hemm San Pawl kien ilu jiem sħaħ jitħabat mal-irwiefen u l-mewġ u kulħadd kien qata' kull tama li jsalva. U kien f'dak il-waqt li anġlu tal-Mulej deher fil-ħolm lil San Pawl u qallu li kien meħtieġ li hu jasal fi gżira, li kulħadd kien se jsalva mill-għarqa, u li l-ġifen biss kien se jintilef. Kien miraklu li l-mitejn u s-sitta u sebgħin ruħ li kien hemm fuq il-ġifen salvaw mill-għarqa; kien miraklu li s-suldati ma qatlux il-priġunieri li kienu qed iwasslu Ruma, kif kienet id-drawwa dak iż-żmien; kien miraklu wkoll li meta kulħadd niżel l-art ma sabux nies li qatluhom u serquhom, imma sabu l-Maltin li ġabu ruħhom magħhom bi ħlewwa liema bħalha, laqgħuhom tajjeb u qabdulhom ħuġġieġa għax kienet ix-xita u kien il-bard.

## Il-mirakli ta' San Pawl

Il-mirakli bdew qabel stess ma San Pawl fetaħ fommu biex iħabbar 'il Kristu: seta' jistenna biex jagħmel dan, għax l-imġiba tal-Maltin wrietu li kienu lesti biex jilqgħu l-Bxara t-Tajba ta' l-imħabba; għalhekk San Pawl kompla jħejjihom għal dan bil-fejqan ta' missier Pubblju, il-prinċep tal-gżira, u bil-fejqan tal-morda kollha li ġabulu ħa jfejjaqhom. "Ma jistax ikun li wara dan kollu," jgħidilna San Ġwann Griżostmu, "li l-għadd ta' dawk li emmnu ma kienx kbir."

L-Atti ta' l-Appostli jgħidulna li San Pawl dam tliet xhur fostna sakemm għaddiet ix-xitwa; tul dawk it-tliet xhur żgur li San Pawl ma baqax sieket u ħabbar fostna il-Kelma ta' Alla u wettaqha bil-mirakli li kien għamel. X'mirakli għamel fostna? Liema mirakli li semma' Ġesù lill-Appostli, wettqulu kliemu? Ilkoll nafuh il-miraklu tal-lifgħa li qabdet ma' id San Pawl huwa u jiġbor ftit ħatab għan-nar: "jaqbdu s-sriep b'idejhom u ma jiġrilhomx ħsara"; fejjaq lil missier Pubblju u l-morda kollha "iqegħduhom idejhom fuq il-morda u dawn ifiqu"; il-Maltin ma kinux jafu l-Grieg u l-Latin, iżda lil San Pawl fehmuh meta ħabrilhom 'l Kristu: "jitkellmu bl-ilsna ġodda"; u fl-aħħarnett keċċa minn fostna x-xjaten tal-paganeżmu u tana ħajja ġdida fi Kristu: "f'ismi jkeċċu x-xjaten".

## L-imħabba ta' Alla għalina

It-tifkira ta' dawn l-għeġubijiet li aħna nagħmlu kull sena trid turi l-ħajr tagħna lil Alla għall-imħabba speċjali tiegħu għalina sa mill-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju; sa minn dak iż-żmien riedna nagħmlu sehem mill-poplu li hu għażel għalih, u bl-għajnuna tiegħu tul dawn il-mijiet ta' snin bqajna fidili għal din is-sejħa tagħna. Matul il-mijiet ta' snin aħna biss minn fost il-ġnus kollha li San Pawl rebaħ għal Kristu bqajna fidili lejn il-Knisja li hu waqqaf flimkien ma' San Pietru f'Ruma, għalkemm kien hemm żminijiet li fihom din ir-rabta għożżewha biss għadd żgħir ħafna ta' nsara, aktarx ilsiera tal-Mislem li ħakem pajjiżna. Iżda iż-żerriegħa tal-fidi li San Pawl żera' fostna għamlet għeruq fil-fond f'art Maltija, u t-tempesti kollha li ħabtu għal gżiritna tul dawn l-elfejn sena ma rnexxilhomx iqaċċtuha. Minna jiddependi llum, jekk is-siġra tal-fidi li nibtet miż-żerriegħa li żera fostna San Pawl tibqa' tikber u tissaħħaħ, minkejja kull theddid tas-setgħat tal-ħażen. B'fiduċja kbira għalhekk nitolbu llum lil San Pawl ikompli jħares fostna l-fidi ta' Kristu u jżommha sħiħa tul iż-żminijiet kollha li ġejjin.

# Intenzjonijiet ta' l-Appostolat tat-talb għas-sena 1997

N.B. Kull xahar ikun hemm tliet intenzjonijiet:
1. Ġenerali
2. Missjunarja
3. Ta' l-Isqfijiet tagħna.

## Jannar

1. Biex il-Kattoliċi u l-insara l-oħra kollha li jaħdmu ħa jqisu sewwa flimkien bil-qawwa kollha, dak li jgħaqqadhom.
2. Biex l-imgħammdin kollha jagħtu xhieda b'ħajjithom għat-tħabbira tas-salvazzjoni ta' kulħadd f'Ġesù Kristu.
3. Biex jikber u jissaħħaħ f'Pajjiżna l-ispirtu ekumeniku, u l-Kattoliċi tagħna jitħeġġu biex jieħdu sehem f'laqgħat ta' talb għall-għaqda tal-knejjes insara.

## Frar

1. Biex f'kull komunità nisranija l-ħerqa għal min qed ibati turi ruħha b'għemejjel ta' mħabba u solidarjetà.
2. Biex il-morda u l-anzjani jagħrfu jgħaqqdu t-tbatijiet tagħhom ma' dawk ta' Kristu u joffruhomlu għall-ġid tal-Knisja kollha.
3. Biex il-morda, bi spirtu ta' fidi, jagħrfu jfittxu u jsibu lil Ġesù fil-mumenti ta' tbatija tagħhom.

## Marzu

1. Biex il-pajjiżi għonja u l-pajjiżi foqra, bi spirtu ta' ftehim responsabbli, jagħrfu jaħdmu flimkien biex bil-fatti jġibu 'l quddiem il-progress u l-paċi.
2. Biex fl-okkażjoni tal-175 anniversarju ta' l-Opra tal-Propagazzjoni tal-Fidi l-komunitajiet insara jħossu ruħhom aktar impenjati fil-ħidma għall-missjonijiet.
3. Biex il-Kampanja ta' Sagrifiċċju għall-Karità matul ir-Randan Imqaddes tqanqal ħafna qlub ġenerużi ħalli jħennu għal ħuthom u joffrulhom l-għajnuna tagħhom.

## April

1. Biex is-sehem tal-fidili fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija jqajjem fihom sens ta' ħelsien nisrani veru, skond il-messaġġ tal-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali.
2. Biex il-komunità nisranija ta' Hong Kong tkompli tagħti xhieda ta' fidi u għaqda, ta' tħabbira u ta' djalogu mal-poplu Ċiniż kollu.
3. Biex il-Kattoliċi ta' Pajjiżna jingħaqdu spiritwalment ma' ħuthom li ser jiċċelebraw is-46 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali u jitħeġġu iktar fl-imħabba u l-qima lejn l-Ewkaristija.

## Mejju

1. Biex il-fidi f'Marija tqawwi qalb dawk kollha li qed ifittxu jkunu jafu x'inhi r-rieda ta' Alla ħa jagħmluha.
2. Biex ikun hemm promozzjoni sħiħa tal-mara fuq ix-xbieha ta' Marija Omm Kristu u Omm il-Knisja.
3. Biex it-tfal u ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin sa minn ċkunithom jidraw iħobbu lill-Madonna u jitolbuha bil-qalb.

## Ġunju

1. Biex l-insara, bħala xbihat ħajja ta' Kristu li jilqa' u jaħfer, ikunu dawk li dejjem iġibu 'l quddiem l-ispirtu tar-rikonċiljazzjoni u ta' l-hena evanġeliku.
2. Biex il-popli kollha ta' l-Afrika jilqgħu l-kelma tal-Papa u ta' l-Isqfijiet ħa jaqbdu b'ħeġġa akbar il-mixja tal-fidi tagħhom u tal-progress tagħhom fis-sliem.
3. Biex il-persuni kkonsagrati jitħeġġu iktar f'imhabba ġeneruża lejn il-Qalb Divina ta' Kristu, u b'hekk iqanqlu vokazzjonijiet ġodda għall-hajja kkonsagrata.

## Lulju

1. Biex il-Knisja ġġib 'il quddiem iċ-ċiviltà ta' l-imħabba u tal-hajja, f'dinja mġarrba minn kultura ta' vjolenza u mewt.
2. Biex il-popli ta' l-Asja jiftħu qalbhom għad-dawl u għall-imħabba ta' Kristu, ħa jsibu fl-Evanġelju l-milja tal-valuri li hemm fil-kulturi u r-reliġjonijiet tagħhom.
3. Biex il-Mulej iżomm 'il bogħod minn Pajjiżna l-vjolenza u l-kultura tal-mewt.

**Awissu**

1. Biex il-Knisja turi dejjem aħjar ix-xirka fl-Ispirtu, fid-diversità tad-doni u tal-kariżmi.
2. Biex it-tħejjija għat-tielet elf sena tqajjem fil-Knisja ħeġġa għat-tħabbira ta' Ġesù Kristu, Feddej waħdieni tal-bniedem.
3. Biex it-turisti li jiġu jżuruna jaraw dejjem fina xhieda ta' fidi nisranija u ta' karità fraterna.

**Settembru**

1. Biex l-edukaturi u l-għalliema jkunu xhieda ta' min joqgħod fuqhom, ħa juru liż-żgħażagħ is-sens u l-ġmiel ta' ħajja mogħtija bħala don tiegħek innifsek.
2. Biex iż-żgħażagħ insara jilqgħu l-istedina tal-Papa u jsiru ħabbara veri u ħabrieka ta' l-evanġelizzazzjoni l-ġdida.
3. Biex it-tagħlin kateketiku li jsir fl-iskejjel u fid-djar tad-Duttrina jiswa tabilħaqq biex it-tfal u l-istudenti jsiru nsara awtentiċi.

**Ottubru**

1. Biex l-esperjenza ta' l-ispirtu ta' Kristu twassal lill-insara biex b'konvinzjoni akbar u b'dedikazzjoni jagħtu xhieda ta' l-imħabba tal-Missier għall-ġens kollu tal-bnedmin.
2. Biex fil-Knisja tal-Ġappun, it-tifkira tax-xhieda ta' l-ewwel martri tagħha timbuttaha għall-ħeġġa missjunarja ta' ħerqa liema bħalha.
3. Biex il-familji tagħna jkunu ċenaklu ta' mħabba, knisja tad-dar u skola tal-valuri tal-Vanġelu.

**Novembru**

1 Biex il-familji mifrudin u l-miżżewġin li tilfu l-fiduċja f'xulxin jagħrfu u jerġgħu jsibu t-triq it-tajba fid-dawl tal-fidi u ta' l-imħabba nisranija.
2. Biex l-istituti ta' ħajja konsagrata iwieġbu għas-sejħa tas-sinodu ħa jagħrfu sewwa d-dimensjoni proprja tal-kariżma tagħhom.
3. Biex il-mass media ma jkunux għodda ta' ħsara spiritwali għall-poplu tagħna iżda mezz ta' edukazzjoni għall-ġustizzja, fraternità umana u solidarjetà universali.

## Diċembru

1. Biex tinsab għajnuna għat-"tfal tat-triq", għat-tfal abbandunati, għat-tfal imwarrbin u maħqurin u għat-tfal imġarrbin minn kull xorta ta' vjolenza.
2. Biex il-volontarjat missjunarju jiġi 'l quddiem ukoll fost l-insara lajċi ta' l-Amerika Latina.
3. Biex il-jeddijiet tat-tfal ikunu mħarsin dejjem aħjar f'pajjiżna, hekk li t-tfal isibu fil-ġenituri u fl-edukaturi tagħhom nies li jmexxuhom fit-triq it-tajba.